



# Dokument Tematiku Klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija



## Daħla

L-Unjoni Ewropea tinkludi unjoni doganali li tkopri l-iskambji kollha tal-merkanzija. Din tal-aħħar fiha żewġ elementi ewlenin. Minn naħa, hija tipprevedi l-projbizzjoni, bejn l-Istati Membri, tad-dazji doganali fuq l-importazzjoni u fuq l-esportazzjoni, kif ukoll ta' kwalunkwe taxxa b'effett ekwivalenti, sew fir-rigward tal-prodotti li joriġinaw mill-Istati Membri u sew fir-rigward ta' dawk li joriġinaw minn pajjiżi terzi li jkunu qegħdin jiċċirkolaw liberament fl-Istati Membri. Min-naħa l-oħra, hija teħtieġ l-adozzjoni ta' tariffa doganali komuni fir-relazzjonijiet mal-pajjiżi terzi.

Din tal-aħħar tinkludi nomenklatura magħquda (iktar 'il quddiem in-“NM”) tal-merkanzija hekk li l-merkanzija kollha importata jew esportata tkun tista' taqa' taħt intestaturi tariffarji speċifiċi. Dan huwa l-għan tal-klassifikazzjoni tariffarja.

Billi l-ammont tad-dazji doganali li għandu jinġabar mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jiddependi mill-klassifikazzjoni tariffarja tal-prodott ikkonċernat u billi d-dħul minn dawn id-dazji huwa riżorsa proprja tal-Unjoni, il-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija hija partikolarment importanti, kemm mill-perspettiva tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u kemm minn dik tal-interessi tal-operaturi ekonomiċi kkonċernati.

Issa, din il-klassifikazzjoni tista' tqajjem għadd ta' diffikultajiet, b'mod partikolari meta hija tkun tikkonċerna merkanzija kumplessa. Sabiex dawn id-diffikultajiet jiġu indirizzati b'osservanza tar-rekwiżiti inerenti fil-prinċipju ta' ċertezza legali, twaqqfet sistema legali fil-livell Ewropew <sup>1</sup>.

Is-sistema Ewropea tal-klassifikazzjoni tariffarja hija msejsa fuq is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni tal-Merkanzija (iktar 'il quddiem is-“SA”), imfassla mill-Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwana (iktar 'il quddiem il-“WCO”) u mwaqqfa mill-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni tal-Merkanzija (iktar 'il quddiem il-“Konvenzjoni dwar is-SA”), konkluzja fi Brussell fl-14 ta' Ġunju 1983 u approvata, flimkien mal-protokoll ta' emenda tal-24 ta' Ġunju 1986, f'isem il-Komunità Ekonomika Ewropea, permezz tad-Deċiżjoni 87/369 <sup>2</sup>.

Bis-saħħa tal-Artikolu 3(1) tal-Konvenzjoni dwar is-SA, kull parti kontraenti timpenja ruħha li n-nomenklaturi tariffarji u statistiċi tagħha jkunu konformi mas-SA, li tuża kull intestatura u subintestatura ta' din tal-aħħar, mingħajr ma żżid magħhom u mingħajr ma

<sup>1</sup> Is-sistema Ewropea ta' klassifikazzjoni tal-merkanzija tista' tiġi analizzata f'żewġ partijiet, jiġifieri n-NM u t-Tariffa Integrata tal-Unjoni Ewropea (TARIC), stabbilita mill-Kummissjoni, li ttiprovdri informazzjoni dwar ir-rati ta' dazji doganali korrispondenti u dwar il-miżuri l-oħra li japplikaw għal oġġetti speċifiċi fl-Unjoni u li hija magħmula mill-kodiċi bi tmien numri tan-NM u kkompletat b'żewġ numri addizzjonali.

<sup>2</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' April 1987 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifika ta' Oġġetti u tal-Protokoll li Jemendaha (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 288).

tibdel fihom, kif ukoll il-kodiċi relatati magħhom, u li ssegwi l-ordni numeriku tal-imsemmija sistema. Kull parti kontraenti timpenja ruħha wkoll li tapplika r-Regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tas-SA, kif ukoll in-noti tat-taqsimiet, tal-kapitoli u tas-subintestaturi tas-SA u li ma tibdilx il-portata ta' dawn tal-aħħar. Il-WCO tapprova, fil-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni dwar is-SA, in-Noti ta' spjega u l-opinjonijiet ta' klassifikazzjoni adottati mill-Kumitat tas-SA.

Din is-sistema, li tirriżulta mir-Regolament tal-Kunsill Nru 2658/87<sup>3</sup>, li l-anness tiegħu jiġi spiss aġġornat<sup>4</sup>, sabiex, b'mod partikolari, jiddaħħlu kodiċi ġodda jew subdiviżjonijiet addizzjonali, tinkludi Regoli ġenerali ta' interpretazzjoni, Noti ta' spjega, kif ukoll regolamenti ta' klassifikazzjoni adottati mill-Kummissjoni. B'hekk, hija l-Qorti tal-Ġustizzja, fl-eżerċizzju tal-ġurisprudenza mogħtija lilha, li għandha tiżgura l-konsistenza fl-applikazzjoni tar-regoli u tal-atti msemmija iktar 'il fuq. Għal dan il-għan, il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet mitluba, permezz ta' rinviji għal deċiżjoni preliminari magħmula mill-qrati nazzjonali, tippreċiża l-interpretazzjoni tar-regoli ġenerali li jirregolaw il-klassifikazzjoni tariffarja u l-kriterji applikabbli fil-qasam, tikkjarifika l-portata tal-intestaturi u tas-subintestaturi tan-NM, kif ukoll tiddeċiedi dwar il-validità tar-regolamenti ta' klassifikazzjoni adottati mill-Kummissjoni.

Mingħajr ma tagħmel hija nnifisha l-klassifikazzjoni tariffarja tal-prodott ikkonċernat, il-Qorti tal-Ġustizzja tintalab għalhekk tipprovdi lill-partijiet ikkonċernati kull informazzjoni utli sabiex tiġi żgurata klassifikazzjoni korretta, u dan filwaqt li tagħti, fejn meħtieġ, indikazzjonijiet rilevanti għall-finijiet tal-eżerċizzju, fil-futur, tal-kompetenzi li jappartjenu lill-awtoritajiet doganali u tal-ġurisprudenza li tappartjenu lill-qrati nazzjonali.

B'dan il-mod, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-okkażjoni, diversi drabi, li tippreċiża l-fatturi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-klassifikazzjoni, bħall-użu maħsub jew il-funzjoni ta' prodott, kif ukoll l-interpretazzjoni tal-kunċetti rilevanti għall-klassifikazzjoni tal-prodotti li jkun fihom iktar minn kostitwent wieħed jew li jkunu jagħmlu parti minn oġġetti ieħor.

Dawn il-fatturi kollha tal-ġurisprudenza kotrana tal-Qorti tal-Ġustizzja, minħabba n-natura kumplessa u teknika li spiss jinvolve l-prodotti eżaminati, jikkontribwixxu ta' bilfors għall-importanza tar-rwol ta' din il-ġurisprudenza fil-qasam tal-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija.

L-għan ta' dan id-dokument tematiku huwa li tingħata ħarsa ħafifa lejn il-fatturi ewlenin ta' din il-ġurisprudenza. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-Qorti tal-Ġustizzja

<sup>3</sup> Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382). Dan ir-regolament stabbilixxa n-NM li tissodisfa, f'fin wieħed, ir-rekwiżiti tat-Tariffa Doganali Komuni, tal-istatistiċi tal-kummerċ estern tal-Unjoni u ta' politiki oħra tal-Unjoni dwar l-importazzjoni jew l-esportazzjoni tal-merkanzija.

<sup>4</sup> L-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87 tal-Kunsill ġie ssostitwit b'anness ġdid abbażi tat-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1832 tat-12 ta' Ottubru 2021 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU 2021, L 385, p. 1, rettifikati fil-ĠU 2021, L 414, p. 1, fil-ĠU 2022, L 13, p. 75 u fil-ĠU 2022, L 119, p. 115), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2022.

spiss tintalab tagħti deċiżjoni preliminari dwar domandi li, lil hinn min-natura ġuridika tagħhom, ikollhom x'jaqsmu ma' kwistjonijiet speċifiċi xjentifiċi u tekniċi, b'rabta mal-karatteristiċi u proprjetajiet oġġettivi tal-merkanzija kkonċernata. Konsegwentement, l-indikazzjonijiet mogħtija mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jkunu spiss kunsiderazzjonijiet u evalwazzjonijiet speċifiċi għal merkanzija partikolari. Għaldaqstant, sabiex il-qarrej ikun jista' jifhem aħjar il-kuntest fattwali u ġuridiku speċifiku għal kull waħda mid-deċiżjonijiet, magħżula b'mod li dan id-dokument tematiku jibqa', fl-intier tiegħu, jinftiehem sew, il-fatturi ewlenin tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ser jiġu ppreżentati fil-kuntest konkret ta' kull deċiżjoni u, sa fejn possibbli, enfasizzati bil-korsiv.

## Lista ta' abbrevjazzjonijiet

**ITA:** Ftehim dwar il-kummerċ tal-prodotti tat-teknoloġija tal-informatika

**CEN:** Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni

**NM:** Nomenklatura Magħquda

**WCO:** Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwana

**WTO:** Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

**BTI:** informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi

**SA:** Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni tal-Merkanzija

**TDK:** Tariffa Doganali Komuni

## Lista ta' atti msemmija

**Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87** tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382).

**Regolamenti tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3174/88** tal-21 ta' Settembru 1988 li jimmodifika l-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87 (ĠU 1988, L 298, p. 1); **Nru 548/89** dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħqda (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 54); **Nru 812/89** dwar il-klassifika ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħqda (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 67); **Nru 2886/89** tat-2 ta' Awwissu 1989 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU 1989, L 282, p. 1); **Nru 2472/90** tal-31 ta' Lulju 1990 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU 1990, L 247, p. 1); **Nru 2587/91** tas-26 ta' Lulju 1991 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU 1991, L 259, p. 1); **Nru 2505/92** tal-14 ta' Lulju 1992 li jemenda l-Annessi I u II tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU 1992, L 267, p. 1); u **Nru 2551/93** tal-10 ta' Awwissu 1993 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU 1993, L 241, p. 1).

**Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 535/94** tad-9 ta' Marzu 1994 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU 1994, L 68, p. 15); **Nru 3115/94** tal-20 ta' Diċembru 1992 li jemenda l-Annessi I u II tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 5, p. 324); **Nru 1165/95** tat-23 ta' Mejju 1995 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-nomenklatura magħqda (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 5, p. 410); **Nru 3009/95** tat-22 ta' Diċembru 1995 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU 1995, L 319, p. 1); **Nru 1734/96** tad-9 ta' Settembru 1996 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU 1996, L 238, p. 1); **Nru 1196/97** tas-27 ta' Ġunju 1996 li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' ċerta merkanzija fin-nomenklatura magħqda (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 8, p. 314); **Nru 1624/97** tat-13 ta' Awwissu 1997 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-

Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU 1997, L 224, p. 16); **Nru 1264/98** tas-17 ta' Ġunju 1998 li għandu x'jaqsam mal-klassifikazzjoni ta' xi oġġetti fin-nomenklatura magħquda (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 8, p. 492); **Nru 2261/98** tas-26 ta' Ottubru 1998 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU 1998, L 292, p. 1); **Nru 2518/98** tat-23 ta' Novembru 1998 li jirrigwarda l-klassifika ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 9, p. 52); **Nru 2204/99** tat-12 ta' Ottubru 1999 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU 1999, L 278, p. 1); **Nru 2263/2000** tat-13 ta' Ottubru 2000 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU 2000, L 276, p. 92); **Nru 2031/2001** tas-6 ta' Awwissu 2001 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU 2001, L 279, p. 1); **Nru 1832/2002** tal-1 ta' Awwissu 2002 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU 2002, L 290, p. 1); **Nru 1789/2003** tal-11 ta' Settembru 2003 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 14, p. 3); **Nru 1871/2003** tat-23 ta' Ottubru 2003 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 13, p. 493); **Nru 2344/2003** tat-30 ta' Diċembru 2003 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 15, p. 231); **Nru 754/2004** tal-15 ta' April 2004 dwar il-klassifika ta' ċerta merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 16, p. 93); **Nru 1810/2004** tas-7 ta' Settembru 2004 biex jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar it-tariffa u n-nomenklatura statistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU 2004, L 327, p. 1); **Nru 1719/2005** tas-27 ta' Ottubru 2005 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar it-tariffa u n-nomenklatura statistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU 2005, L 268, p. 1); **Nru 400/2006** tat-8 ta' Marzu 2006 li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU 2008, L 328M, p. 469, rettifika fil-ĠU 2009, L 84M, p. 295); **Nru 1549/2006** tas-17 ta' Ottubru 2006 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Komuni tad-Dwana (ĠU 2006, L 301, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 148, p. 27); **Nru 1214/2007** tal-20 ta' Settembru 2007 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni tad-Dwana (ĠU 2007, L 286, p. 1, rettifika fil-ĠU 2008, L 164, p. 46); **Nru 1031/2008** tad-19 ta' Settembru 2008 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa

Doganali Komuni tad-Dwana (ĠU 2008, L 291, p. 1); **Nru 948/2009** tat-30 ta' Settembru 2009 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni tad-Dwana (ĠU 2009, L 287, p. 1, rettifika fil-ĠU 2010, L 149, p. 27); u **Nru 1051/2009** tat-3 ta' Novembru 2009 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU 2009, L 290, p. 56).

**Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 861/2010** tal-5 ta' Ottubru 2010 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni tad-Dwana (ĠU 2010, L 284, p. 1); u **Nru 1006/2011** tas-27 ta' Settembru 2011 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU 2011, L 282, p. 1, rettifika fil-ĠU 2011, L 290, p. 6, fil-ĠU 2012, L 52, p. 32 u fil-ĠU 2012, L 226, p. 8).

**Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 620/2011** tal-24 ta' Ġunju 2011 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU 2011, L 166, p. 16); **Nru 727/2012** tas-6 ta' Awwissu 2012 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU 2012, L 213, p. 5); **Nru 927/2012** tad-9 ta' Ottubru 2012 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU 2012, L 304, p. 1); **Nru 1001/2013** tal-4 ta' Ottubru 2013 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU 2013, L 290, p. 1, rettifika fil-ĠU 2014, L 100, p. 13); **Nru 113/2014** tal-4 ta' Frar 2014 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU 2014, L 38, p. 20); **Nru 1101/2014** tas-16 ta' Ottubru 2014 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU 2014, L 312, p. 1); **Nru 1212/2014** tal-11 ta' Novembru 2014 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU 2014, L 329, p. 3); **2015/1754** tas-6 ta' Ottubru 2015 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU 2015, L 285, p. 1, rettifika fil-ĠU 2015, L 288, p. 16); u **2016/1140** tat-8 ta' Lulju 2016 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU 2016, L 189, p. 1).

**Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 950/68** tat-28 ta' Ġunju 1968 dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU 1968, L 172, p. 1); **Nru 1/71** tas-17 ta' Diċembru 1970 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 950/68 dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU 1971, L 1, p. 1); **Nru 3400/84** tas-27 ta' Novembru 1984 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 950/68 dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU 1984, L 320, p. 1); u **Nru 750/87** tas-16 ta' Marzu 1987 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 950/68 dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU 1987, L 76, p. 1).

**Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92** tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307).

**Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93** tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi il-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 6, p. 3).

**Regolament (KE) Nru 82/97** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1996 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 8, p. 179).

**Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 12/97** tat-18 ta' Diċembru 1996 li jemenda ir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 li jippreskrivi d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 8, p. 3).

**Regolament (UE) Nru 952/2013** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU 2013, L 269, p. 1, rettifika fil-ĠU 2013, L 287, p. 90 u fil-ĠU 2016, L 267, p. 2).

**Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1601/2001** tat-2 ta' Awissu 2001 li-imposizzjoni ta' taxa definitiva kontra d-dumping u l-ġbir definitiv tat-taxxa proviżorja kontra d-dumping imposta fuq l-importazzjoni ta'ċertu ħbula u kejbils tal-ħadid jew azzar ġejjin mir-Repubblika Ċeka, mir-Russja, mit-Tajlandja u mit-Turkija (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 38, p. 62).

**Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE** tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-armonizzazzjoni ta' l-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 206).

**Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE** tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE (ĠU 2009, L 9, p. 12).

**Direttiva 98/70/KE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 23, p. 182).

**Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE** tal-14 ta' Ġunju 1993 dwar mezzi mediċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 12, p. 82).

**Direttiva 2001/83/KEE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 69), kif emendata bid-Direttiva 2011/62/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 (ĠU 2011, L 174, p. 74, rettifika fil-ĠU 2018, L 29, p. 50).

Klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija

**Direttiva tal-Kummissjoni 2014/77/UE** tal-10 ta' Ġunju 2014 li temenda l-Annessi I u II tad-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil (ĠU 2014, L 170, p. 62).

## Werrej

DAĦLA .....	3
LISTA TA' ABBREVJAZZJONIJIET .....	6
LISTA TA' ATTI MSEMMIJA .....	7
I. KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI DWAR IN-NATURA U L-PORTATA TAL-FUNZJONIJIET TAL-QORTI TAL-UNJONI KIF UKOLL DWAR IL-KRITERJI RILEVANTI TA' EVALWAZZJONI .....	13
II. PRINĊIPJI LI JAPPLIKAW GĦALL-KLASSIFIKAZZJONI TARIFFARJA.....	21
1. Skop u portata tar-Regoli ġenerali ta' interpretazzjoni.....	21
1.1. Regola 1 – valur tat-termini użati fl-intestaturi u fis-subintestaturi u tal- kliem użat fit-titoli tan-NM.....	21
1.2. Regola 2(a) u (b) – prinċipji li japplikaw għall-oġġetti, skont l-istat ta' tlestija jew ta' kompletezza tagħhom, kif ukoll għall-materjali, skont l-użu tagħhom .....	24
1.3. Regola 3(a) sa (c) – prinċipji li japplikaw għall-prodotti mħallta jew oġġetti komposti li jistgħu jiġu kklassifikati taħt iktar minn intestatura waħda.....	26
1.4. Regoli 4 sa 6 – regola ġenerali, regola speċifika li tapplika għal ċerti kontenituri, regola dwar il-paraguni bejn subintestatura u oħra .....	35
2. Kriterji ta' klassifikazzjoni.....	38
2.1. Karatteristiċi u proprjetajiet oġġettivi tal-prodott.....	38
2.2. L-użu maħsub tal-prodott .....	48
2.3. Użu tal-prodott .....	55
2.4. Funzjoni tal-prodott.....	62
III. SORSI TAS-SISTEMA APPLIKABBLI GĦALL-PROĊEDURA TA' KLASSIFIKAZZJONI TARIFFARJA .....	69
1. Noti ta' spjega.....	69
1.1. Noti ta' spjega tal-WCO.....	69
1.2. Noti ta' spjega tal-Kummissjoni .....	74
2. Regolamenti ta' klassifikazzjoni tariffarja adottati mill-Kummissjoni.....	80
3. Opinjonijiet ta' klassifikazzjoni u informazzjoni tariffarja vinkolanti.....	90
3.1. Opinjonijiet ta' klassifikazzjoni tal-WCO u tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali.....	90
3.2. Informazzjoni tariffarja vinkolanti.....	94
4. Atti oħra legalment vinkolanti.....	103

## I. Kunsiderazzjonijiet ġenerali dwar in-natura u l-portata tal-funzjonijiet tal-qorti tal-Unjoni kif ukoll dwar il-kriterji rilevanti ta' evalwazzjoni

Sentenza tas-7 ta' Meju 1991, Post (C-120/90, [EU:C:1991:196](#))

*"Tariffa Doganali Komuni – Intestaturi tariffarji – Prodott li fih 76.6 % proteini, 5 % lattosju u 2.1 % xaħam mingħajr ebda zokkor li jista' jiġi osservat, miksub bl-ultrafiltrazzjoni– Klassifikazzjoni taħt intestatura 0404 90 33 tan-Nomenklatura Magħquda"*

Fil-kawża li wasslet għal din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tagħti risposta għad-domanda jekk trab imsejjaħ "konċentrat tal-proteina tax-xorrox [whey] ta' 75 %", li jinkiseb bl-ultrafiltrazzjoni tax-xorrox u li fih 76.6 % proteini, 2.1 % xaħam u 5 % lattosju, mingħajr ebda zokkor li jista' jiġi osservat, għandux jiġi kklassifikat taħt is-subintestatura 0404 90 33 tat-TDK <sup>5</sup>, "prodotti magħmula minn kostitwenti naturali tal-ħalib", jew jekk dan il-prodott jaqax taħt "xorrox" fis-subintestatura 0404 10 11 tat-TDK.

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li hija ġurisprudenza stabbilita li l-kriterju deċiżiv għall-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija għandu jitfittex, bħala regola, fil-karatteristiċi u l-proprjetajiet oġġettivi tagħhom, kif iddefiniti mill-kliem użat fl-intestaturi u fis-subintestaturi tat-TDK, kif ukoll fin-noti tat-taqsimiet u tal-kapitoli.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li s-subintestaturi 0404 10 u 0404 90 tat-TDK ikopru żewġ gruppi ta' prodotti, intitolati, minn naħa, "xorrox [...]" (subintestatura 0404 10) u, min-naħa l-oħra, "prodotti magħmula minn kostitwenti naturali tal-ħalib" (subintestatura 0404 90). Hija rrilevat, imbagħad, li n-Noti ta' spjega jippreċiżaw li x-xorrox fis-sens tal-intestatura 0404 tat-TDK huwa magħmul minn kostitwenti naturali li jifdal meta x-xaħam u l-kaseina jkunu tneħħew mill-ħalib. Skont dawn in-noti ta' spjega, ix-xorrox jista' jitneħħielu parzjalment il-lattosju jew il-minerali u jista' jkun ikkonċentrat.

B'hekk il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li wieħed għandu jipparaguna l-proporzjon ta' lattosju fix-xorrox u fi prodott bħal dak fil-kawża prinċipali, sabiex jiġi evalwat jekk dan tal-aħħar jistax jitqies bħala xorrox li jkun tneħħielu parzjalment il-lattosju, fis-sens tan-Noti ta' spjega.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet għall-ġurisprudenza tagħha li tgħid li, sabiex ikun jista' jiġi kklassifikat taħt subintestatura partikolari tad-TDK, prodott għandu jkun fih il-kostitwenti essenzjali tal-prodott bażiku u l-kompożizzjoni tiegħu ma tistax ma tkunx taqbel fundamentalment, fil-proporzjonijiet tagħha, ma' dik tal-prodott bażiku. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li dan ma huwiex il-każ ta' konċentrat tal-proteina tax-xorrox ta' 75 % tat-tip inkwistjoni quddiem il-qorti nazzjonali, sa fejn, minn naħa, il-

<sup>5</sup> TDK fl-Anness I tar-Regolament Nru 950/68, fil-verżjoni li tirriżulta mill-Anness tar-Regolament Nru 3174/88.

proporzjon ta' lattsosju ta' dan il-prodott kien jirrappreżenta biss madwar wieħed minn erbatax-il parti tal-valur li normalment ikun fih it-trab tax-xorrox u, min-naħa l-oħra, minħabba t-tneħħija kważi totali tal-lattsosju, il-partijiet rispettivi tal-kostitwenti l-oħra tax-xorrox wkoll inbidlu sostanzjalment.

Abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li prodott bħal dak fil-kawża prinċipali ma jistax jaqa' taħt is-subintestatura 0404 10 tat-TDK, inkwantu ma jibqagħlux il-karatteristiċi essenzjali tal-prodott bażiku "xorrox".

Mill-banda l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li konċentrat tal-proteina tat-tip inkwistjoni fil-kawża prinċipali jippreżenta l-karatteristiċi oġġettivi ddefiniti mill-kliem użat fis-subintestatura 0404 90 33.

Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li din il-konklużjoni hija kkonfermata mill-fatt li l-Kumitat tan-Nomenklatura tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali ddeċieda li jikklassifika x-xorrox immodifikat taħt is-subintestatura 0404 90 tat-TDK. Għall-kuntrarju, il-fatt li l-Kumitat tan-Nomenklatura ddikjara li kien opportun, fil-fehma tiegħu, li, fil-futur, issir modifika tan-nomenklatura hekk li x-xorrox ikun iggruppat taħt is-subintestatura 0404 10 tat-TDK u li, fil-futur, din il-perspettiva tiġi trasposta fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, ma kellu ebda importanza għall-interpretazzjoni tal-verżjoni tat-TDK allura fis-seħħ. Bl-istess mod, la t-terminoloġija allegatament użata mill-operaturi kkonċernati u lanqas il-possibiltà ta' applikazzjoni diverġenti tal-leġiżlazzjoni f'ċerti Stati Membri ma jistgħu jinfluwenzaw l-interpretazzjoni tat-TDK.

B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li prodott bħal dak fil-kawża prinċipali għandu jiġi kklassifikat taħt is-subintestatura 0404 90 33, "prodotti magħmula minn kostitwenti naturali tal-ħalib", tad-TDK, kif din is-subintestatura tirriżulta mill-Anness tar-Regolament Nru 3174/88. Tali prodott, li ma jibqagħlux il-karatteristiċi essenzjali tax-xorrox, ma jistax, effettivament, jaqa' taħt is-subintestatura 0404 10 "xorrox, anki kkonċentrat jew miżjud biz-zokkor jew b'taħlil ieħor".

#### **Sentenza tal-15 ta' Novembru 2012, Kurcums Metal (C-558/11, [EU:C:2012:721](#))**

*"Tariffa Doganali Komuni – Klassifikazzjoni tariffarja – Nomenklatura Magħquda – Kejbils ibridi "Taifun" prodotti fir-Russja, komposti minn polipropilen u minn ħajt tal-azzar – Vireg tal-morsa f'forma ta' U bit-trufijiet tagħhom tondi u marbuta b'kavilji – Dazji antidumping imposti fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti kejbils tal-ħadid jew tal-azzar ġejjin mir-Repubblika Ċeka, mir-Russja, mit-Tajlandja u mit-Turkija"*

Fl-2007, Kurcums Metal importat mir-Russja lejn il-Latvja, sabiex jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni, kejbils immanifatturati b'materjali ibridi, maħsuba sabiex jintużaw fil-manifattura ta' materjali tas-sajd, bħat-tartaruni. Il-vireg tal-morsa għall-ħbula importati minn Kurcums Metal kellhom il-forma ta' stejpils bi trufijiethom għat-tond, li jintrabtu b'kavilja li tista' tiġi ssikkata.

Waqf spezzjoni, l-amministrazzjoni fiskali Litwana qieset, abbażi tar-Regola ġenerali 3(b) għall-interpretazzjoni tan-NM, li l-kejbils inkwistjoni kienu jaqgħu taħt is-subintestatura 7312 10 98 tan-NM, u dan billi, minkejja li kienu magħmula minn diversi materjali, jiġifieri l-azzar u l-polipropilen, il-karatteristiċi essenzjali tagħhom, jiġifieri s-solidità u t-toqol, tahom lhom l-azzar. Il-vireg tal-morsa, min-naħa tagħhom, kienu jaqgħu, fil-fehma ta' din l-amministrazzjoni, taħt is-subintestatura 7326 90 98 tan-NM, billi ma kellhom ebda punta jew tarf u ma kellhomx il-karatteristiċi ta' "stejpils".

Konsegwentement, Kurcums Metal ġiet imġiegħla tħallas dazji antidumping definittivi, dazji fuq l-importazzjoni u t-taxxa fuq il-valur miżjud, liema dazji u taxxa kienu suġġetti għal interessi moratorji u għal multa.

Kurcums Metal ippreżentat rikors għall-annullament ta' din id-deċiżjoni, liema rikors ġie miċħud kemm fl-ewwel istanza, kif ukoll fl-appell.

Aditi b'appell ta' kassazzjoni f'din il-kawża, il-qorti tar-rinviju staqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk is-subintestatura 5607 49 11 tan-NM<sup>6</sup> għandhiex tiġi interpretata fis-sens li kejbils bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, magħmula kemm mill-polipropilen kif ukoll minn ħjat tal-azzar miksi biż-żingu, jaqgħu, bħala tali, taħt din is-subintestatura.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li mill-kliem użat fis-subintestaturi 5607 49 11 u 7312 10 98 jirriżulta li, bħala tali, kejbils bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali la jaqgħu taħt is-subintestatura 5607 49 11 u lanqas taħt is-subintestatura 7312 10 98 tan-NM. Fil-fatt, dawn tal-aħħar kienu magħmula kemm mill-polipropilen kif ukoll minn ħjat tal-azzar miksi biż-żingu, liema żewġ materjali jitħalltu hekk li jagħmlu flimkien il-kejbils inkwistjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, dawn l-istess kejbils la kienu, bħal tali, ċwiemi, ħbula jew kejbils tal-polipropilen u lanqas ma kienu kejbils tal-azzar.

Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja żammet li s-subintestatura 5607 49 11 tan-NM għandha tiġi interpretata fis-sens li kejbils bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, magħmula kemm mill-polipropilen kif ukoll minn ħjat tal-azzar miksi biż-żingu, ma jaqgħux, bħala tali, taħt din is-subintestatura.

Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju xtaqet tkun taf jekk l-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 1601/2001 għandux jiġi interpretat fis-sens li kejbils bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, kemm-il darba kellu jitqies li jaqgħu taħt is-subintestatura 7312 10 98 tan-NM, jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

Wara li fakkret il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 1601/2001, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, jekk il-kejbils jaqgħu taħt is-subintestatura 7312 10 98 tan-NM, huma jidħlu, għaldaqstant, fl-imsemmi kamp ta' applikazzjoni.

<sup>6</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, kif emendat bir-Regolament Nru 1549/2006.

Sa fejn kellha x'taqsam id-diverġenza bejn il-verżjoni bil-lingwa Latvjana tal-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 1601/2001 u l-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra ta' din l-istess dispożizzjoni li, għall-kuntrarju tal-verżjoni bil-lingwa Latvjana, ilkoll isemmu s-subintestatura 7312 10 99 tan-NM, fil-verżjoni tagħha li tirriżulta mir-Regolament Nru 2263/2000, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-formulazzjoni użata f'waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma tistax isservi bħala bażi unika għall-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jew li tingħata, f'dan ir-rigward, preċedenza fuq il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra. Tali approċċ ikun, fil-fatt, inkompatibbli mar-rekwiżit li d-dritt tal-Unjoni jkun applikat b'mod uniformi. Fil-każ ta' diverġenza fid-diversi verżjonijiet lingwistiċi, id-dispożizzjoni inkwistjoni għandha għalhekk tiġi interpretata fid-dawl tal-loġika ġenerali u tal-iskop tal-leġiżlazzjoni li minnha tkun tagħmel parti.

Fid-dawl tal-loġika ġenerali tal-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 1601/2001, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li s-sempliċi ommissjoni li ssir referenza, fil-verżjoni bil-lingwa Latvjana tal-imsemmija dispożizzjoni, għas-subintestatura 7312 10 99 tan-NM fil-verżjoni tagħha li tirriżulta mir-Regolament Nru 2263/2000, ommissjoni li, huwa ċar, kienet żball fl-abbozzar, ma tippermettix li din l-istess dispożizzjoni tiġi interpretata fis-sens li teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha l-importazzjoni mir-Russja lejn il-Latvja ta' kejbils bħal daww inkwistjoni fil-kawża prinċipali, kemm-il darba kellu jitqies li dawn tal-aħħar jaqgħu taħt is-subintestatura 7312 10 98 tan-NM.

Il-qorti tar-rinviju staqsiet ukoll lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk is-subintestatura 7317 00 90 tan-NM għandhiex tiġi interpretata fis-sens li vireg tal-morsa f'forma ta' U li t-tarf tagħhom huwa tond u li huma marbuta b'kavilja, bħal daww inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jaqgħu taħt din is-subintestatura.

Sa fejn kellha x'taqsam din id-domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li s-subintestatura 7317 00 90 tan-NM tapplika, skont il-kliem użat fl-intestatura 7317 00 tan-NM, għall-imsiemer, għat-taċċi, għal-labar li bihom wieħed iwaħħal il-karta tad-disinn mat-tavlozza, għall-imsiemer immewġin, għall-istejpils u għal oġġetti simili, magħmula mill-ħadid fondut, mill-ħadid jew mill-azzar.

Issa, fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, tali prodotti għandhom trufijiet bil-ponta. Dan ma kienx il-każ tal-vireg tal-morsa f'forma ta' U li t-tarf tagħhom huwa tond u li huma marbuta b'kavilja, bħal daww inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja wieġbet fin-negattiv.

#### **Sentenza tal-20 ta' Novembru 2014, Rohm Semiconductor (C-666/13, [EU:C:2014:2388](#))**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari - Unjoni doganali - Klassifikazzjoni tariffarja - Tariffa Doganali Komuni - Nomenklatura Magħquda - Intestaturi 8541 u 8543 - Moduli għat-trażmissjoni u għar-riċezzjoni ta' data fuq distanza qasira - Subintestaturi 8543 89 95 u 8543 90 80 - Kunċett ta' partijiet ta' magni u ta' apparati elettriċi"*

Fil-kawża li wasslet għal din is-sentenza, il-qorti tar-rinviju staqsiet, permezz tal-ewwel domanda tagħha, jekk in-NM għandhiex tiġi interpretata fis-sens li moduli li jikkonsistu, kull wieħed minnhom, fl-interkonnessjoni ta' diode li jarmi d-dawl, photodiode u diversi apparati semikondutturi oħra u li jistgħu jintużaw sabiex jittrażmettu/jirċievu permezz tal-infraaħmar, meta minnhom jgħaddi l-elettriku li jkun ġej mill-apparati li jinkorporawhom, jaqgħu taħt l-intestatura 8543 tan-NM <sup>7</sup>.

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li meta hija tkun adita b'rinviju għal deċiżjoni preliminari fil-qasam tal-klassifikazzjoni tariffarja, il-funzjoni tagħha hija iktar li tillumina lill-qorti nazzjonali dwar il-kriterji li l-implimentazzjoni tagħhom tgħin sabiex din tal-aħħar tikklassifika tajjeb il-prodotti inkwistjoni fil-kawża prinċipali fin-NM milli li tagħmel din il-klassifikazzjoni hija stess. Madankollu, sabiex tagħti risposta utli lill-qorti tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', fi spirtu ta' kooperazzjoni mal-qrati nazzjonali, tagħtiha l-indikazzjonijiet kollha li hija tqis neċessarji.

It-tieni, il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet għall-ġurisprudenza tagħha li tgħid li l-kriterju deċiżiv għall-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija għandu jifitex, bħala regola, fil-karatteristiċi u l-proprjetajiet oġġettivi tagħhom, kif iddefiniti mill-kliem użat fl-intestatura tan-NM u fin-noti tat-taqsimiet u tal-kapitoli. L-aħħar nett, il-Qorti żiedet tgħid li n-Noti ta' spjega tan-NM, imfassla mill-Kummissjoni, u tas-SA huma ta' għajnuna kbira fl-interpretazzjoni tal-portata tad-diversi intestaturi tariffarji mingħajr, madankollu, ma huma legalment vinkolanti.

Wara li għamlet dawn il-kunsiderazzjonijiet preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat li min-natura sussidjarja tal-intestatura 8543 jirriżulta li din tapplika biss għal apparat elettriku jekk dan ikollu funzjoni speċifika u ma jkunx jista' jiġi kklassifikat taħt intestaturi oħra tal-Kapitolu 85 tan-NM.

B'hekk, billi, minn naħa, l-moduli inkwistjoni, użati sabiex jittrażmettu u jirċievu, filwaqt li jinteraġixxu ma' għodod elettroniċi oħra, permezz ta' raġġi infraaħmar, data fuq distanza qasira, kellhom funzjoni speċifika u billi, min-naħa l-oħra, dawn il-moduli, li jikkonsistu, kull wieħed minnhom, fl-interkonnessjoni ta' diode li jarmi d-dawl, photodiode u diversi apparati semikondutturi oħra, u li huma maħsuba sabiex jiġu integrati f'apparati oħra li minnhom jgħaddi l-elettriku, ma kinux inklużi taħt ebda intestatura oħra tal-Kapitolu 85 tan-NM ħlief l-intestatura 8543, l-imsemmija moduli kienu jaqgħu taħt din l-intestatura tal-aħħar.

Permezz tat-tieni domanda, il-qorti tar-rinviju xtaqet tkun taf, essenzjalment, jekk in-NM għandhiex tiġi interpretata fis-sens li l-moduli inkorporati f'apparati li ma jkunux neċessarji għall-funzjonament mekkaniku jew elettriku ma jikkostitwixxux partijiet fis-sens tas-subintestatura 8543 90 80 tan-NM, iżda jaqgħu taħt is-subintestatura 8543 89 95 tal-imsemmija nomenklatura.

<sup>7</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, kif emendat bir-Regolament Nru 1832/2002.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-kunċett ta' "parts" fis-sens tan-Nota 2 tat-Taqsima XVI tan-NM ma huwiex iddefinit minn din tal-aħħar u li l-Qorti tal-Ġustizzja fittxet li tagħti lil dan il-kunċett definizzjoni unika u komuni għall-kapitoli kollha tan-NM.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li mill-ġurisprudenza tagħha jirriżulta li l-kunċett ta' "parts" jimplika l-preżenza ta' unità li dawn tal-aħħar ikunu indispensabbli għall-funzjonament tagħha.

Konsegwentement, sabiex oġġett ikun jista' jiġi kklassifikat bħala "parts", ma huwiex biżżejjed li jintwera li, mingħajr dan l-oġġett, il-magna ma tkunx tista' tissodisfa l-bżonnijiet li din tkun maħsuba sabiex tissodisfa. Jeħtieġ jiġi stabbilit ukoll li l-funzjonament mekkaniku jew elettriku tal-magna inkwistjoni jkun jiddependi mill-imsemmi oġġett.

B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li moduli bħal dawk fil-kawża prinċipali ma jikkostitwixxux partijiet fis-sens tas-subintestatura 8543 90 80 tan-NM, iżda jaqgħu taħt is-subintestatura 8543 89 95 tal-imsemmija nomenklatura.

#### **Sentenza tal-15 ta' Diċembru 2016, LEK(C-700/15, [EU:C:2016:959](#))**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Nomenklatura Magħquda – Klassifikazzjoni tal-merkanzija – Supplimenti tal-ikel li jaqgħu taħt l-intestatura tariffarja 2106 – Ingredjent attiv bħala komponent essenzjali – Klassifikazzjoni eventwali fil-Kapitolu 30 tan-Nomenklatura Magħquda – Preżentazzjoni u kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti bħala prodotti mediċinali"*

F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tagħti deċiżjoni dwar, *inter alia*, l-interpretazzjoni tan-NM fid-dawl ta' atti oħra tal-Unjoni. B'mod partikolari, il-qorti tar-rinviju staqsiet, permezz tat-tielet domanda tagħha, jekk l-intestatura 3004 tan-NM<sup>8</sup> għandhiex tiġi interpretata fis-sens li prodott li jaqgħu fl-iskop tal-kunċett "prodott mediċinali", fis-sens tad-Direttiva 2001/83, għandhom awtomatikament jiġu kklassifikati taħt din l-intestatura.

Qabel xejn, il-Qorti tal-Ġustizzja kkjarifikat li mill-premessi 2 sa 5 tal-imsemmija direttiva jirriżulta li din tal-aħħar tfittex li tiżgura l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali dwar il-prodotti mediċinali, u dan filwaqt li tiżgura wkoll li jintlaħaq l-għan ewlieni li huwa l-ħarsien tas-saħħa pubblika. Għalhekk, il-klassifikazzjoni ta' prodott fi Stat Membru bħala prodott mediċinali fis-sens tad-Direttiva 2001/83 ma teħtieġx li dan l-istess prodott ikun ikklassifikat, minn Stat Membru ieħor, bħala prodott mediċinali fis-sens ta' strumenti oħra tad-dritt tal-Unjoni.

Barra minn hekk, mit-tmien premessa tar-Regolament Nru 2658/87 jirriżulta li d-dispożizzjonijiet tan-NM għandhom jiġu interpretati bl-istess mod minn kull Stat Membru.

<sup>8</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, kif emendat bir-Regolament Nru 1006/2011.

Barra minn hekk, mill-kliem użat fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2001/83 jirriżulta li prodott mediċinali fis-sens ta' din id-direttiva jinkludi, minn naħa, kull sustanza jew kompożizzjoni ppreżentata bħala li għandha proprjetajiet li jfejqu jew jipprevjenu l-mard tal-bniedem u, min-naħa l-oħra, kull sustanza jew kompożizzjoni li tista' tintuża mill-bniedem jew li tista' tingħatalu sabiex tirrestawra, tikkoreġi jew timmodifika l-funzjonijiet fiżjoloġiċi billi teżerċita azzjoni farmakoloġika, immunoloġika jew metabolika, jew sabiex issir dijanjożi medika.

Konsegwentement, l-imsemmija definizzjoni ma teħtieġ li l-prodotti li jaqgħu fl-iskop tagħha għandhom bilfors jissodisfaw il-kundizzjoni li dawn jiġu kklassifikati taħt il-Kapitolu 30 tan-NM, jiġifieri li jippreżentaw profil terapewtiku jew profilattiku ddefinit b'mod ċar b'effett li jikkonċentra fuq funzjonijiet preċiżi ta' ġisem il-bniedem jew li jistgħu jiġu applikati fil-prevenzjoni jew fil-kura tal-mard. Fil-fatt, id-Direttiva 2001/83 tfittex li tilħaq għanijiet li huma differenti minn dawk tan-NM.

B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-intestatura 3004 tan-NM għandha tiġi interpretata fis-sens li prodotti li jaqgħu fl-iskop tal-kunċett "prodott mediċinali", fis-sens tad-Direttiva 2001/83, ma għandhomx awtomatikament jiġu kklassifikati taħt din l-intestatura.

**Sentenza tal-20 ta' Settembru 2018, 2M-Locatel (C-555/17, [EU:C:2018:746](#))**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Regolament (KEE) Nru 2658/87 – Unjoni doganali u tariffa doganali komuni – Klassifikazzjoni tariffarja – Nomenklatura Magħquda – Subintestaturi 8528 71 13 u 8528 71 90 – Apparati li jista' jirċievi, jiddekodifika u jipproċessa sinjali tat-televiżjoni trażmessi fuq protokoll tal-internet"*

Bejn l-2007 u l-2010, 2M-Locatel importat miċ-Ċina kaxxi set-top IPTV li ma għandhomx il-kapaċità li jirċievu, jiddekodifikaw u jipproċessaw sinjali tat-televiżjoni trażmessi birradju, bil-kejbil jew bis-satellita. Dawn il-kaxxi set-top jinkludu apparat Ethernet u huma mgħammra b'"modem", fis-sens tan-NM. Din il-merkanzija ġiet iddikjarata, mal-importazzjoni tagħha, li taqa' taħt is-subintestatura 8528 71 13 tan-NM u ġiet sussegwentement irrilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera eżenta mid-dazji doganali.

Madankollu, l-awtorità fiskali u doganali Daniża, billi, fil-fehma tagħha, l-imsemmija merkanzija kellha tiġi kklassifikata taħt is-subintestatura 8528 71 90 tan-NM minħabba li ma kinitx tinkludi "tuner tal-video", fis-sens tan-NM, ħarġet avviż ta' aġġustament li ppreveda l-irkupru *a posteriori* tad-dazji doganali fuq l-importazzjoni, flimkien mal-interessi.

Adita bi lment magħmul minn 2M-Locatel, il-Kummissjoni Fiskali Daniża rriformat din id-deċiżjoni u annullat l-ordni ta' rkupru minħabba li l-imsemmija kaxxi set-top IPTV kienu jaqgħu taħt is-subintestatura 8528 71 13 tan-NM. Il-Ministeru għat-Taxxa u għad-Dazji tas-Sisa ppreżenta rikors kontra l-imsemmija deċiżjoni li ntlaqa' permezz ta' sentenza tal-15 ta' Lulju 2015.

2M-Locatel ippreżentat appell minn din is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju.

Il-qorti tar-rinviju, billi kellha dubji dwar, b'mod partikolari, in-nuqqas ta' definizzjoni tal-kunċett ta' "tuner tal-video" fin-NM, staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk in-NM<sup>9</sup> għandhiex tiġi interpretata fis-sens li apparati, bħalma huma l-kaxxi set-top IPTV inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jaqgħu taħt is-subintestatura 8528 71 13 jew taħt is-subintestatura 8528 71 90 ta' din tal-aħħar.

Sa fejn għandu x'jaqsam in-nuqqas tad-definizzjoni kkonċernata, fis-sens tas-subintestatura 8528 71 tan-NM, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li t-tifsira u l-portata tal-kliem li d-dritt tal-Unjoni ma jagħti ebda definizzjoni tiegħu għandhom jiġu ddeterminati skont is-sens normali fil-lingwaġġ ta' kuljum tal-imsemmi kliem u dan filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kuntest li fih dan jintuża u l-għanijiet li tfittex li tilħaq il-leġiżlazzjoni li minnha jkun jagħmel parti.

B'hekk, "tuner tal-video" jew "tuner tat-televiżjoni", fis-sens normali ta' dawn il-kelmiet, huwa apparat li jikkonverti s-sinjali tat-televiżjoni bi frekwenza għolja f'sinjali li jistgħu jintużaw mill-apparati għall-irrekordjar u għar-riproduzzjoni jew monitors tal-video jew mill-monitors u li jkollu wkoll il-kapaċità li jagħżel is-sinjali tat-televiżjoni trażmessi fuq frekwenza speċifika. Barra minn hekk, fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, din id-definizzjoni kienet ikkorroborata min-Noti ta' spjega tan-NM fis-seħħ fid-data li fiha saru l-importazzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

Dan ifisser li, sabiex jaqa' taħt is-subintestaturi 8528 71 11 sa 8528 71 19 tan-NM, apparat għandu jinkorpora tuner tal-video jew "tuner tat-televiżjoni", jiġifieri apparat li għandu l-kapaċità li jagħżel l-istazzjonijiet jew il-frekwenzi ta' trażmissjoni u li jikkonverti sinjali tat-televiżjoni bi frekwenza għolja f'sinjali li jistgħu jintużaw mill-apparati għall-irrekordjar u għar-riproduzzjoni jew mill-monitors.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet tgħid li l-paragrafu 2 tal-ITA<sup>10</sup> ma twaqqax dubju fuq din l-interpretazzjoni. Huwa minnu li mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li s-supremazija tal-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni fuq strumenti tad-dritt sekondarju tfisser li dawn tal-aħħar għandhom, sa fejn possibbli, jiġu interpretati skont dawn il-ftehimiet.

Madankollu, f'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li tali interpretazzjoni, li timplika l-fehma li l-kaxxi set-top b'funzjoni ta' komunikazzjoni għandhom jiġu kklassifikati taħt is-subintestatura 8528 71 13 tan-NM, inkluż f'sitwazzjoni fejn la jkollhom il-kapaċità li jagħżlu l-istazzjonijiet jew il-frekwenzi ta' trażmissjoni u lanqas il-kapaċità li jikkonvertu sinjali tat-televiżjoni bi frekwenza għolja f'sinjali li jistgħu jintużaw mill-apparati għall-

<sup>9</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, kif emendat bir-Regolament Nru 1549/2006.

<sup>10</sup> Il-Ftehim dwar il-kummerċ fi prodotti tat-teknoloġija tal-informatika (ITA), magħmul mid-Dikjarazzjoni ministerjali dwar il-kummerċ fil-prodotti tat-teknoloġija tal-informatika adottata fit-13 ta' Diċembru 1996 matul l-ewwel konferenza tal-WTO f'Singapor, kif ukoll mill-annessi u mill-appendiċi ta' din tal-aħħar.

irrekordjar u għar-riproduzzjoni jew mill-monitors, ma hijiex possibbli minħabba li tmur kontra l-kliem użat fin-NM u, għaldaqstant, kontra r-rieda tal-leġislator tal-Unjoni.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, għall-perijodu qabel id-data ta' skadenza tat-terminu raġonevoli mogħti lill-Unjoni skont il-Qbil dwar ir-Regoli u l-Proċeduri li jirregolaw is-Soluzzjoni tat-Tilwim, il-qorti tal-Unjoni ma tistax tistħarreġ il-legalità tal-atti tal-Unjoni fid-dawl tar-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (iktar 'il quddiem il-“WTO”) sabiex tikkonforma ruħha mar-rakkomandazzjonijiet jew mad-deċiżjonijiet tal-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tal-WTO, mingħajr ma trendi bla effett tali terminu.

Issa, it-terminu raġonevoli mogħti lill-Unjoni sabiex timplimenta r-rapporti adottati mill-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tal-WTO li jfissru, b'mod partikolari, x'għandu wieħed jifhem b'“kaxxa set-top”, skada fit-30 ta' Ġunju 2011 u l-Kummissjoni ħadithom inkunsiderazzjoni meta adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 620/2011, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2011 u li ma għandu ebda effett retroattiv.

F'sitwazzjoni bħal din, ma jistax, fi kwalunkwe każ, jitwaqqa' dubju fuq il-validità tar-Regolament Nru 1549/2006 minħabba li dan jikklassifika taħt is-subintestatura 8528 71 90 tan-NM il-kaxxi set-top b'funzjoni ta' komunikazzjoni u li ma jkollhomx tuner tat-televiżjoni.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li apparati li jkollhom il-kapaċità li jirċievu, jiddekodifikaw u jipproċessaw sinjali tat-televiżjoni trażmessi bit-teknoloġija internet għandhom jiġu kklassifikati taħt is-subintestatura 8528 71 90 ta' din tal-aħħar, u dan kemm-il darba ma jkollhomx tuner tal-video jew “tuner tat-televiżjoni” – ħaġa li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.

## II. Prinċipji li japplikaw għall-klassifikazzjoni tariffarja

### 1. Skop u portata tar-Regoli ġenerali ta' interpretazzjoni

#### 1.1. Regola 1 – valur tat-termini użati fl-intestaturi u fis-subintestaturi u tal-kliem użat fit-titoli tan-NM

L-ewwel parti tan-NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, li tikkonċerna d-“Dispożizzjonijiet preliminari”, tinkludi Taqsima 1, iddedikata għar-“Regoli ġenerali”, li s-Sezzjoni A tagħha fiha regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-NM.

Ir-Regola 1 tipprovdi li t-“titoli tat-taqsimiet, tal-kapitoli u tas-subkapitoli qed jingħataw biss għal finijiet ta' ħeffa tar-referenza; għal finijiet legali, il-klassifikazzjoni għandha tkun deċiża skont it-termini tal-intestaturi u n-noti ta' kwalunkwe taqsima jew kapitolu relattiv

u, sakemm dawn l-intestaturi jew in-noti ma jesiġux mod ieħor, skont id-dispożizzjonijiet li ġejjin.”

**Sentenza tat-12 ta' Ġunju 2014, Lukoyl Neftohim Burgas (C-330/13, [EU:C:2014:1757](#))**

*“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tariffa Doganali Komuni – Nomenklatura Magħquda – Klassifikazzjoni tal-merkanzija – Merkanzija deskritta bħala ‘żejt tqil, żejt lubrikanti jew żejt ieħor li għandu jgħaddi minn proċess speċifiku’ – Intestaturi 2707 u 2710 – Kostitwenti aromatiċi u kostitwenti mhux aromatiċi – Relazzjoni bejn in-Nomenklatura Magħquda u s-Sistema Armonizzata”*

F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet għal għaxar domandi preliminari dwar il-klassifikazzjoni tariffarja ta' żejt partikolari. B'mod iktar speċifiku, dan kien żejt tal-petrol iddistillat direttament, li kien fih taħlita ta' idrokarburi li l-piż tal-kostitwenti aromatiċi tagħha kien jeċċedi dak tal-kostitwenti mhux aromatiċi. Dan iż-żejt la kien magħmul mill-benzina, mit-toluwina, mill-ksilini, min-naftalina, minn taħlitiet oħra ta' idrokarburi aromatiċi, minn żjut tal-kreożot jew mhux raffinati u lanqas minn uċuħ bil-kubrit, minn prodotti bażiċi, mill-antraċene jew mill-fenoli.

Permezz tar-raba' sas-sitt domanda, il-qorti tar-rinviju staqsiet, essenzjalment, skont liema kriterju kellu ż-żejt inkwistjoni fil-kawża prinċipali jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 2707 jew taħt l-intestatura 2710 tan-NM <sup>11</sup>.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, minn naħa, ir-Regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-NM jipprevedu li l-klassifikazzjoni tal-merkanzija għandha tiġi ddeterminata skont it-termini użati fl-intestaturi u fin-noti tat-taqsimiet jew tal-kapitoli, billi l-kliem użat fit-titoli tat-taqsimiet, tal-kapitoli jew tas-subkapitoli huwa meqjus li għandu biss valur indikattiv. Min-naħa l-oħra, skont ġurisprudenza stabbilita, il-kriterju deċiżiv għall-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija għandu jitfittex, bħala regola, fil-karatteristiċi u l-proprjetajiet oġġettivi tagħhom, kif iddefiniti mill-kliem użat fl-intestatura tan-NM u fin-noti tat-taqsimiet jew tal-kapitoli.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li n-Noti ta' spjega tas-SA huma strumenti importanti sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tat-Tariffa Doganali Komuni u jipprovdu, bħala tali, gwida utli għall-interpretazzjoni tagħha, minkejja li ma għandhom ebda saħħa vinkolanti.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet, abbażi ta' analiżi tal-kliem użat fl-intestatura tan-NM u fin-Noti ta' spjega tan-NM u tas-SA relatati mal-intestaturi inkwistjoni, li l-kriterju li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex prodott bil-karatteristiċi bħal dawk tal-prodott inkwistjoni fil-kawża prinċipali jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 2707 jew taħt l-

<sup>11</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, kif emendat bir-Regolament Nru 1006/2011.

intestatura 2710 tan-NM huwa l-kontenut bil-piż tal-kostitwenti aromatiċi meta mqabbel ma' dak tal-kostitwenti mhux aromatiċi.

Permezz tal-ewwel u tat-tielet domanda, il-qorti tar-rinviju staqsiet, essenzjalment, kif għandu jiġi ddeterminat il-kontenut tal-kostitwenti aromatiċi fi prodott partikolari sabiex jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 2707 jew taħt l-intestatura 2710 tan-NM.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li n-Noti ta' spjega tan-NM ma għandhomx is-saħħa vinkolanti ta' liġi. Konsegwentement, il-metodu tal-Anness A sabiex jiġi ddeterminat il-kontenut tal-kostitwenti aromatiċi fi prodott partikolari ma għandux jitqies bħala l-uniku metodu applikabbli f'dan is-sens. Barra minn hekk, in-Noti ta' spjega tan-NM ma għandhomx japplikaw meta jkun jidher li dawn ikunu jmorru kontra l-kliem użat fl-intestaturi tan-NM u fin-noti tat-taqsimha jew tal-kapitolu. Dan ifisser li, meta l-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru jew operatur ekonomiku jsibu ruħhom f'sitwazzjoni fejn l-applikazzjoni tan-Noti ta' spjega tan-NM issarraff'riżultat inkompatibbli man-NM, huma għandu jkollhom il-possibbiltà li jressqu azzjoni quddiem l-awtorità kompetenti. Konsegwentement, jekk l-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru jew operatur ekonomiku jqisu li l-metodu tal-Anness A ma jwassalx għal riżultat konformi man-NM, huma jistgħu jressqu azzjoni quddiem l-awtorità kompetenti.

B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li hija l-qorti adita li għandha tiddeċiedi liema huwa l-metodu l-iktar xieraq sabiex jiġi ddeterminat il-kontenut tal-kostitwenti aromatiċi fi prodott partikolari sabiex dan jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 2707 jew taħt l-intestatura 2710 tan-NM.

Permezz tas-seba' sat-tmien domanda, il-qorti tar-rinviju staqsiet, essenzjalment, kif għandu jiġi interpretat il-punt 1 tan-Noti ta' spjega tan-NM relatati mas-subintestaturi 2707 99 91 u 2707 99 99 tan-NM.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet għall-ġurisprudenza stabbilita tagħha, li tgħid li, għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kliem użat fiha u l-għan ta' din tal-aħħar, kif ukoll il-kuntest ta' din id-dispożizzjoni u l-għanijiet li l-leġiżlazzjoni li minnha tagħmel parti fittex li tilħaq. Fit-tieni lok, in-neċessità ta' interpretazzjoni uniformi tar-regolamenti tal-Unjoni teskludi li, fil-każ ta' dubju, it-test ta' dispożizzjoni jiġi kkunsidrat waħdu u teħtieġ, għall-kuntrarju, li dan jiġi interpretat u applikat fid-dawl tal-verżjonijiet eżistenti bil-lingwi uffiċjali l-oħra. Fit-tielet lok, inkwantu n-Noti ta' spjega tan-NM għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-interpretazzjoni tagħha għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tariffarja, dawn għandhom jiġu interpretati b'mod li jiġi żgurat l-effett utli tas-subintestaturi tan-NM.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-punt 1 tan-Noti ta' spjega tan-NM relatati mas-subintestaturi 2707 99 91 u 2707 99 99 tagħha għandu jiġi interpretat fis-sens li ma huwiex eżawrjenti, hekk li prodott li jaqa' taħt l-intestatura 2707 tan-NM, iżda li ma jistax jiġi kklassifikat taħt subintestatura speċifika, għandu jiġi kklassifikat taħt is-subintestatura 2707 99 99 tan-NM.

## 1.2. Regola 2(a) u (b) – prinċipji li japplikaw għall-oġġetti, skont l-istat ta' tlestija jew ta' kompletizza tagħhom, kif ukoll għall-materjali, skont l-użu tagħhom

Skont ir-Regola 2(a), “[k]walunkwe referenza għal oġġett f'intestatura għandha titqies li tinkludi referenza għal dak l-oġġett mhux komplut jew mhux irfinut, sakemm, kif ippreżentat, l-oġġett mhux komplut jew mhux irfinut ikollu l-karattru essenzjali tal-oġġett komplut jew irfinut. Għandha wkoll titqies li tinkludi referenza għal dak l-oġġett komplut jew irfinut (jew li jista' jkun ikklassifikat bħala komplut jew ikkompletat permezz ta' din ir-regola), ippreżentat mhux assemblat jew żarmat.” Ir-regola 2(b) tipprevedi li “[k]walunkwe referenza għal materjal jew sustanza f'intestatura għandha titqies li tinkludi referenza għal taħlitiet jew kombinamenti ta' dak il-materjal jew is-sustanza ma' materjali jew sustanzi oħra. Kwalunkwe referenza għal oġġetti ta' ċertu materjal jew sustanza għandha titqies li tinkludi referenza għal oġġetti li jikkonsistu totalment jew parzjalment minn dan il-materjal jew din is-sustanza. Il-klassifikazzjoni ta' oġġetti magħmulin minn iżjed minn materjal wieħed jew sustanza waħda għandha ssir skont il-prinċipji tar-regola 3.”

Sentenza tas-26 ta' Mejju 2016, Latvijas propāna gāze (C-286/15, [EU:C:2016:363](#))

*“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tariffa doganali komuni – Klassifikazzjoni tariffarja – Nomenklatura Magħquda – Intestatura 2711 – Gassijiet miż-żejt u idrokarbonji oħrajn bil-gass – Materjal li tagħti n-natura essenzjali – Gass likwifikat miż-żejt”*

Fil-kawża li wasslet għal din is-sentenza, Latvijas propāna gāze importat mir-Russja gass likwifikat miż-żejt (iktar 'il quddiem il-“LPG”) lejn il-Latvja u kklassifikatu taħt is-subintestatura tariffarja 2711 19 00 u, konsegwentement, applikat għalih rata ta' dazju fuq l-importazzjoni ta' 0 % tal-valur doganali tiegħu. Dan il-LPG kien fih il-metan, l-etan, l-etilene, il-propan, il-propilene, il-butan u l-butilene. Madankollu, iċ-ċertifikat tiegħu ta' kwalità ma kienx juri, b'mod separat, il-perċentwali tal-massa ta' kull waħda minn dawn is-sustanzi.

Madankollu, l-amministrazzjoni fiskali qieset li l-LPG inkwistjoni fil-kawża prinċipali kellu jiġi kklassifikat, kif titlob l-applikazzjoni tar-Regola 2(b), tar-Regola 3(b), kif ukoll tar-Regola 6 tar-Regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-NM, skont il-materjal li jagħtih in-natura essenzjali tiegħu. F'dan ir-rigward, hija kkonstatat li s-sustanzi predominanti f'dan il-LPG kienu l-propan u l-butan, bil-propan jiddomina, u kklassifikat l-imsemmi LPG taħt is-subintestatura tariffarja 2711 12 97.

Latvijas propāna gāze ppreżentat rikors kontra d-deċiżjoni tal-amministrazzjoni fiskali quddiem il-qorti amministrattiva reġjonali, li qieset li l-konstatazzjonijiet tal-amministrazzjoni fiskali kienu infondati.

F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju, adita hija stess b'appell ta' kassazzjoni ppreżentat mill-amministrazzjoni fiskali, iddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk ir-Regola 2(b) u r-Regola 3(b) tar-Regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-NM<sup>12</sup> għandhom xi jiġu interpretati fis-sens li, fejn il-kostitwenti ta' LPG ikunu jagħtu, flimkien, lil dan tal-aħħar in-natura essenzjali tiegħu u fejn ma jkunx possibbli li jiġi sseparat dak il-kostitwent li jagħtih waħdu n-natura essenzjali tiegħu, għandu jiġi preżunt li l-kostitwent li jagħti lil dan il-LPG in-natura essenzjali tiegħu, fis-sens tal-imsemmija Regola 3(b), huwa dak li l-perċentwali tiegħu tkun l-ogħla waħda fid-densità tal-imsemmi LPG.

Fid-dawl ta' opinjoni xjentifika, li l-kwistjoni jekk kellhiex tittieħed inkunsiderazzjoni kienet il-qorti tar-rinviju li kellha tevalwaha, li kienet tgħid li ma kienx possibbli li jiġi stabbilit liema waħda mis-sustanzi li jagħmlu t-taħlita tal-LPG kienet, waħedha, tagħti lil dan il-prodott in-natura essenzjali tiegħu, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li ma kienx possibbli li jiġi ddeterminat, kif titlob ir-Regola 3(b) tar-Regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-NM, liema kienet is-sustanza preżenti fil-LPG li kienet tagħti lit-taħlita l-karatteristiċi fiżikokimiċi tagħha u, b'mod iktar speċifiku, il-valur kalorifiku tagħha.

Fil-fatt, ma kienx possibbli li tiġi ddeterminata l-kwantità eżatta ta' kull wieħed mill-kostitwenti tal-LPG inkwistjoni, billi, fiċ-ċertifikat ta' kwalità tal-merkanzija, il-perċentwali tal-gassijiet preżenti fil-LPG kienet indikata skont il-grupp tal-gassijiet u l-kwantità tal-propilene f'dan il-LPG setgħet kienet ikbar minn dik tal-propan.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li r-Regola 2(b) u r-Regola 3(b) tar-Regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-NM għandhom xi jiġu interpretati fis-sens li, billi l-kostitwenti kollha ta' taħlita ta' gassijiet, bħalma huwa l-LPG inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jagħtuh, flimkien, in-natura essenzjali tiegħu, hekk li ma jkunx possibbli li jiġi ddeterminat il-kostitwent li jagħtih in-natura essenzjali tiegħu u li, fi kwalunkwe każ, ma jkunx possibbli li tiġi ddeterminata l-kwantità eżatta ta' kull wieħed mill-kostitwenti tal-LPG inkwistjoni, preżunzjoni li s-sustanza li tagħti lill-prodott in-natura essenzjali tiegħu, fis-sens tar-Regola 3(b) ta' dawn ir-regoli ġenerali, hija dik li l-perċentwali tagħha tkun l-ogħla waħda fit-taħlita ma għandhiex tintuża.

Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju staqsiet jekk l-Artikolu 218(1)(d) tar-Regolament Nru 2454/93 għandux xi jiġu interpretat fis-sens li jimplika l-obbligu ta' dikjarant tal-LPG li jindika b'mod preċiż il-perċentwali tas-sustanza li minnha l-LPG ikun fil-biċċa l-kbira magħmul.

Wara li osservat li ma kienx possibbli li jiġi preżunt li, fil-każ fejn il-LPG ikun magħmul minn diversi sustanzi, dik is-sustanza li l-perċentwali tagħha tkun l-ogħla waħda tagħti lil dan il-LPG in-natura essenzjali tagħha u li n-nuqqas ta' indikazzjoni preċiża tal-perċentwali tas-sustanzi li jagħmlu LPG ma jżommx ir-regoli ta' klassifikazzjoni tariffarja milli japplikaw, il-Qorti tal-Ġustizzja wiegħbet fin-negattiv.

<sup>12</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, fil-verżjonijiet tiegħu li jirriżultaw, rispettivament, mir-Regolament Nru 1031/2008 u mir-Regolament Nru 948/2009.

### 1.3. Regola 3(a) sa (c) – prinċipji li japplikaw għall-prodotti mħallta jew oġġetti komposti li jistgħu jiġu kklassifikati taħt iktar minn intestatura waħda

Ir-Regola 3 tipprovdi li “[m]eta b’applikazzjoni tar-regola 2(b) jew għal kwalunkwe raġuni oħra, l-oġġetti jkunu kklassifikati prima facie f’żewġ intestaturi jew iżjed, il-klassifikazzjoni għandha ssir kif ġej: (a) l-intestatura li tagħti l-iżjed deskrizzjoni speċifika għandha tkun ippreferuta fuq l-intestaturi li jagħtu deskrizzjoni iżjed ġenerali. Madankollu, meta jkun hemm żewġ intestaturi jew iżjed li kull waħda minnhom tirreferi biss għal parti waħda mill-materjali jew mis-sustanzi li qegħdin f’oġġetti mħalltin jew komposti jew għal parti biss mill-oġġetti f’sett offrut għall-bejgħ bl-imnut, dawk l-intestaturi għandhom jitqiesu ugwalment speċifiċi fir-rigward ta’ dawk l-oġġetti, ukoll jekk wieħed minnhom jagħti deskrizzjoni iżjed kompluta jew preċiża tal-oġġetti; (b) taħlitiet, oġġetti komposti li jikkonsistu minn materjali differenti jew magħmulin minn komponenti differenti, u oġġetti offruti għall-bejgħ bl-imnut bħala settijiet, li ma jkunux jistgħu jiġu kklassifikati b’referenza għal 3(a), għandhom ikunu kklassifikati daqslikieku kienu magħmulin mill-materjal jew mill-komponent li jagħtihom il-karattru essenzjali tagħhom, sakemm dan il-kriterju jkun applikabbli; (c) meta l-oġġetti ma jkunux jistgħu jiġu kklassifikati b’referenza għal 3(a) jew (b), huma għandhom ikunu kklassifikati fl-intestatura li tiġi l-aħħar f’ordni numerika fost dawk li jixirqilhom li jitqiesu b’mod ugwali.”

Sentenza tal-21 ta’ Ġunju 1988, Sportex (C-253/87, [EU:C:1988:333](#))

*“Klassifikazzjoni tariffarja – Prepregs tal-fibra tal-karbonju”*

Fil-kawża li wasslet għal din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tirrispondi għal żewġ domandi preliminari dwar il-klassifikazzjoni tariffarja ta’ prodotti mħallta.

Fil-fatt, il-qorti tar-rinviju staqsiet, essenzjalment, jekk it-TDK <sup>13</sup> għandhiex tiġi interpretata fis-sens li prodott bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jiġifieri prodott nofsu lest fis-sura ta’ folji, magħmula mir-raża tal-eossidiku (epoxy resin) (proporzjon: 36 % tal-piż), minn fibri tal-karbonju (proporzjon: 42% tal-piż) u minn tessut tal-fibra tal-ħġieġ (proporzjon: 22 % tal-piż), maħsub għall-manifattura ta’ tubi, jaqa’ taħt l-intestatura 39.01 tal-imsemmija tariffa.

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li għall-klassifikazzjoni ta’ prodott bħal dan hemm biss żewġ intestaturi tariffarji inkwistjoni: minn naħa, l-intestatura 39.01 (prodotti tal-kondensazzjoni, tal-polikondensazzjoni u tal-poliadizzjoni, immodifikati jew le, ippolimerizzati jew le, lineari jew le, ...), li tkopri taħt is-subintestatura C VII tagħha il-materjali kollha tal-plastik artifiċjali “mhux speċifikati banda oħra”; min-naħa l-oħra, l-intestatura 68.16 (oġġetti magħmula mill-ġebel jew minn sustanzi minerali oħra, inkluż

<sup>13</sup> TDK fl-Anness I tar-Regolament Nru 950/68, kif emendat bir-Regolament Nru 750/87.

oġġetti magħmula mill-pit, mhux speċifikati jew inklużi banda oħra), li tkopri taħt isubintestatura B tagħha l-oġġetti kollha ta' dan it-tip, ħlief briks tal-chromite mnixxfen fix-xemx.

Fid-dawl tal-fatt li l-prodott inkwistjoni kien magħmul minn materjali differenti u li ż-żewġ subintestaturi msemmija għandhom it-tnejn li huma portata ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja kkjarifikat li kien hemm lok li tapplika r-Regola ġenerali 3(b) għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura tat-TDK, fis-sens li l-klassifikazzjoni għandha ssir skont il-materjal jew l-oġġett li jagħti lill-prodott in-natura essenzjali tiegħu.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, imbagħad, li l-identifikazzjoni tal-materjal li jagħti lill-prodott in-natura essenzjali tiegħu tista' ssir billi jiġi eżaminat jekk il-prodott, li kellu wieħed ineħħi xi wieħed mill-kostitwenti tiegħu, iżommx jew le l-proprjetajiet li jikkarakterizzawh. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li huwa stabbilit li tubi magħmula minn fibri tal-karbonju jew tal-ħġieġ mingħajr raża tal-epossidiku jtilfu l-proprjetà li tikkarakterizza l-prodott inkwistjoni, jiġifieri l-flessibilità tiegħu.

B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li prodotti bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali jaqgħu, bħala prodotti tal-plastik artifiċjali, taħt l-intestatura 39.01 tat-TDK.

#### **Sentenza tal-15 ta' Novembru 2012, Kurcums Metal (C-558/11, [EU:C:2012:721](#))**

*"Tariffa Doganali Komuni – Klassifikazzjoni tariffarja – Nomenklatura Magħquda – Kejbils ibridi 'Taifun' prodotti fir-Russja, komposti minn polipropilen u minn ħajt tal-azzar – Vireg tal-morsa fforma ta' U bit-trufijiet tagħhom tondi u marbuta b'kavilji – Dazji antidumping imposti fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti kejbils tal-ħadid jew tal-azzar ġejjin mir-Repubblika Ċeka, mir-Russja, mit-Tajlandja u mit-Turkija"*

F'din is-sentenza, li l-fatti tagħha diġà ġew imfissra iktar 'il fuq <sup>14</sup>, il-qorti tar-rinviju staqsiet ukoll lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk ir-Regola ġenerali 3(b) għall-interpretazzjoni tan-NM għandiex tiġi interpretata fis-sens li l-klassifikazzjoni tariffarja tal-kejbils bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha ssir skont din ir-regola.

Sa fejn għandha x'taqsam l-imsemmija regola, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, bis-saħħa ta' din tal-aħħar, huwa meħtieġ, sabiex issir il-klassifikazzjoni tariffarja ta' prodott, li jiġi ddeterminat liema materjal, fost il-materjali li jikkomponuh, jagħtih in-natura essenzjali tiegħu, u dan jista' jsir billi wieħed jistaqsi jekk il-prodott, li kellu wieħed ineħħi xi wieħed mill-kostitwenti tiegħu, iżommx jew le l-proprjetajiet li jikkarakterizzawh.

Bl-istess mod, il-fattur li jiddetermina n-natura essenzjali jista', skont it-tip ta' prodott, jirriżulta, pereżempju, min-natura tal-materjal li jikkostitwixxih jew mill-oġġetti li jikkomponuh, mill-volum tagħhom, mill-kwantità tagħha, mill-piż tagħhom, mill-valur

<sup>14</sup> Ara Taqsima I, intitolata "Kunsiderazzjonijiet ġenerali dwar in-natura u l-portata tal-funzjonijiet tal-qorti tal-Unjoni kif ukoll dwar il-kriterji rilevanti ta' evalwazzjoni".

tagħhom jew mill-importanza ta' xi wieħed mill-materjali li jikkostitwixxuh għall-użu ta' dawn il-prodotti.

Jekk ebda wieħed miż-żewġ materjali li minnhom huma magħmula l-kejbils ma jagħti, minnu nnifsu, lil dawn tal-aħħar in-natura essenzjali tagħhom, ikun hemm lok, sabiex issir il-klassifikazzjoni tariffarja tal-imsemmija kejbils, li tapplika r-Regola ġenerali 3(c) għall-interpretazzjoni tan-NM. Bis-saħħa ta' din ir-regola tal-aħħar, dawn l-istess kejbils għandhom jiġu kklassifikati taħt l-intestatura tan-NM li tiġi l-aħħar f'ordni numerika fost dawk li jistgħu validament jittieħdu inkunsiderazzjoni.

F'din il-kawża, billi mill-proċess irriżulta li ebda wieħed miż-żewġ materjali li minnhom kienu magħmula l-kejbils, jiġifieri l-polipropilen jew il-ħjat tal-azzar miksi biż-żingu, ma kien jagħti, minnu nnifsu, lil dawn il-kejbils in-natura essenzjali tagħhom, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, sabiex issir il-klassifikazzjoni tariffarja tal-imsemmija kejbils, ma kellhiex tapplika r-Regola ġenerali 3(b) għall-interpretazzjoni tan-NM, iżda kellha tapplika r-Regola ġenerali 3(c) għall-interpretazzjoni tan-NM. Bis-saħħa ta' din ir-regola tal-aħħar, dawn l-istess kejbils kellhom jiġi kklassifikati taħt l-intestatura tan-NM li tiġi l-aħħar f'ordni numerika fost dawk li setgħu validament jittieħdu inkunsiderazzjoni, liema intestatura jidher li hija s-subintestatura 7312 10 98 tan-NM.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li r-Regola ġenerali 3(b) għall-interpretazzjoni tan-NM għandha tiġi interpretata fis-sens li l-klassifikazzjoni tariffarja tal-kejbils bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma għandhiex issir skont din ir-regola, bla ħsara ta' verifika tal-qorti tar-rinviju, fid-dawl tal-fatti ppreżentati lilha, li ebda wieħed miż-żewġ materjali li minnhom huma magħmula dawn il-kejbils ma jkun jagħti, minnu nnifsu, lill-imsemmija kejbils in-natura essenzjali tagħhom.

### Sentenza tal-10 ta' Marzu 2016, VAD u van Aert (C-499/14, [EU:C:2016:155](#))

*"Rinviju għal deċizzjoni preliminari – Unjoni doganali u tariffarja doganali komuni – Klassifikazzjoni tariffarja – Nomenklatura Magħquda – Interpretazzjoni – Regoli ġenerali – Regola 3(b) – Kunċett ta' 'oġġetti ppreżentati għall-bejgħ bl-imnut f'settijiet' – Imballaġġi separati"*

F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat il-kunċett ta' "sett ta' oġġetti", fis-sens tar-Regola 3(b) tar-Regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-NM.<sup>15</sup>

Il-qorti tar-rinviju staqsiet, b'mod partikolari, jekk ir-Regola 3(b) tar-Regoli ġenerali tistax tiġi interpretata fis-sens li merkanzija, li tiġi ppreżentata għall-iżdoganar f'imballaġġi separati u li tkun imballata f'imballaġġ wieħed biss wara dan l-iżdoganar, tista', madankollu, titqies bħala "oġġetti [merkanzija] f'sett offrut għall-bejgħ bl-imnut", fis-sens ta' din ir-regola u, għalhekk, taqa' taħt l-istess intestatura tariffarja unika, meta jkun ġie stabbilit, fid-dawl ta' fatturi oġġettivi oħra, li din il-merkanzija tiffurma unità u hija

<sup>15</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, fil-verżjonijiet tiegħu li jirriżultaw, rispettivament, mir-Regolament Nru 1031/2008 u mir-Regolament Nru 1214/2007.

maḥsuba sabiex tiġi ppreżentata bħala tali fil-bejgħ bl-imnut u, jekk iva, sa fejn tista' tiġi interpretata f'dan is-sens.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li la mill-kliem użat fir-Regola 3(b) tar-Regoli ġenerali u lanqas min-Noti ta' spjega tas-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni tal-Merkanzija jew mil-Lingwa gwida għall-klassifikazzjoni fin-NM tal-merkanzija ppreżentata f'settijiet għall-bejgħ bl-imnut, linji gwida li jipprevedu ċerti eċċezzjonijiet għar-rekwiżit ta' imballaġġ uniku, ma jirriżulta li l-kunċett ta' "sett", fis-sens ta' din ir-regola, jippreżupponi ta' bilfors, u f'kull każ, li l-merkanzija kkonċernata tkun ippreżentata fl-istess imballaġġ għall-finijiet tal-iżdoganar.

Fit-tieni lok, il-kunċett ta' "sett", fis-sens tal-imsemmija regola, jippreżupponi rabta mill-qrib, mill-perspettiva tal-kummerċjalizzazzjoni tagħha, bejn il-merkanzija kkonċernata, hekk li hija ma tkunx ippreżentata biss f'imballaġġ wieħed fl-iżdoganar, iżda tkun ukoll normalment offruta, fil-varja stadji kummerċjali u, b'mod partikolari, fil-kuntest tal-bejgħ bl-imnut, bħala unità u f'imballaġġ unika, sabiex jiġi ssodisfatt b'zonn jew sabiex tiġi eżerċitata attività partikolari.

B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkjarifikat li l-imballaġġ uniku tal-merkanzija, meta tiġi ppreżentata għall-iżdoganar, ma huwiex kundizzjoni *sine qua non* sabiex jitqies li hija tifforma unità u tikkostitwixxi, għaldaqstant, "sett", fis-sens tar-Regola 3(b) tar-Regoli ġenerali, iżda huwa biss indizju li jippermetti l-inferenza ta' tali konstatazzjoni.

Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-imsemmija regola għandha tiġi interpretata fis-sens li merkanzija, li tiġi ppreżentata għall-iżdoganar f'imballaġġi separati u li tkun imballata f'imballaġġ wieħed biss wara dan l-iżdoganar, tista', madankollu, titqies bħala "oġġetti [merkanzija] f'sett offrut għall-bejgħ bl-imnut", fis-sens ta' din ir-regola u, għalhekk, taqa' taħt l-istess intestatura tariffarja unika, meta jkun ġie stabbilit, fid-dawl ta' fatturi oġġettivi oħra, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwahom, li din il-merkanzija tifforma unità u hija maḥsuba sabiex tiġi ppreżentata bħala tali fil-bejgħ bl-imnut.

**Sentenza tat-12 ta' Mejju 2016, Toorank Productions (C-532/14 u C-533/14, [EU:C:2016:337](#))**

*“Rinviju għal deċizzjoni preliminari – Tariffa doganali komuni – Klassifikazzjoni tariffarja – Nomenklatura Magħquda – Intestatura tariffarja 2206 – Intestatura tariffarja 2208 – Xarbiel alkoħoliċi miksuba minn fermentazzjoni segwita b'purifikazzjoni – Żieda ta' addittivi max-xarbiel alkoħoliċi miksuba minn fermentazzjoni segwita b'purifikazzjoni – Xarbiel li tilfu l-proprjetajiet ta' xarbiel li jaqgħu taħt l-intestatura tariffarja 2206”*

Id-domandi preliminari magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi magħquda li wasslu għal din is-sentenza kienu jikkonċernaw l-interpretazzjoni tan-NM<sup>16</sup> għall-klassifikazzjoni tariffarja ta' xarba jisimha “Ferm Fruit”, li ssir bil-fermentazzjoni ta' konċentrat tat-tuffieħ, maħsuba sabiex tinxtorob mhux miżjuda b'xi likwidu ieħor jew bħala ingredjent bażiku f'xarbiel oħra, b'kulur, riħa u togħma newtrali minħabba purifikazzjoni (inkluż ultrafiltrazzjoni) u b'qawwa alkoħolika ta' 16 % mingħajr ma jiżdied ebda alkoħol iddistillat.

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, fost oħrajn, li l-użu maħsub tal-prodotti jista' jikkostitwixxi kriterju oġġettiv ta' klassifikazzjoni inkwantu jkun inerenti fl-imsemmija prodotti, fid-dawl tal-karatteristiċi u tal-proprjetajiet oġġettivi tagħhom. Madankollu, l-użu maħsub tal-prodott huwa kriterju rilevanti biss jekk il-klassifikazzjoni ma tkunx tista' ssir abbażi biss tal-karatteristiċi u tal-proprjetajiet oġġettivi tal-prodott.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li użat dawn il-prinċipji bħala l-punt tat-tluq tagħha, żammet li n-NM għandha tiġi interpretata fis-sens li xarba bħal dik inkwistjoni f'din il-kawża hija koperta mill-intestatura 2208 ta' din in-nomenklatura. Fil-fatt, prodott li jsir bil-fermentazzjoni, wara proċess ta' purifikazzjoni, jaq' taħt l-intestatura 2208 tan-NM, inkwantu jkun tilef il-proprjetajiet tax-xarbiel iffermentati li jaqgħu taħt l-intestatura 2206 tan-NM u jkun akkwista dawk tal-alkoħol etiliku kopert mill-intestatura 2208 tal-imsemmija nomenklatura.

Fid-dawl ta' din il-konklużjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja għaddiet biex tindirizza l-kwistjoni jekk in-NM għandhiex tiġi interpretata fis-sens li xarba li l-qawwa alkoħolika tagħha hija ta' 13.4 %, li hija mmanifatturata billi wieħed iżid mal-“Ferm Fruit” zokkor, ħwawar, sustanzi koloranti, sustanzi li jtejbu t-togħma, sustanzi li jgħaqqdu, sustanzi ta' konservazzjoni u alkoħol iddistillat – liema alkoħol iddistillat ma jkunx jirrappreżenta, bħala volum u bħala perċentwali, iktar minn 49 % tal-alkoħol preżenti f'din ix-xarba u l-51 % li jibqa' jkun jirriżulta minn proċess ta' fermentazzjoni – taqa' taħt l-intestatura 2206 jew taħt l-intestatura 2208 tan-NM.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li d-dubji tal-qorti tar-rinviju kienu jikkonċernaw, b'mod partikolari, l-interpretazzjoni tal-kriterji stabbiliti fis-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Siebrand (C 150/08, EU:C:2009:294), sa fejn għandha x'taqsam il-

<sup>16</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, fil-verżjonijiet tiegħu li jirriżultaw, rispettivament, mir-Regolament Nru 1719/2005 u mir-Regolament Nru 1214/2007.

klassifikazzjoni tariffarja ta' xarbiet immanifatturati billi wieħed iżid l-alkoħol iddistillat u sustanzi oħra ma' xarba b'bażi ffermentata. B'mod partikolari, dik il-qorti staqsiet jekk din kinitx ġabra ta' kriterji li għandhom kollha kemm huma jiġu ssodisfatti sabiex xarba tkun tista' titqies li taqa' taħt l-intestatura 2208 tan-NM jew jekk kellhiex tingħata iktar importanza għall-kwantitajiet rispettivi tal-alkoħol iffermentat u tal-alkoħol iddistillat milli għall-karatteristiċi u l-proprjetajiet oġġettivi l-oħra tal-prodotti.

Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li mis-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Siebrand (C-150/08, EU:C:2009:294) jirriżulta b'mod ċar li, sabiex tiġi ddeterminata n-natura essenzjali, fis-sens tar-Regola 3(b) tan-NM, jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni diversi karatteristiċi u proprjetajiet oġġettivi. Konsegwentement, li l-proporzjon ta' tip ta' alkoħol ikun ikbar minn dak ta' tip ta' alkoħol ieħor huwa biss kriterju fost kriterji oħra li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi ddeterminata, kif titlob ir-Regola 3(b) tan-NM, is-sustanza li tagħti lill-prodott inkwistjoni n-natura essenzjali tiegħu.

Issa, ir-Regola 3(b) tan-NM ma tirregolax il-klassifikazzjoni tal-imsemmija xarba, li hija bbażata fuq il-kriterju tal-proprjetajiet u tal-karatteristiċi organolettiċi ta' din ix-xarba. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, sa fejn tali xarba ma jkollhiex il-proprjetajiet u l-karatteristiċi organolettiċi tax-xarbiet li jaqgħu taħt l-intestatura 2206 tan-NM, iżda jkollha dawk tal-prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura 2208 tal-imsemmija nomenklatura, hija taqa' taħt din l-intestatura tal-aħħar.

### Sentenza tas-26 ta' Mejju 2016, Latvijas propāna gāze (C-286/15, [EU:C:2016:363](#))

*“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tariffa doganali komuni – Klassifikazzjoni tariffarja – Nomenklatura Magħquda – Intestatura 2711 – Gassijiet miż-żejt u idrokarbonji oħrajn bil-gass – Materjal li tagħti n-natura essenzjali – Gass likwifikat miż-żejt”*

F'din is-sentenza, li l-fatti tagħha diġà ġew imfissra iktar 'il fuq <sup>17</sup>, il-qorti tar-rinviju staqsiet ukoll lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk, fil-każ fejn id-dikjarant doganali ma jkunx indika b'mod preċiż il-perċentwali tas-sustanza li minnha huwa fil-biċċa l-kbira magħmul LPG, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jkun fih 0.32 % metan, etan u etilene, 58.32 % propan u propilene, u mhux iktar minn 39.99 % butan u butilene, in-NM għandhiex tiġi interpretata fis-sens li dan il-LPG għandu jiġi kklassifikat taħt is-subintestatura 2711 19 00, bħala “Gassijiet minerali (petroleum) [Gassijiet miż-żejt] u idrokarbonji oħrajn bil-gass, imdewbin, oħrajn”, jew taħt is-subintestatura 2711 12 97, bħala “Gassijiet minerali (petroleum) [Gassijiet miż-żejt] u idrokarbonji oħrajn bil-gass, imdewbin, propan, oħrajn, għal għanijiet oħrajn: oħrajn”.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja, wara li rreferiet għar-risposta tagħha għall-ewwel domanda, fis-sens li ma kienx possibbli li jiġi preżunt liema gass jagħti lil-LPG in-natura

<sup>17</sup> Ara t-Taqsima II.1.2, intitolata “Regola 2(a) u (b) – prinċipji li japplikaw għall-oġġetti, skont l-istat ta' tlestija jew ta' komplettezza tagħhom, kif ukoll għall-materjali, skont l-użu tagħhom”.

essenzjali tiegħu, ikkonstatat li, billi r-Regola 3(b) tar-Regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-NM ma tippermettix li ssir il-klassifikazzjoni ta' taħlita ta' gass bħalma huwa l-LPG bħal dak deskritt mill-qorti nazjonali, għandha tapplika r-Regola 3(c) ta' dawn ir-regoli, fis-sens li l-merkanzija għandha tiġi kklassifikata fl-intestatura li tiġi l-aħħar f'ordni numerika fost dawk li jistgħu validament jittieħdu inkunsiderazzjoni.

Għalhekk, fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, LPG, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jkun fih 0.32 % metan, etan u etilene, 58.32 % propan u propilene, u mhux iktar minn 39.99 % butan u butilene, u li ma jkunx possibbli li jiġi ddeterminat liema sustanza li tikkomponih tagħtih in-natura essenzjali tiegħu, jaqa' taħt is-subintestatura 2711 19 00.

**Sentenza tat-8 ta' Settembru 2016, Schenker (C-409/14, [EU:C:2016:643](#))**

*“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tariffa Doganali Komuni – Nomenklatura Magħquda – Klassifikazzjoni tal-merkanzija – Interpretazzjoni ta' subintestatura tan-Nomenklatura Magħquda – Direttiva 2008/118/KE – Importazzjoni ta' prodotti suġġetti għas-sisa – Proċedura jew arranġament doganali sospensivi – Konsegwenzi ta' dikjarazzjoni doganali bl-indikazzjoni ta' subintestatura żbaljata tan-Nomenklatura Magħquda – Irregolaritajiet waqt il-moviment ta' prodotti suġġetti għas-sisa”*

Fi żmien il-fatti tal-kawża, Schenker kienet kumpannija kummerċjali stabbilita fl-Ungerija u kienet tipprovdi servizzi doganali u loġistiċi. Fl-2011, hija tqabbdet minn kumpannija kummerċjali Ungeriża tqiegħed f'“maħżen temporanju” żewġ kunsinni ta' tabakk minħabba nuqqas ta' wisa'. Dawn il-kunsinni waslu fl-Ungerija fil-kuntest tal-proċedura ta' tranżitu estern.

Wara li ġiet spezzjonata kunsinna, l-awtorità amministrattiva tal-ewwel livell ikkonstatat, ladarba ġew analizzati l-karatteristiċi organolettiċi tal-merkanzija, li dan ma kienx “tabakk biz-zokk mhux maqtugħ”, kif indikat f'dawn id-dokumenti, iżda tabakk imqatta' li jaqa' taħt is-subintestatura 2401 10 35 tan-NM.

Wara li sar test tal-prodott eżaminat, il-Kumitat tal-Esperti tal-Awtorità tat-Taxxa u tad-Dwana Ungeriża kkonkluda li l-kampjun inkwistjoni kien “tabakk lest għat-tippjip”. Sussegwentement, l-awtorità amministrattiva tal-ewwel livell qieset li l-prodott ikkonċernat kien prodott suġġett għas-sisa u, permezz tad-deċiżjoni tagħha tal-21 ta' Ġunju 2011, ordnat lil Schenker tħallas multa fir-rigward tas-sisa.

Adit b'rikors amministrattiv ippreżentat minn Schenker, id-Direttorat Ġenerali tad-Dwana kkonferma d-deċiżjoni mogħtija mill-awtorità amministrattiva tal-ewwel livell. Imbagħad, Schenker ressqet talba quddiem il-qorti tar-rinviju għall-istħarriġ ġudizzjarju ta' din id-deċiżjoni, li fiha Schenker sostniet li din id-deċiżjoni tal-aħħar kienet illegali għal diversi raġunijiet.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, dwar l-interpretazzjoni tal-intestaturi 2401 u 2403 tan-NM<sup>18</sup> għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tariffarja ta' prodott b'karatteristiċi bħal daww inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

Fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, sa fejn mid-deċiżjoni tar-rinviju kien jirriżulta li l-merkanzija inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienet magħmula minn elementi li setgħu jiġu kklassifikati bħala "skart tat-tabakk", iżda li l-prodott kien fl-istess ħin jikkostitwixxi wkoll "tabakk lest għat-tipjip", kien meħtieġ, skont ir-regola stabbilita fil-punt 3(b) tar-Regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-NM, li, sabiex issir il-klassifikazzjoni tariffarja ta' dan il-prodott, jiġi stabbilit liema materjal, fost il-materjali li jikkomponuh, jagħtih in-natura essenzjali tiegħu, u dan jista' jsir billi wieħed jistaqsi jekk il-prodott, li kellu wieħed ineħħi xi wieħed mill-kostitwenti tiegħu, iżommx jew le l-proprietajiet li jkkaratterizzawh.

Bl-istess mod, kif jindika l-punt VIII tan-Nota ta' spjega tas-SA dwar ir-regola stabbilita fil-punt 3(b) tar-Regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-NM, il-fattur li jiddetermina n-natura essenzjali jista', skont it-tip ta' prodott, jirriżulta, pereżempju, min-natura tal-materjal li jikkostitwixxih jew mill-oġġetti li jikkomponuh, mill-volum tagħhom, mill-kwantità tagħhom, mill-piż tagħhom, mill-valur tagħhom jew mill-importanza ta' xi wieħed mill-materjali li jikkostitwixxuh għall-użu ta' dawn il-prodotti.

Issa, billi l-preżenza ta' skart tat-tabakk ma żżommx milli l-prodott fl-intier tiegħu jkun jikkostitwixxi tabakk lest għat-tipjip, dan il-prodott ma setax jaq' taħt l-intestatura 2401 tan-NM. B'mod iktar speċifiku, il-kriterju deċiżiv li jippermetti li prodott jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 2403 tan-NM, minflok taħt l-intestatura 2401, jiddependi minn jekk il-weraq kinux immanifatturati sal-punt li jkun jikkostitwixxu tabakk lest għall-konsum mingħajr ma jkun hemm bżonn iktar trasformazzjoni industrijali.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, sa fejn il-merkanzija inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienet tabakk lest għat-tipjip, ippakkjat bil-balk, kumpatt u ppakkjat f'kaxxi miksija bil-plastik b'piż nett ta' 30 kg, hija kienet taqa' taħt is-subintestatura 2403 10 90 tan-NM.

Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju staqsiet ukoll jekk il-kunċett ta' "proċedura doganali sospensiva jew sistema doganali sospensiva", previst fil-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/118, għandux jiġi interpretat fis-sens li l-issuġġettar ta' merkanzija partikolari għall-proċedura jew għas-sistema doganali sospensiva jistax jiġi kkontestat fejn il-kapitolu tat-TDK li taħtu tkun taqa' din il-merkanzija jkun issemma b'mod korrett fid-dokumenti li jakkumpanjaw lil din il-merkanzija, iżda s-subintestatura speċifika tkun ġiet indikata ħażin, u jekk l-Artikolu 2(b) u l-punt 8 tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/118 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li, f'każ bħal dan, l-imsemmija merkanzija tkun ġiet importata.

<sup>18</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, kif emendat bir-Regolament Nru 861/2010.

Fil-fatt, fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-preżentazzjoni tal-merkanzija lid-dwana, prevista fl-Artikolu 40 tal-Kodiċi Doganali, ikollha magħha dikjarazzjoni sommarja jew dikjarazzjoni doganali li jkun fiha l-informazzjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-merkanzija, sa fejn għandhom x'jaqsmu t-tip tagħha, il-kwantità tagħha u l-ippakkjar tagħha, u hija biss is-subintestatura tariffarja li tkun żbaljata, l-imsemmija merkanzija ma tistax titqies li tkun daħlet b'mod irregolari fit-territorju doganali tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 202 tal-Kodiċi Doganali.

Madankollu, sa fejn għandhom x'jaqsmu l-kundizzjonijiet għaliex possibbilment jitnissel dejn doganali, billi l-obbligu tad-dikjarant li jipprovdi informazzjoni eżatta testendi wkoll għad-determinazzjoni tas-subintestatura korretta fil-waqt tal-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija, ma huwiex eskluż li dejn doganali jista' jitnissel abbażi tal-Artikolu 204 tal-Kodiċi Doganali. Madankollu, taħt l-Artikolu 859 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 2454/93, in-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' wieħed mill-obbligi li jtnisslu mill-użu tas-sistema ta' tranżitu jista' jitqies li ma jkollu ebda impatt reali fuq il-funzjonament tal-imsemmija sistema, jekk kemm-il darba t-tliet kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 859(2) ikunu ssodisfatti u sakemm it-tliet kundizzjonijiet elenkati fl-ewwel paragrafu ta' dan l-istess artikolu jkunu ssodisfatti. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk dawn il-kundizzjonijiet ikunux ġew issodisfatti jew le.

Dan ifisser li l-kunċett ta' "proċedura doganali sospensiva jew sistema doganali sospensiva", previst fil-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/118, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-issuġġettar ta' merkanzija partikolari għall-proċedura jew għas-sistema doganali sospensiva ma jistax jiġi kkontestat fejn il-kapitolu tat-TDK li taħtu tkun taqa' din il-merkanzija jkun issemma b'mod korrett fid-dokumenti li jakkumpanjaw lil din il-merkanzija, iżda s-subintestatura speċifika tkun ġiet indikata ħażin. F'każ bħal dan, l-Artikolu 2(b) u l-punt 8 tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/118 għandhom xi jiġu interpretati fis-sens li l-imsemmija merkanzija ma tkunx ġiet importata u li din tal-aħħar ma hijiex suġġetta għas-sisa.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 38(4) tad-Direttiva 2008/118, moqrija flimkien mal-Artikolu 33(1) ta' din id-direttiva, ma jkunux issodisfatti f'sitwazzjoni fejn, minn naħa, il-merkanzija ma tkunx ġiet irrilaxxata għall-konsum fi Stat Membru billi tkun tqiegħdet taħt proċedura doganali sospensiva jew sistema doganali sospensiva fis-sens tal-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/118 u fejn, min-naħa l-oħra, ma tkunx inżammet għal finijiet kummerċjali fi Stat Membru ieħor sabiex tiġi kkunsinnata jew użata hemmhekk, iżda tkun maħsuba sabiex tiġi esportata mill-ġdid lejn Stat terz.

Konsegwentement, il-kunċett ta' "irregolarità" ma jkoprix merkanzija mqiegħda taħt proċedura doganali sospensiva jew sistema doganali sospensiva u li jkollha magħha dokument li jsemmi klassifikazzjoni tariffarja ħażina.

#### 1.4. Regoli 4 sa 6 – regola ġenerali, regola speċifika li tapplika għal ċerti kontenituri, regola dwar il-paraguni bejn subintestatura u oħra

Skont ir-Regola 4, “oġġetti [merkanzija] li ma jkunux jistgħu jiġu kklassifikati skont ir-regoli ta’ hawn fuq għandhom ikunu kklassifikati fl-intestatura x-xierqa għall-oġġetti li jixbhuhom l-iżjed.” Ir-Regola 5 tipprovdi li “[b]ħala żieda mad-dispożizzjonijiet ta’ hawn fuq, ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw fir-rigward ta’ oġġetti msemmijin fihom: (a) cases għall-kameras, cases għall-istrumenti mużikali, cases għall-ixkubetti, cases għall-istrumenti tat-tpinġija, cases għall-gizirajen u kontenituri simili, iffurmati jew armati apposta biex iżommu oġġett speċifiku jew sett ta’ oġġetti, kif xieraq għall-użu fit-tul u ppreżentati mal-oġġetti li huma intiżi għalihom, għandhom ikunu kklassifikati ma’ tali oġġetti meta jkunu tat-tip li normalment jinbiegħ magħhom. Din ir-regola, madankollu, ma tapplikax għal kontenituri li jagħtu lill-oġġett intier il-karattru essenzjali tiegħu; (b) soġġetti għad-dispożizzjonijiet tar-regola 5(a), il-materjali u l-kontenituri tal-ippakkjar ippreżentati mal-oġġetti ta’ ġo fihom għandhom ikunu kklassifikati mal-oġġetti jekk huma tat-tip li normalment jintużaw fl-ippakkjar ta’ oġġetti bħal dawn. Madankollu, din id-dispożizzjoni mhix vinkolanti meta dawn il-materjali jew kontenituri tal-ippakkjar jidhru biċ-ċar li huma xierqa għall-użu repetittiv.” Skont ir-Regola 6, “[g]ħal finijiet legali, il-klassifikazzjoni ta’ oġġetti fis-subintestaturi ta’ intestatura għandha tiġi stabbilita skont it-termini ta’ dawk is-subintestaturi u kwalunkwe noti tas-subintestaturi relatati u, mutatis mutandis skont ir-regoli ta’ hawn fuq, bil-kundizzjoni li s-subintestaturi fl-istess livell biss ikunu komparabbli. Għall-finijiet ta’ din ir-regola, it-taqsima relattiva u n-noti tal-kapitolu japplikaw ukoll, sakemm il-kuntest ma jitlobx mod ieħor.”

#### Sentenza tat-13 ta’ Lulju 2006, Uroplasty (C-514/04, [EU:C:2006:464](#))

*"Klassifikazzjoni tat-tariffi – Polidimetilsilossan sterili mqatta' irqiq – Silikone elażometriku – Kunċett ta' 'forma primaria' – Prodott mediċinali – Ippakkjar – Kunċett ta' 'apparat li jiġi impjantat fl-organiżmu"*

Fil-kawża li wasslet għal din is-sentenza, il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk silikown taħt forma elażometrika mqatta' rqiq magħmul u maħsub sabiex jiġi injettat u impjantat fil-ġisem tal-bniedem sabiex jiġu kkurati l-problemi marbuta mal-inkontinenza, jistax jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 9021 tan-NM<sup>19</sup>. Jekk jista’ jiġi hekk ikklassifikat, il-qorti tar-rinviju fittxet li tkun taf taħt liema subintestatura kellu jaqa’ l-imsemmi prodott.

Fir-risposta tagħha għal din id-domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat l-intestaturi 3910, 3926, 3004 u 9021 tan-NM. F’dan ir-rigward, hija kkjarifikat li l-klassifikazzjoni tista’ ssir jew skont il-karatteristiċi tal-prodott ikkonċernat, jiġifieri l-polidimetilsilossan (polydimethylsiloxane), jew skont l-użu oġġettiv tiegħu.

<sup>19</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, kif emendat bir-Regolament ta’ Implimentazzjoni Nru 2388/2000.

Hija kkjarifikat, l-ewwel nett, li bħala silikown taħt forma elażometrika mqatta' rqiq, il-polidimetilsilossan għandu l-forma msemmija fin-Noti 3 u 6(b) tal-Kapitolu 39 tan-NM. Madankollu, dan it-tip ta' silikown ma setax jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 3910 bħala "forma primarja". Dan il-kunċett ikopri biss is-silikown li jkun maħsub sabiex jiġi ttrasformat. Dawn huma materji primi li huma partikolarment adatti għal trasformazzjoni u huma maħsuba għal dan l-iskop. Il-prodott fil-kawża prinċipali kien ġie magħmul speċjalment u maħsub unikament sabiex jiġi impjantat fil-ġisem għall-kura ta' defiċjenza sfinkterali. Dan ifisser li l-polidimetilsilossan huwa prodott lest li, f'din il-kwalità, ma setax, għalhekk, jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 3910 tan-NM.

It-tieni, fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, kien jidher li l-polidimetilsilossan kellu profil terapewtiku. Madankollu, ma setax jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 3004 tan-NM bħala "prodott mediċinali". Fil-fatt, l-ippakkjar tiegħu, fil-forma ta' unitajiet f'siringi li jintużaw darba, sar fi proċess wara l-importazzjoni. Dan ifisser li l-polidimetilsilossan, kif ippreżentat lid-dwana, ma kienx jissodisfa d-definizzjoni mogħtija fl-intestatura 3004 tan-NM.

It-tielet, billi dan il-prodott ma setax jiġi kklassifikat taħt l-intestaturi preċedenti, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-prodott seta' jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 9021 tan-NM. Il-karatteristiċi u l-proprjetajiet oġġettivi tal-polidimetilsilossan huma dawk ta' prodott lest li ġie magħmul speċjalment u maħsub unikament sabiex jiġi impjantat fil-ġisem. Billi jdeffes ruħu b'mod permanenti fil-muskolu defiċjenti, il-polidimetilsilossan jippermetti li jikbru tessuti konnettivi sabiex jikkumpensaw għad-defiċjenza sfinkterali. Dan ifisser li dan kellu jitqies bħala apparat li jiġi impjantat fil-ġisem tal-bniedem fis-sens tal-intestatura 9021 tan-NM.

Sa fejn għandha x'taqsam, fl-aħħar lok, is-subintestatura tal-intestatura 9021 tan-NM li għandha tintuża għall-klassifikazzjoni tal-polidimetilsilossan, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li mir-regola ġenerali ta' interpretazzjoni tan-NM Nru 6 jirriżulta li l-klassifikazzjoni tal-merkanzija taħt is-subintestaturi tal-istess intestatura għandha ssir skont it-termini tal-imsemmija subintestaturi u tan-noti tas-subintestaturi. Konsegwentement, billi l-prodott inkwistjoni fil-kawża prinċipali kien apparat li jiġi impjantat fil-ġisem tal-bniedem li ma jikkorrispondi għal ebda waħda mis-subintestaturi l-oħra tal-intestatura 9021 tan-NM, huwa kellu jiġi kklassifikat taħt is-subintestatura 9021 90 90 tan-NM bħala "apparat oħra".

Minn dan jirriżulta li prodott bħall-polidimetilsilossan, magħmul minn biċċiet sterili mqatta' irqaq, li jkun ġie magħmul speċjalment u maħsub unikament sabiex jiġi impjantat fil-ġisem tal-bniedem għall-kura ta' kundizzjoni u li jiġi ppakkjat fil-waqt tal-preżentazzjoni lid-dwana fi xkejjer ta' 1 kg, kellu jitqies bħala apparat li jiġi impjantat fil-ġisem tal-bniedem li kellu jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 9021 tan-NM. Prodott bħal dan li l-għan aħħari tiegħu ma jkunx li jissostitwixxi organu iżda li jippermetti lil muskolu defiċjenti joħloq tessuti konnettivi għandu jiġi kklassifikat taħt is-subintestatura 9021 90 90 tan-NM.

**Sentenza tat-13 ta' Settembru 2018, Vision Research Europe (C-372/17, [EU:C:2018:708](#))**

*“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tariffa doganali komuni – Intestaturi tariffarji – Klassifikazzjoni tal-merkanzija – Kamera li għandha memorja volatili, bil-konsegwenza li r-reġistrazzjoni ta' immaġni fil-kamera jintilfu meta tittieħed immaġni oħra jew meta l-kamera tintefa – Nomenklatura Magħquda – Subintestaturi 8525 80 19 u 8525 80 30 – Noti ta' spjega – Interpretazzjoni – Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 113/2014 – Interpretazzjoni – Validità”*

F'Mejju 2009, Vision Research ressqet talba għal BTI quddiem l-ispettur tal-amministrazzjoni fiskali għall-kamera msejġha “Phantom V7.3”. Hija indikat fit-talba tagħha li din il-kamera kellha tiġi kklassifikata taħt is-subintestatura 8525 80 30 tan-NM <sup>20</sup> bħala apparat fotografiku diġitali.

Madankollu, permezz tal-BTI, l-ispettur ikklassifika l-kamera inkwistjoni taħt is-subintestatura 8525 80 19 tan-NM, bħala “kamera oħra tat-televiżjoni”. F'dan ir-rigward, l-ispettur qagħad fuq ir-Regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-NM, fuq ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 113/2014, li huwa qies li kien japplika b'analoġija għal din il-kamera, kif ukoll fuq il-kliem użat fl-intestaturi 8525, 8525 80 u 8525 80 19 tan-NM. Huwa qies li l-fatt li kien hemm l-għażla li l-imsemmija kamera titqabbad ma' memorja esterna kien irrelevanti għall-klassifikazzjoni adottata, billi l-BTI kienet intalbet għal apparat li ma kellux din il-memorja opzjonali.

Vision Research għamlet ilment dwar din il-BTI quddiem l-ispettur, li ċaħdu bħala infondat. Għalhekk, ir-rikorrenti ppreżentat rikors quddiem il-qorti tar-rinviju kontra d-deċiżjoni tal-ispettur u talbet li l-kamera inkwistjoni tkun ikklassifikata taħt is-subintestatura 8525 80 30 tan-NM.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet, għalhekk, li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda jekk is-subintestatura 8525 80 30 tan-NM għandhiex tiġi interpretata fis-sens li kamera, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, bil-kapaċità li tiegħu numru kbir ta' xbihat fotografiċi kull sekonda u li żżommhom fil-memorja interna volatili tagħha, li jitħassru minn dik il-memorja meta tintefa l-kamera, taqa' taħt din is-subintestatura u, jekk kemm-il darba għandha tiġi hekk interpretata, jekk ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 113/2014, inkwantu japplika b'analoġija għal kamera bħal din, huwiex validu.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, fl-ewwel lok, li, sabiex tagħti risposta għal din id-domanda, għandhom jiġu interpretati l-intestaturi u s-subintestaturi rilevanti tan-NM sabiex tkun tista' tiġi ddeterminata l-klassifikazzjoni tal-kamera inkwistjoni fin-NM.

Fil-kuntest ta' din l-interpretazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, fost l-oħrajn, li l-fattur deċiżiv li jagħżel l-apparati fotografiċi diġitali, li jaqgħu taħt is-subintestatura 8525 80 30

<sup>20</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, fil-verżjoni tagħha li tirriżulta mir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1001/2013.

tan-NM, mill-kameras tat-televiżjoni, li jaqgħu taħt is-subintestatura 8525 80 19 tan-NM, huwa l-kapaċità li għandhom tal-ewwel li jtellgħu xbihat fissi f'memorja jew f'apparat ta' ħżin intern (internal storage device).

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-kamera inkwistjoni fil-kawża prinċipali kellha tiġi kklassifikata taħt is-subintestatura 8525 80 30 tan-NM.

## 2. Kriterji ta' klassifikazzjoni

### 2.1. Karatteristiċi u proprjetajiet oġġettivi tal-prodott

Sentenza tat-8 ta' Novembru 1990 (Il-Qorti tal-Ġustizzja f'seduta plenarja), Gmurzynska-Bscher (C-231/89, [EU:C:1990:386](#))

*“Domandi preliminari – Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja – Riferiment f'leġiżlazzjoni nazzjonali għal dispożizzjonijiet Komunitarji – Tariffa Doganali Komuni – Intestaturi tariffarji 83.06, 97.01 u 97.03 – Klassifikazzjoni ta' opra ta' arti”*

F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja saritilha domanda, essenzjalment, dwar jekk opra ta' arti, li tikkonsisti fi pjanċa tal-azzar b'kisja kkulurita tal-enamel moħmi, tikkostitwixxix “pittura magħmula kollha bl-idejn” jew “pjanċi dekorattivi simili” fis-sens tal-intestatura 97.01 tat-TDK <sup>21</sup> jew “skulturi jew statwi oriġinali, ikun xi jkun il-materjal tagħhom” fis-sens tal-intestatura 97.03 tat-TDK, jew jekk, mill-banda l-oħra, dan l-oġġett kellux jiġi kklassifikat skont il-materjal tiegħu taħt il-kategorija “ornamenti oħra magħmula minn metalli bażiċi”.

Din id-domanda saret fil-kuntest ta' tilwima dwar l-applikazzjoni tad-dritt fiskali Ġermaniż fil-qasam tat-taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ mill-importazzjoni ta' opra ta' arti fil-Ġermanja mill-Pajjiżi Baxxi. Qabel ma importa din l-opra ta' arti, ir-rikorrent kellu jitlob mingħand l-awtoritajiet doganali Ġermaniżi l-ħruġ ta' avviż uffiċjali ta' klassifikazzjoni tariffarja għall-applikazzjoni tad-dritt fiskali Ġermaniż fil-qasam tat-taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ mill-importazzjoni. Għall-għoti ta' eżenzjonijiet jew ta' tnaqqis f'dan il-qasam, id-dritt Ġermaniż kien jirreferi għan-nomenklatura tat-TDK. Din tal-aħħar kienet tipprevedi l-applikazzjoni ta' rata ta' tassazzjoni għall-opri ta' arti li jaqgħu taħt l-intestaturi 97.01 u 97.03 tat-TDK.

Qabel ma indirizzat id-domandi preliminari dwar l-interpretazzjoni tat-TDK, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-interpretazzjoni li hija ntalbet tagħmel tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni tat-TDK kienet maħsuba sabiex il-qorti nazzjonali setgħet tagħti deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tad-dritt Ġermaniż fil-qasam tat-taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ li

<sup>21</sup> TDK fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87.

jirreferi għan-nomenklatura tat-TDK u mhux tat-TDK. F'dawn iċ-ċirkustanzi qamet il-kwistjoni preliminari jekk kinitx tapplika l-proċedura prevista fl-Artikolu 177 tat-Trattat KEE u, għaldaqstant, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja kellhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi d-domandi preliminari.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkjarifikat li, fil-kuntest tat-tqassim tal-ġurisdizzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, previst fl-Artikolu 177 KEE, il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti d-deċizzjoni preliminari tagħha mingħajr, bħala prinċipju, ma tistaxarreg iċ-ċirkostanzi li jkunu wasslu lill-qrati nazzjonali sabiex jagħmlulha d-domandi u sabiex japplikaw id-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li huma jkunu talbuha tinterpreta.

L-uniċi eċċezzjonijiet għal dan huwa fejn jew ikun jidher li l-proċedura tal-Artikolu 177 KEE tkun ġiet abbużata jew użata, fir-realtà, sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċizzjoni fin-nuqqas ta' tilwima vera, jew inkella fejn ikun ċar li d-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni suġġetta għall-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tapplika.

Dan ikun il-każ fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tintalab tinterpreta dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li l-qorti nazzjonali jkollha tapplika, ikun xi jkun il-kamp ta' applikazzjoni li jassenjalha d-dritt tal-Unjoni, minħabba li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tirreferi għaliha permezz ta' *renvoi*.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li hija kellha l-ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi d-domandi magħmula dwar l-interpretazzjoni tat-TDK.

Sabiex tagħti risposta għad-domandi tal-qorti tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, qabel xejn, li l-oġġett inkwistjoni ma setax jitqies bħala oġġett dekorattiv, li, skont in-Noti ta' spjega, jikkostitwixxi karatteristika essenzjali tal-oġġetti kklassifikati taħt il-kategorija "ornamenti oħra magħmula minn metalli bażiċi" tal-intestatura 83.06 tat-TDK.

Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li din l-interpretazzjoni hija wkoll konformi man-Nota 4 tal-Kapitolu 97 tat-TDK li tgħid li, fil-każ ta' dubju dwar il-klassifikazzjoni ta' oġġett, għandha tingħata preċedenza lill-klassifikazzjoni taħt waħda mill-varji intestaturi tal-kapitolu dwar l-oġġetti tal-arti, tal-kollezzjoni u tal-antikità.

Fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, dan ikun iktar u iktar il-każ billi, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kriterju ta' delimitazzjoni bejn l-intestaturi 97 "pitturi, tpinġijiet u pastelli, magħmula kompletament bl-idejn, collages u plakek dekorattivi simili" u 97.03, "skulturi u statwi oriġinali, ta' kwalunkwe materjal" tat-TDK huwa l-fatt li, fil-każ ta' skulturi u statwi, in-natura artistika essenzjali tikkonsisti fit-tiswir tas-sura tridimensjonali tal-opra, filwaqt li, fil-każ ta' pitturi, collages u plakek dekorattivi simili, tikkonsisti fil-kompożizzjoni ta' wiċċ l-opra, oġġett tal-arti magħmul minn pjanċa tal-azzar, mingħajr ebda valur artistiku, b'kisja kkulurita tal-enamel moħmi, applikata mill-artist b'idejh, għandu jitqies bħala "pittura magħmula kollha bl-idejn" fis-sens tal-intestatura 97.01.

Abbażi ta' dawn il-kriterji, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li opra ta' arti bħal dik inkwistjoni kellha tiġi kklassifikata taħt l-intestatura 97.01 tat-TDK.

**Sentenza tad-19 ta' Frar 2009, Kamino International Logistics (C-376/07, [EU:C:2009:105](#))**

*"Tariffa Doganali Komuni – Nomenklatura magħquda – Klassifikazzjoni tariffarja – Monitors tat-tip LCD mgħammra b'sokits ta' SUB-D, DVI-D, USB, S-vidjo u vidjo kompost – Intestatura 8471 – Intestatura 8528 – Regolament Nru 754/2004"*

Fl-2004, Kamino żdoganat, għaċ-ċirkolazzjoni libera tagħhom, lott monitors bil-kulur tat-tip LCD, li ġew ikklassifikati taħt is-subintestatura 8528 21 90. L-imsemmija monitors kienu mgħammra b'sokits ta' SUB-D, DVI-D, USB, S-video u video kompost, li bis-saħħa tagħhom huma setgħu jirriproduċu xbihat minn magna awtomatika li tipproċessa d-data u xbihat minn apparati oħra.

Billi, fil-fehma tagħha, dawn il-monitors kellhom jiġu kklassifikati taħt is-subintestatura 8471 60 90, Kamino għamlet ilment mill-avviż ta' ħlas. Madankollu, dan ilment ġie miċħud permezz ta' deċiżjoni tal-ispettur tad-dwana.

Fil-kuntest ta' dan ir-rikors ippreżentat quddiemha kontra din id-deċiżjoni, il-Qorti tal-Appell, wara li stħarrġet il-karatteristiċi u l-proprjetajiet tal-monitors inkwistjoni fil-kawża prinċipali, qieset li dawn il-monitors kienu jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fin-Nota 5, B, tal-Kapitolu 84 tan-NM. Is-Segretarju tal-Istat għall-Finanzi appella fil-kassazzjoni minn din is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju u sostna li l-Qorti tal-Appell ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-possibbiltajiet ta' użu li joffru dawn il-monitors barra mill-użu bħala element ta' sistema awtomatika li tipproċessa d-data.

F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk monitors li setgħu jirriproduċu sinjali minn magna awtomatika li tipproċessa d-data u minn sorsi oħra, setgħux jitqiesu bħala unitajiet "tat-tip użat 'prinċipalment' f'sistema awtomatika ta' pproċessar ta' data" fis-sens tan-Nota 5, B, tal-Kapitolu 84 tan-NM <sup>22</sup> u setgħux jiġu kklassifikati taħt is-subintestatura 8471 60 90 tagħha.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, fl-ewwel lok, li min-Nota 5, E, tal-Kapitolu 84 tan-NM jirriżulta li huma biss l-apparati li jinkorporaw magna awtomatika li tipproċessa d-data jew li jaħdmu flimkien ma' tali magna, li l-funzjoni tagħha ma tkunx taqa' fl-iskop tal-ipproċessar tad-data, li jeżerċitaw "funzjoni li ma hijiex l-ipproċessar tad-data". Issa, l-imsemmija monitors, minbarra l-funzjoni tagħhom li jirriproduċu xbihat minn apparati bħal game console, video plejer jew DVD plejer, li ma taqax fl-iskop tal-ipproċessar tad-data, setgħu jirriproduċu wkoll sinjali minn magna awtomatika li tipproċessa d-data.

Fit-tieni lok, fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, għalkemm, għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tagħhom taħt is-subintestatura 8471 60 90, l-imsemmija monitors ma kinux tat-tip użat esklużivament f'sistema awtomatika li tipproċessa d-data billi setgħu jitqabbdu mal-unità ċentrali tal-ipproċessar, billi setgħu jirċievu data taħt forma li tista' tintuża mis-sistema u billi setgħu jirriproduċu sinjali minn sorsi oħra, interpretazzjoni tan-Nota ta' spjega 5, B,

<sup>22</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, kif emendat bir-Regolament Nru 1789/2003.

(a) tal-Kapitolu 84 tan-NM, fis-sens li s-sempliċi possibbiltà, għall-monitors inkwistjoni, li jirriproduċu xbihat minn sorsi oħra minbarra magna awtomatika li tipproċessa d-data teskludi l-klassifikazzjoni tagħhom taħt l-intestatura 8471, kienet tammonta għat-tneħħija tal-kelma "prinċipalment" li tidher fit-test tal-imsemmija nota.

Fl-aħħar nett, li kellhom in-Noti ta' spjega li jirreferu għas-subintestatura 8471 tas-SA jiġu interpretati fis-sens li jeskludu l-klassifikazzjoni taħt is-subintestatura 8471 60 90 ta' kull monitor li jista' jirriproduċi sinjali minn magna awtomatika li tipproċessa d-data u minn sorsi oħra, dawn ikollhom l-effett li jimmodifikaw u, b'mod partikolari, li jirrestrinġu l-portata tan-Nota 5, B, (a) tal-Kapitolu 84 tan-NM. Għalhekk, li kellu jitqies li n-Noti ta' spjega tan-NM dwar is-subintestatura 8471 60 90 u n-Noti ta' spjega li jirreferu għall-intestatura 8471 tas-SA setgħu jiġu interpretati f'dan is-sens, dawn ma jkunx jistgħu jiġu applikati billi din l-interpretazzjoni ma tkunx konformi man-Nota 5, B, (a) tal-Kapitolu 84 tan-NM.

Minn dan jirriżulta li monitors tat-tip LCD, mgħammra b'sokits ta' SUB-D, DVI-D, USB, S-video u video kompost, ma humiex esklużi mill-klassifikazzjoni taħt is-subintestatura 8471 60 90, bħala unitajiet tat-tip użat "prinċipalment" f'sistema awtomatika ta' pproċessar ta' data' fis-sens tan-Nota 5, B, (a) tal-Kapitolu 84 tan-NM, minħabba s-sempliċi fatt li huma jistgħu jirriproduċu sinjali minn magna awtomatika li tipproċessa d-data u minn sorsi oħra.

Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża liema huma l-kriterji li permezz tagħhom jista' jiġi ddeterminat jekk monitors bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali humiex unitajiet tat-tip użat prinċipalment f'sistema awtomatika li tipproċessa d-data.

Fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex jiġi ddeterminat jekk monitors tat-tip LCD, mgħammra b'sokits ta' SUB-D, DVI-D, USB, S-video u video kompost, humiex unitajiet tat-tip użat prinċipalment f'sistema awtomatika li tipproċessa d-data, l-awtoritajiet nazzjonali, inkluż il-qorti, għandhom jużaw l-indikazzjonijiet fin-Noti ta' spjega dwar l-intestatura 8471 tas-SA, b'mod partikolari l-punti ddedikati għall-unitajiet ta' viżwalizzazzjoni (display units) ta' magni awtomatiċi li jipproċessaw id-data.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li n-numru u t-tip ta' sokits li bihom huma mgħammra tali monitors ma jistgħux jikkostitwixxu, waħedhom, il-kriterji deċiżivi għall-klassifikazzjoni tariffarja u, għall-finijiet ta' din tal-aħħar, għandhom jiġi evalwati, fid-dawl ukoll ta' kriterji oħra u tal-karatteristiċi u tal-proprjetajiet oġġettivi ta' dawn il-monitors, il-punt sa fejn dawn jistgħu jeżerċitaw diversi funzjonijiet u l-livell ta' prestazzjoni li jilħqu meta jeżerċitaw dawn il-funzjonijiet, u dan billi wieħed jirrikorri għan-Noti ta' spjega dwar l-intestatura 8471 tas-SA.

Għaldaqstant, sa fejn tali monitors ma setgħux jiġi esklużi mill-kunċett ta' unità ta' magna awtomatika li tipproċessa d-data, fis-sens tan-Noti 5, B, (a) u 5, C, tal-Kapitolu 84 tan-NM, kellhom jiġu identifikati l-kriterji li permezz tagħhom seta' jiġi deċiż jekk dawn il-monitors jappartjenux lit-tip użat prinċipalment f'sistema awtomatika li tipproċessa d-

data jew jekk il-karatteristiċi u l-proprjetajiet tekniċi tagħhom jikkategorizzawhomx mal-iskrins tat-televiżjoni jew il-monitors tal-video.

Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, sabiex jiġi ddeterminat jekk monitors b'hal daww inkwistjoni fil-kawża prinċipali humiex unitajiet tat-tip użat prinċipalment f'sistema awtomatika li tipproċessa d-data, l-awtoritajiet nazzjonali, inkluż il-qrati, għandhom jużaw l-indikazzjonijiet fin-Noti ta' spjega dwar l-intestatura 8471 tas-SA.

**Sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Siebrand (C-150/08, [EU:C:2009:294](#))**

*"Nomenklatura Magħquda – Intestaturi tariffarji 2206 u 2208 – Xarba ffermentata li fiha l-alkoħol distillat – Xarba magħmula inizjalment minn frott jew prodott naturali – Żieda ta' sustanzi – Konsegwenzi – Telf tat-togħma, tar-riħa u tad-dehra tax-xarba oriġinali"*

Fil-kawża li wasslet għal din is-sentenza, il-qorti tar-rinviju essenzjalment staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk xarbiet iffermentati b'bażi alkoħolika, li oriġinarjament kienu jikkorrispondu għall-intestatura 2206 tan-NM<sup>23</sup>, li jiżdidulhom proporzjon ta' alkoħol iddistillat, ilma, ġulepp taz-zokkor, ħwawar, kuluri u, fil-każ ta' wħud mix-xarbiet, krema, li jtellfilhom it-togħma, ir-riħa u/jew id-dehra ta' xarba mmanifatturata minn frotta jew minn prodott naturali partikolari, jaqgħux taħt l-intestatura 2206 tan-NM b'ħala xarbiet iffermentati jew taħt l-intestatura 2208 tan-NM b'ħala distillati.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, skont in-Nota ta' spjega tas-SA dwar l-intestatura 2206 tan-NM, iż-żieda tal-alkoħol max-xarbiet li jaqgħu taħt din l-intestatura ma żżommx lil dawn ix-xarbiet milli jżommu din il-klassifikazzjoni kemm-il darba dawn iżommu il-karatteristiċi tal-prodotti kklassifikati taħt din l-intestatura, jiġifieri daww tax-xarbiet iffermentati. Madankollu, billi x-xarbiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali tilfu t-togħma, ir-riħa u d-dehra ta' xarba mmanifatturata minn frotta jew prodott naturali partikolari, jiġifieri xarba ffermentata, tali prodotti ma setgħux jiġu kklassifikati taħt l-intestatura 2206 tan-NM.

Sa fejn għandha x'taqsam il-klassifikazzjoni ta' tali prodotti, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret imbagħad li, skont ir-Regola ġenerali 2(b) għall-interpretazzjoni tan-NM, kull referenza għal materjal f'intestatura għandha titqies li tirreferi wkoll għal taħlitiet jew kombinamenti ta' dak il-materjal ma' materjali oħra. Dan huwa l-każ ta' prodotti b'hal daww inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li fihom l-alkoħol iffermentat, kif ukoll l-alkoħol iddistillat. Dawn il-materjali jaqgħu taħt intestaturi tariffarji differenti.

Ir-Regola ġenerali 3(a) tgħid li, meta jkun jidher li l-merkanzija għandha tiġi kklassifikata taħt żewġ intestaturi jew iżjed skont ir-Regola ġenerali 2(b), l-intestatura l-iktar speċifika għandha tingħata preċedenza fuq l-intestaturi li jkollhom portata iktar ġenerali. Meta

<sup>23</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, kif emendat bir-Regolament Nru 2587/91.

prodotti bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali jkunu magħmula minn materjali differenti u ebda waħda miż-żewġ intestaturi msemmija iktar 'il fuq ma tkun iktar speċifika mill-oħra, l-unika dispożizzjoni li għandha tintuża, għall-klassifikazzjoni tal-prodotti inkwistjoni fil-kawża prinċipali, hija r-Regola ġenerali 3(b). Skont din ir-regola ġenerali, huwa neċessarju, sabiex issir il-klassifikazzjoni tariffarja ta' prodott, li jiġi stabbilit liema materjal, fost il-materjali li jikkomponuh, jagħtih in-natura essenzjali tiegħu.

Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li għandu jiġi ddeterminat liema materjal, fost il-materjali li jikkomponu prodott bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jagħtihom in-natura essenzjali tagħhom. F'dan ir-rigward, jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni diversi karatteristiċi u proprjetajiet oġġettivi għad-determinazzjoni tan-natura essenzjali tagħhom, b'mod partikolari, fl-ewwel lok, il-karatteristiċi u l-proprjetajiet oġġettivi essenzjali, inkluż il-kontenut tal-alkoħol iddistillat, fit-tieni lok, il-karatteristiċi organolettiċi u, fl-aħħar nett, l-użu maħsub tagħhom bħala xarbiet spiritużi.

Abbażi ta' dawn il-kriterji, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-karatteristiċi essenzjali ta' xarbiet bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali jikkorrispondu ġeneralment għal dawk ta' prodott li jaqa' taħt l-intestatura 2208 tan-NM.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li xarbiet bħal dawk inkwistjoni ma jaqgħux taħt l-intestatura 2206 tan-NM, iżda jaqgħu taħt l-intestatura 2208 tagħha.

**Sentenza tat-28 ta' Ottubru 2010, X (C-423/09, [EU:C:2010:650](#))**

*"Tariffa Doganali Komuni – Klassifikazzjoni tariffarja – Nomenklatura Magħquda – Ħxejjex (irjus tat-tewm) imnixxfin, li l-umdità fihom ma tneħħitx għal kollox"*

X, fil-kwalità tagħha ta' aġent tad-dwana, ressqet ħmistax-il dikjarazzjoni għal rilaxx għal ċirkolazzjoni libera għal lottijiet ta' rjus tat-tewm importati miċ-Ċina li, fil-mument tal-importazzjoni tagħhom, kienu f'kontejners irrefriġġerati. Id-dikjarazzjonijiet ta' importazzjoni kienu jsemmu, kull darba, is-subintestatura tariffarja 0712 90 90 tan-NM u jiddeskrivu l-merkanzija bħala tewm niexef.

Wara r-rilaxx tal-merkanzija mill-awtoritajiet doganali, il-kontejner tat-tewm ittieħed f'lok irrefriġġerat, proprjetà ta' impriża li tipprovdi servizzi ta' ħżin, fejn hemmhekk inżamm f'temperatura ta' -3 C. Billi, fil-fehma tal-ispettur tad-dwana, it-tewm importat kellu jiġi kklassifikat bħala tewm irrefriġġerat li jaqa' taħt is-subintestatura tariffarja 0703 20 00 tan-NM, huwa ħareġ l-avviżi ta' ħlas tad-dazji doganali inkwistjoni.

X għamlet ilment li ġie miċħud. Hija mbagħad ippreżentat rikors li ġie ddikjarat infondat. X ippreżentat appell minn din id-deċiżjoni, li wassal sabiex tingħata sentenza li fiha ġie kkonstatat li l-ispettur kien naqas milli juri li kien hemm raġuni għaliex wieħed jidderoga mill-intestatura tariffarja 0712 tan-NM indikata.

F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju, adita b'appell ta' kassazzjoni minn din is-sentenza tal-aħħar, talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiżar l-kriterji għaliex jiġi ddeterminat jekk it-tewm li jkun għadda minn proċess ta' tnixxif jaqax taħt is-subintestatura tariffarja 0703 20 00 tan-NM<sup>24</sup> jew taħt is-subintestatura tariffarja 0712 90 90 tan-NM.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li rreferiet għan-Nota ta' spjega tas-SA dwar l-intestatura 0712, ikkonkludiet li l-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 0712 teħtieġ li l-ħxejjex ikunu għaddew minn proċess ta' tnixxif intensiv skont trattament speċifiku li bih titneħħa mill-prodott l-umdità kollha jew kważi kollha. B'hekk, wara dan il-proċess, il-kwantità ta' umdità residwa fil-ħxejjex tkun waħda żgħira ħafna.

B'analoġija għas-sentenza tal-15 ta' Ġunju 1976, Riemer (120/75, EU:C:1976:90), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, sabiex l-irjus tat-tewm jiġu kklassifikati taħt l-intestatura 0712, il-proċess ta' tnixxif tat-tewm kellu jwassal għal bidliet sostanzjali u irriversibbli hekk li l-prodott ma jibqax iktar fl-istat naturali tiegħu.

Għalhekk, it-tneħħija tal-ilma għandha tibdel sostanzjalment il-proprjetajiet u l-karatteristiċi oġġettivi tal-prodott hekk li din il-bidla twassal għal klassifikazzjoni taħt intestatura tariffarja li ma hijjex l-intestatura 0703, li tkopri l-ħxejjex friski jew irrefriġġerati.

Barra minn hekk, il-fatt li t-tewm parzjalment imnixxef jiġi importat irrefriġġerat juri li t-tnixxif ma jneħħix mill-prodott l-umdità kollha jew kważi kollha, peress li d-deidrazzjoni hija metodu ta' preżervazzjoni li tneħħi l-bżonn li l-prodotti ddeidrati jkunu ppreżervati f'temperatura ta' inqas minn 0 C.

Huwa minnu li perijodu twil ta' preżervazzjoni jista' jservi bħala indizzju addizzjonali dwar il-grad ta' deumidifikazzjoni tat-tewm sabiex dan jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 0712 bħala ħaxix niexef, għall-kuntrarju tat-tewm frisk jew irrefriġġerat. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-intestaturi 0703 u 0712 tan-NM ma fihom ebda referenza għall-preżervazzjoni bħala kriterju ta' klassifikazzjoni, hekk li minn dan għandu jiġi dedott li l-perijodu ta' preżervazzjoni ma għandu, minnu nnifsu, ebda effett fuq il-klassifikazzjoni tariffarja ta' dan il-prodott.

Dan ifisser li t-tewm li jkun għadda minn proċess ta' tnixxif intensiv skont trattament speċifiku li bih titneħħa mill-prodott l-umdità kollha jew kważi kollha jaqa' taħt is-subintestatura tariffarja 0712 90 90 tan-NM, iżda t-tewm parzjalment imnixxef, li jżomm il-proprjetajiet u l-karatteristiċi tat-tewm frisk, jaqa' taħt is-subintestatura tariffarja 0703 20 00 tan-NM.

<sup>24</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, kif emendat bir-Regolament Nru 1810/2004.

**Sentenza tas-26 ta' April 2017, Stryker EMEA Supply Chain Services (C-51/16, [EU:C:2017:298](#))**

*“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tariffa doganali komuni – Intestaturi tariffarji – Klassifikazzjoni tal-merkanzija – Viti għall-impjanti li huma intiżi sabiex jiddaħħlu fil-ġisem ta' bniedem għat-trattament ta' ksur tal-għadam jew għat-tqegħid ta' protesijiet – Nomenklatura Magħquda – Intestatura 9021 – Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 1212/2014 – Validità”*

L-awtoritajiet doganali Olandiżi kienu ħarġu lil Stryker tliet BTI għal tliet mudelli ta' viti għall-impjanti maħsuba sabiex jiddaħħlu fil-ġisem tal-bniedem għall-kura tal-ksur fl-għadam jew għat-tqegħid ta' proteżijiet. Dawn il-viti kienu jippreżentaw karatteristiċi komuni kif ukoll karatteristiċi speċifiċi. Fid-dawl ta' dawn il-karatteristiċi, l-imsemmija awtoritajiet ikklassifikaw, abbażi tal-BTI maħruġa minnhom, dawn it-tliet tipi ta' viti għall-impjanti mediċi taħt l-intestatura 9021 90 90 tan-NM <sup>25</sup>.

Wara li ġie ppubblikat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1212/2014, l-imsemmija awtoritajiet irtiraw din l-informazzjoni tariffarja. Dan l-irtirar ġie ġġustifikat minħabba li, fis-sens ta' dan ir-regolament, “vit intiż li jintuża fil-kirurġija għandu jġi kklassifikat, minħabba l-proprjetajiet u karatteristiċi oġġettivi tiegħu, bħala parti ta' użu generalì”.

Wara lment magħmul quddiem l-awtoritajiet doganali li ma ntlax, Stryker ippreżentat rikors kontra d-deċiżjoni ta' rtirar quddiem il-qorti tar-rinviju.

Insostenn tar-rikors tagħha, Stryker essenzjalment qieset li, fid-dawl tal-karatteristiċi u tal-proprjetajiet oġġettivi tal-viti għall-impjanti, fosthom l-użu maħsub inerenti tagħhom, dawn ma kinux viti “ordinarji” li tirreferi għalihom l-intestatura 7318 tan-NM. Barra minn hekk, fil-fehma ta' Stryker, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1212/2014 ma huwiex validu, billi l-klassifikazzjoni magħmula minnu saret esklużivament fid-dawl tal-karatteristiċi esterni tal-viti għall-impjanti mediċi kkonċernati mingħajr ma ttieħed inkunsiderazzjoni l-użu maħsub inerenti f'dawn il-viti, u dan imur kontra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Il-qorti tar-rinviju, filwaqt li qieset li, minħabba l-proprjetajiet u l-karatteristiċi oġġettivi tagħhom, inkluż l-użu maħsub inerenti tagħhom, il-viti għall-impjanti inkwistjoni fil-kawża prinċipali setgħu jġi kklassifikati taħt l-intestatura 9021 tan-NM, staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk viti għal impjant mediku, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, esklużivament maħsuba sabiex jġi impjantati fil-ġisem tal-bniedem għall-kura tal-ksur fl-għadam jew għat-tqegħid ta' proteżijiet, jaqgħux taħt l-intestatura 9021 tan-NM.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li bbażat ruħha fuq analiżi tal-kliem użat fin-Nota ta' spjega tas-SA dwar il-Kapitolu 90 u l-intestatura 9021, kif ukoll fin-Nota ta' spjega tas-subintestatura 9021 39 90 tan-NM, spjegat, fl-ewwel lok, li l-prodotti kkaratterizzati mill-manifattura diliġenti tagħhom u mill-preċiżjoni kbira tagħhom u li jistgħu jġu impjantati

<sup>25</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1101/2014.

fil-ġisem sabiex jimmobilizzaw il-partijiet affettwati tal-ġisem jew jgħaqqdu l-ksur – karatteristiċi li, konsegwentement, jagħżluhom minn prodotti ordinarji.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet għall-ġurisprudenza tagħha li tgħid li, fost il-kriterji li jistgħu jagħżlu prodotti sempliċi jew ordinarji minn dawk li jaqdu funzjoni medika hemm, b'mod partikolari, il-kriterju dwar il-metodu ta' manifattura tal-prodott ikkonċernat, kif ukoll dak dwar in-natura speċifika tal-funzjoni tal-imsemmi prodott.

Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, il-Qorti tal-Ġustizzja stħarrġet il-metodu u l-funzjoni tal-prodott u kkonkludiet li prodotti bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali jingħażlu minn prodotti ordinarji mill-manifattura diliġenti tagħhom u mill-preċiżjoni kbira tagħhom u dan fid-dawl tal-metodu ta' manifattura tagħhom kif ukoll tan-natura speċifika tal-funzjoni tagħhom. Mill-karatteristiċi u mill-proprjetajiet oġġettivi tal-viti għal impjant mediku, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jirriżulta li tali prodotti jistgħu jaqgħu taħt l-intestatura 9021 tan-NM.

Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-viti għall-impjanti mediċi, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sa fejn dawn il-prodotti jippreżentaw karatteristiċi li jagħżluhom minn prodotti ordinarji mill-manifattura diliġenti u mill-preċiżjoni kbira tagħhom, kif ukoll mill-metodu ta' manifattura tagħhom u min-natura speċifika tal-funzjoni tagħhom, jaqgħu taħt l-intestatura 9021 tan-NM.

**Sentenza tat-13 ta' Marzu 2019, B. S. (*Xgħir fit-taħlita tal-birra*) (C-195/18, [EU:C:2019:197](#))**

*“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni – Dazji tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku – Direttiva 92/83/KEE – Artikolu 2 – Kunċett ta' 'birra' – Birra prodotta minn most miksub minn taħlita li tinkludi iktar glukożju milli xgħir – Nomenklatura Magħquda – Intestaturi 2203 (birra magħmula minn xgħir (malt)) jew 2206 (xorb ieħor iffermentat)”*

B. S. immanifattura xarba alkoħolika li, fil-fehma tiegħu, kienet taħlita ta' birra u ta' xarbiet mhux alkoħoliċi. L-ingredjent prinċipali li jikkostitwixxi l-wort li minnu kien magħmul il-prodott intermedjarju użat għall-manifattura ta' din ix-xarba ma kienx ix-xgħir, iżda l-ġulepp tal-glukożju.

Għal din il-manifattura, huwa kkomunika, kull xahar, lill-uffiċċju doganali kompetenti dikjarazzjoni ta' dazji tas-sisa u kklassifika x-xarba mmanifatturata minnu bħala “taħlita ta' birra” taħt l-intestatura 2203 tan-NM u bħala xarba mhux alkoħolika u applika r-rata tad-dazju tas-sisa prevista għall-birra.

Il-Kap tal-Uffiċċju Doganali kkontesta dawn id-dikjarazzjonijiet billi, fil-fehma tiegħu, ix-xarba mmanifatturata kellha tiġi kklassifikata taħt l-intestatura 2206 tan-NM bħala xarba b'bażi ta' xarbiet iffermentati, minbarra l-birra, u ta' xarbiet mhux alkoħoliċi u kellha, għalhekk, tkun suġġetta għal rata ogħla ta' dazji tas-sisa. Il-Kap tal-Uffiċċju Doganali ġġustifika din il-kontestazzjoni bil-fatt li l-ingredjent prinċipali użat għall-manifattura tal-prodott intermedjarju kien il-ġulepp tal-glukożju u mhux ix-xgħir u li dan il-prodott ma

setax, għalhekk, jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 2203 tan-NM li tkopri l-“birra magħmula mix-xgħir”.

Dawn id-deċiżjonijiet tal-Kap tal-Uffiċju Doganali ġew ikkonfermati minn diversi deċiżjonijiet tad-Direttur tal-Kamra Doganali. Barra minn hekk, ir-rikorsi ppreżentati minn B. S. kontra dawn id-deċiżjonijiet ġew miċħuda mill-qrati amministrattivi Pollakki. Fil-kuntest ta’ din it-tilwima, ir-rikorrent instab kriminalment ħati talli qarraq bl-amministrazzjoni fiskali Pollakka dwar in-natura tax-xarba mmanifatturata minnu u naqqas id-dazji tas-sisa li huwa kien responsabbli għalihom. B. S. ippreżenta, għalhekk, appell minn din id-deċiżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju.

F’dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-Artikolu 2 tad-Direttiva 92/83<sup>26</sup> għandux jiġi interpretat fis-sens li prodott intermedjarju, maħsub sabiex jitħallat ma’ xarbiet mhux alkoħoliċi, li jinkiseb minn wort li jkun fih inqas ingredjenti li fihom ix-xgħir milli ingredjenti li ma fihomx ix-xgħir u li jiżdiedlu l-ġulepp tal-glukożju qabel il-proċess ta’ fermentazzjoni, jista’ jiġi kklassifikat bħala “birra magħmula mix-xgħir” li taqa’ taħt l-intestatura 2203 tan-NM<sup>27</sup>.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li qieset li l-prodott finali inkwistjoni kien taħlita li ma setgħetx tiġi kklassifikata taħt l-intestatura 2203 tan-NM, ikkonstatat li l-imsemmi prodott seta’ jiġi kklassifikat bħala “birra” u seta’ jaqa’ taħt dan l-Artikolu 2 biss jekk il-prodott alkoħoliku intermedjarju, maħsub sabiex jitħallat ma’ xarbiet mhux alkoħoliċi, bil-għan li jinkiseb dan il-prodott finali, ikun jista’, min-naħa tiegħu, jiġi kklassifikat bħala “birra magħmula mix-xgħir”, fis-sens tal-intestatura 2203 tan-NM u dan kemm-il darba jkun jidher li huwa paċifiku li l-imsemmi prodott finali jkollu qawwa alkoħolika ta’ iktar minn 0.5 % vol.

Fl-ewwel lok, sabiex jiġi ddeterminat jekk prodott alkoħoliku li jsir bil-fermentazzjoni tal-wort magħmul, b’mod partikolari, minn ġulepp tal-glukożju u minn proporzjon żgħir ta’ xgħir jistax jiġi kklassifikat bħal “birra magħmula mix-xgħir” fis-sens tal-intestatura 2203 tan-NM, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li n-NM ma tiffissa ebda perċentwali minima ta’ ingredjenti li fihom ix-xgħir fil-wort maħsub sabiex tiġi mmanifatturata l-birra. Huwa minnu li l-intestatura 2203 tan-NM tkopri l-“birer magħmula mix-xgħir” u dan jippreżupponi li birra, li tkun taqa’ taħt din l-intestatura, ma tistax tiġi mmanifatturata mingħajr ma jkollha x-xgħir fil-kompożizzjoni tagħha. Madankollu, mill-kliem “birer magħmula mix-xgħir” ma jstax jiġi dedott li hija meħtieġa perċentwali minima ta’ xgħir fil-wort.

Fit-tieni lok, sa fejn għandu x’jaqsam il-ġulepp tal-glukożju fil-kompożizzjoni tal-wort, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-preżenza ta’ dan il-ġulepp ma hijiex ipprojbita min-NM u li, barra minn hekk, in-Nota ta’ spjega tas-SA dwar l-imsemmija intestatura tirrikonoxxi

<sup>26</sup> L-Artikolu 2 tad-Direttiva 92/83 jinkludi, taħt id-deskrizzjoni ta’ “birra”, mhux biss kull prodott li jaqa’ taħt l-intestatura 2203 tan-NM, iżda wkoll kull prodott li jkun fih taħlita ta’ birra u ta’ xarbiet mhux alkoħoliċi li jaqa’ taħt l-intestatura 2206 tan-NM, kemm-il darba, fiż-żewġ każijiet, dan il-prodott ikollu qawwa alkoħolika ta’ iktar minn 0.5 % vol.

<sup>27</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, fil-verżjoni tiegħu li jirriżulta mir-Regolament Nru 2587/91.

b'mod espliċitu l-possibbiltà li, matul il-proċess ta' fermentazzjoni, jiżdiedu mal-wort sustanzi aromatiċi.

Dan ifisser li prodott immanifatturat bi proporzjon żgħir ta' xgħir u b'żieda ta' glukożju qabel il-fermentazzjoni alkoħolika ma huwiex, għal dawn ir-raġunijiet biss, eskluż mill-kunċett ta' "birra magħmula mix-xgħir" li taqa' taħt l-intestatura 2203 tan-NM.

Madankollu, tali prodott jista' jaqa' taħt din l-intestatura biss jekk kemm-il darba l-karatteristiċi u l-proprjetajiet oġġettivi tiegħu jkun jikkorrispondu għal dawk tal-birra. F'dan ir-rigward, għandhom jittieñdu inkunsiderazzjoni, b'mod iktar speċifiku, il-karatteristiċi organolettiċi tal-prodott ikkonċernat.

F'dan il-kuntest, fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, jekk il-karatteristiċi organolettiċi tal-prodott alkoħoliku intermedjarju ma jkun jikkorrispondu għal dawk tal-birra – u dan ikun partikolarment il-każ jekk dan il-prodott intermedjarju ma jkun jixbah viżwalment il-birra jew ma jkollux it-togħma speċifika tagħha – l-imsemmi prodott ma jkun jista' jiġi kklassifikat bħala "birra magħmula mix-xgħir" li taqa' taħt l-intestatura 2203 tan-NM.

## 2.2. L-użu maħsub tal-prodott

**Sentenza tal-14 ta' April 2011, British Sky Broadcasting Group u Pace (C-288/09 u C-289/09, [EU:C:2011:248](#))**

*"Tariffa Doganali Komuni – Klassifikazzjoni tariffarja – Nomenklatura Magħquda – Riċevituri u dekodifikaturi tat-televiżjoni diġitali bis-satellita li għandhom funzjoni ta' reġistrazzjoni – Kodiċi Doganali tal-Komunità – Artikolu 12(5)(a)(i) u (6) – Validità razione temporis ta' informazzjoni tariffarja li torbot"*

Id-domandi preliminari li wasslu għal din is-sentenza kienu jikkonċernaw, *inter alia*, l-interpretazzjoni tas-subintestaturi 8521 90 00 u 8528 71 13 tan-NM<sup>28</sup>. Il-qorti tar-rinviju staqsiet, b'mod partikolari, permezz tal-ewwel domandi fil-kawżi ineżami, jekk in-NM għandhiex tiġi interpretata fis-sens li kaxxa set-top mgħammra b'hard disk drive jaqgħu taħt is-subintestatura 8528 71 13 minkejja n-Noti ta' spjega tan-NM ippubblikati fis-7 ta' Mejju 2008, li minnhom jirriżulta li l-imsemmija kaxxi set-top jaqgħu taħt is-subintestatura 8521 90 00.

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li n-Noti ta' spjega tan-NM effettivament jipprovdu li kaxxi set-top mgħammra b'apparat b'funzjoni ta' rrekordjar jew riproduzzjoni (hard disk, pereżempju) huma esklużi mis-subintestatura 8528 71 13 u għandhom jiġu kklassifikati taħt is-subintestatura 8521 90 00. Madankollu, in-Noti ta' spjega tas-SA fis-seħħ fid-data tal-fatti tal-kawża prinċipali kienu jippreċiżaw li l-apparati riċeventi għat-televiżjoni, sew jekk jinkorporaw apparat għall-irrekordjar u sew jekk le,

<sup>28</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, kif emendat bir-Regolamenti Nru 2587/91 u Nru 1214/2007.

kellhom jiġu esklużi mill-intestatura 8521 u kellhom jiġu kklassifikati taħt l-intestatura 8528.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li mid-definizzjonijiet tas-subintestaturi 8521 90 00 u 8528 71 13 jirriżulta li merkanzija li taqa' taħt dawn iż-żewġ subintestaturi tista', f'ħin wieħed, tirċievi sinjali tat-televiżjoni u tirrekordjahom. Id-differenza bejn iż-żewġ subintestaturi hija n-natura prinċipali jew anċillari tal-imsemmija funzjonijiet. Is-subintestatura 8521 90 00 tikkonċerna apparati għall-irrekordjar b'funzjoni anċillari ta' riċezzjoni televiżiva, filwaqt li s-subintestatura 8528 71 13 tikkonċerna l-apparati riċeventi għat-televiżjoni b'funzjoni anċillari ta' rrekordjar.

Skont in-Nota 3 tat-Taqsima XVI tan-NM, li taħtha jaqgħu s-subintestaturi inkwistjoni, "magni komposti magħmulin minn żewġ magni jew iktar imwaħħlin flimkien biex jagħmlu waħda u magni oħrajn maħsubin bil-għan li jagħmlu żewġ funzjonijiet kumplimentari jew alternattivi jew iktar għandhom jiġu kklassifikati daqslikienu magħmulin biss minn dak il-komponent jew huma dik il-magna li tagħmel il-funzjoni prinċipali". Il-kaxxi set-top inkwistjoni fil-kawża prinċipali kellhom, inkontestabbilment, żewġ funzjonijiet ta' rrekordjar u ta' riċezzjoni ta' sinjali tat-televiżjoni. Hija għiet, għalhekk, analizzata bħala magna maħsuba bil-għan li taqdi żewġ funzjonijiet kumplimentari jew alternattivi jew iktar, fis-sens tan-Nota 3 tat-Taqsima XVI tan-NM.

B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li għandha tiġi ddeterminata liema waħda miż-żewġ funzjonijiet ta' rrekordjar u ta' riċezzjoni ta' sinjali tat-televiżjoni hija l-funzjoni prinċipali u liema hija l-funzjoni anċillari.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-użu maħsub tal-prodott jista' jkun kriterju oġġettiv ta' klassifikazzjoni kemm-il darba jkun inerenti fl-imsemmi prodott, liema natura inerenti għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-karatteristiċi u tal-proprjetajiet oġġettivi ta' dan tal-aħħar. B'mod partikolari, huwa neċessarju li jittieħed inkunsiderazzjoni dak li huwa prinċipali jew anċillari f'għajnejn il-konsumatur.

Abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-kaxxa set-top f'din il-kawża kienet prinċipalment maħsuba sabiex tirċievi sinjali tat-televiżjoni u li din il-funzjoni hija inerenti f'dan l-apparat. Hija, għalhekk, il-funzjoni prinċipali tagħha, filwaqt li l-funzjoni ta' rrekordjar hija biss waħda sekondarja.

Konsegwentement, kaxxi set-top bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali jaqgħu taħt is-subintestatura 8528 71 13 minkejja n-Noti ta' spjega tan-NM.

Minn dan kien jirriżulta li, billi n-Noti ta' spjega tan-NM jikkontradixxu n-NM dwar dan il-punt, dawn kellhom jitwarrbu.

Sentenza tat-22 ta' Novembru 2012, Digitalnet et (C-320/11, C-330/11, C-382/11 u C-383/11, [EU:C:2012:745](#))

*“Tariffa Doganali Komuni – Klassifikazzjoni tariffarja – Nomenklatura Magħquda – Apparat li jista’ jirċievi sinjali tat-televiżjoni li fih modem għall-aċċess għall-internet u li jiżgura funzjoni ta’ skambju interattiv ta’ informazzjoni”*

Tliet kumpanniji li l-attività prinċipali tagħhom, fi żmien il-fatti tal-kawża, kienet il-provvista ta’ aċċess għat-televiżjoni diġitali u għall-internet, importaw fil-Bulgarija kaxxi set-top identiċi b’funzjoni ta’ komunikazzjoni (iktar ‘il quddiem il-“kaxxa set-top”), ta’ varji ditti kummerċjali. Il-kaxxi set-top ġew iddikjarati taħt is-subintestatura tariffarja 8528 71 13 tan-NM, ħielsa mid-dazji doganali.

L-awtoritajiet doganali għamlu spezzjoni u qiesu li l-kaxxi set-top ma kinux mgħammra b’modem integrat u li kellhom jiġi kklassifikati taħt is-subintestatura 8528 71 19 tan-NM. Konsegwentement, huma adottaw atti amministrattivi li żammew lit-tliet kumpanniji responsabbli għall-ħlas tad-dazji doganali.

Quddiem il-qorti tar-rinviju, il-kumpanniji kkonċernati kkontestaw il-validità ta’ dawn l-atti amministrattivi permezz ta’ erba’ proċeduri distinti, li tnejn minnhom kienu jikkonċernaw lill-istess kumpannija.

Il-qorti tar-rinviju staqsiet, għalhekk, lill-Qorti tal-Ġustizzja liema merkanzija setgħet tiġi kklassifikata taħt is-subintestatura 8528 71 13 tan-NM <sup>29</sup> u xi jkopru l-kunċetti ta’ “modem” u “aċċess għall-internet” fis-sens ta’ din is-subintestatura u fis-sens tan-Noti ta’ spjega tas-7 ta’ Mejju 2008. Hija staqsiet ukoll jekk it-tip ta’ modem użat huwiex rilevanti għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tariffarja jew jekk huwiex biżżejjed li l-modem jippermetti l-aċċess għall-internet.

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li apparat, sabiex jiġi kklassifikat taħt is-subintestatura 8528 71 13 tan-NM, għandu jkun jista’, minn naħa, jirċievi sinjali tat-televiżjoni u, min-naħa l-oħra, jinkorpora modem għall-aċċess għall-internet b’funzjoni ta’ skambju interattiv ta’ informazzjoni. Konsegwentement, kull apparat li ma jkollux xi waħda jew oħra minn dawn il-karatteristiċi għandu jiġi kklassifikat taħt is-subintestatura 8528 71 19 tan-NM u dan skont ir-Regola ġenerali 3(c) għall-interpretazzjoni tan-NM.

Fil-fatt, l-użu maħsub ta’ prodott jista’ jikkostitwixxi kriterju oġġettiv ta’ klassifikazzjoni kemm-il darba dan ikun inerenti fl-imsemmi prodott, liema natura inerenti għandha tkun tista’ tiġi evalwata fid-dawl tal-karatteristiċi u tal-proprjetajiet oġġettivi ta’ dan tal-aħħar.

Billi n-NM la tiddefinixxi l-kunċett ta’ “modem” u lanqas dak ta’ “aċċess għall-internet”, il-Qorti tal-Ġustizzja analizzat in-Noti ta’ spjega tas-7 ta’ Mejju 2008, fis-seħħ fil-mument

<sup>29</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, kif emendat, rispettivament, bir-Regolamenti Nru 1214/2007, Nru 1031/2008 u Nru 948/2009.

tal-importazzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jagħtu kjarifiki dwar it-tipi ta' apparati li jistgħu jitqiesu bħala modems, fis-sens tas-subintestatura 8528 71 13 u dwar il-karatteristiċi li dawn l-apparati għandhom ikollhom sabiex ikunu jistgħu jitqiesu li jippermettu l-aċċess għall-internet u l-iskambju interattiv ta' informazzjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li rreferiet għad-definizzjoni ta' modem, fis-sens tas-subintestatura 8528 71 13, li tintuża fl-imsemmija noti ta' spjega fid-dawl tas-sens normali fil-lingwaġġ ta' kuljum ta' dawn tal-aħħar u tad-definizzjoni tar-Rapport tal-Bord tad-WTO, ikkonstatat li n-Noti ta' spjega tas-7 ta' Mejju 2008 dwar is-subintestatura 8528 71 13, billi eskludew mill-kunċett ta' "modem" l-apparati li jaqdu funzjonijiet simili għal dawk li jaqdi modem għal raġunijiet tekniċi, minkejja li huwa biss l-iskop tal-kapaċità li jinkiseb aċċess għall-internet li huwa rilevanti għall-finijiet tal-klassifikazzjoni, irrestrinġew is-sens ta' dan il-kunċett tal-aħħar. Għalhekk, dawn in-noti jikkontradixxu n-NM dwar dan il-punt u ma kellhomx japplikaw.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, fis-sens tas-subintestatura 8528 71 13 tan-NM, "modem għall-aċċess għall-internet" għandu jitqies bħala apparat li għandu l-kapaċità li jinkiseb aċċess għall-internet u jiżgura interattività jew skambju ta' informazzjoni fiż-żewġ direzzjonijiet. Hija biss il-kapaċità li jinkiseb aċċess għall-internet li hija rilevanti għall-finijiet tal-klassifikazzjoni u mhux ukoll it-teknika użata sabiex isir dan. Barra minn hekk, l-apparat, sabiex jiġi kklassifikat taħt is-subintestatura 8528 71 13 tan-NM, għandu jkollu l-kapaċità li jinkiseb aċċess għall-internet biss permezz tal-modem inkorporat fih, mingħajr l-intervent ta' ebda apparat jew mekkaniżmu ieħor.

Il-qorti tar-rinviju staqsi ukoll liema waħda miż-żewġ funzjonijiet li jaqdu l-imsemmija apparati, jiġifieri r-riċezzjoni ta' sinjali tat-televiżjoni u l-preżenza ta' modem li jippermetti l-aċċess għall-internet, tista' titqies bħala l-funzjoni prinċipali.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, sabiex jiġi ddeterminat jekk apparat jistax jiġi kklassifikat taħt is-subintestatura 8528 71 13 tan-NM, ma hemmx għalfejn wieħed jevalwa jekk il-funzjoni ta' riċezzjoni tat-televiżjoni hijiex il-funzjoni prinċipali u jekk il-funzjoni ta' aċċess għall-internet hijiex anċillari, jew viċi versa, billi dawn iż-żewġ funzjonijiet għandhom ikunu preżenti f'fin wieħed fl-apparat u li, fin-nuqqas ta' xi waħda jew oħra minn dawn il-funzjonijiet, l-apparati ma jaqgħux taħt is-subintestatura 8528 71 13, iżda, skont ir-Regola ġenerali 3(c) għall-interpretazzjoni tan-NM, jaqgħu taħt is-subintestatura 8528 71 19 tan-NM.

Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju staqsi ukoll jekk l-Artikolu 78(2) tal-Kodiċi Doganali għandux jiġi interpretat fis-sens li l-ispezzjoni *a posteriori* tal-merkanzija u l-bidla sussegwenti fil-klassifikazzjoni tariffarja tagħha jistgħux isiru fid-dawl ta' dokumenti bil-miktub mingħajr ma l-awtoritajiet doganali jkunu obbligati jiverifikaw fiżikament l-imsemmija merkanzija.

Billi minn dan l-artikolu jirriżulta li l-ispezzjoni *a posteriori* tad-dikjarazzjonijiet tista' ssir mingħajr ma l-awtoritajiet doganali jkunu obbligati jivverifikaw fiżikament il-merkanzija, il-Qorti tal-Ġustizzja wiegħbet fl-affermattiv.

**Sentenza tat-22 ta' Settembru 2016, Kawasaki Motors Europe (C-91/15, [EU:C:2016:716](#))**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Evalwazzjoni tal-validità – Regolament (KE) Nru 1051/2009 – Tariffa doganali komuni – Klassifikazzjoni tariffarja – Nomenklatura Magħquda – Intestatura 8701 – Trakters – Sotto-intestaturi 8701 90 11 sa 8701 90 39 – Trakters agrikulturali u trakters għax-xogħol fil-foresti, (ħlief trakters ikkontrollati minn xi ħadd bil-mixi), bir-roti, ġodda – Vetturi għal kull art ħafifa, four-wheel drive intiżi biex jintużaw bħala trakters"*

F'din il-kawża, il-Gerechthof Amsterdam (il-Qorti tal-Appell ta' Amsterdam, il-Pajjiżi Baxxi) staqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-validità tar-Regolament Nru 1051/2009, li jikklassifika vetturi ħfief għal kull terren skont is-saħħa tal-mutur tagħhom.

Fl-2010, Kawasaki Motors Europe (KME) talbet li tliet vetturi għal kull terren jiġu kklassifikati bħala trakters agrikoli u forestali abbażi tas-saħħa tal-mutur taħt is-subintestaturi 8701 90 11, 8701 90 20 u 8701 90 25 tan-NM, rispettivament. Madankollu, l-awtoritajiet doganali kklassifikaw dawn il-vetturi taħt is-subintestatura 8701 90 90. Wara lment li ma ntlax, KME ppreżentat rikors kontra d-deċiżjonijiet li minnhom ħarġet din l-informazzjoni tariffarja, liema rikors ġiet adita bih il-qorti tar-rinviju fl-istadju tal-appell. Fid-deċiżjoni tagħha, hija rreferiet għal kawża preċedenti li tmur lura għall-1992, li fiha vetturi simili kienu ġew ikklassifikati ħażin u mbagħad ġew ikklassifikati kif suppost taħt il-kategorija ta' trakters agrikoli.

Permezz tas-sentenza tas-27 ta' April 2006, Kawasaki Motors Europe (C-15/05, EU:C:2006:259), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat l-invalidità tar-Regolament Nru 2518/98. Wara din is-sentenza, l-ispettur tal-awtoritajiet fiskali ħareġ BTI ġodda, li kklassifikaw il-vetturi kkonċernati taħt is-subintestaturi 8701 90 11 jew 8701 90 20 tan-NM, skont is-saħħa tal-muturi rispettivi tagħhom. Madankollu, din l-informazzjoni kienet tilfet il-validità tagħha minħabba d-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 1051/2009.

F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju, filwaqt li qieset li r-Regolament Nru 1051/2009 kien japplika b'analoġija għall-vetturi inkwistjoni fil-kawża prinċipali, kellha dubji dwar il-validità ta' dan ir-regolament inkwantu minnu jirriżulta li dawn il-vetturi għandhom jiġu kklassifikati taħt is-subintestatura 8701 90 90 tan-NM, minħabba li dawn la kellhom power take-off, la apparat idrawliku għall-irfiġħ u lanqas winċ.

Fil-fatt, il-vetturi ġodda għal kull terren, b'erba' roti u b'sit wieħed biss, bi stering tat-tip Ackerman li jaħdem permezz ta' manubriju, mgħammra b'ganċ ta' rmonk u li l-karatteristiċi tekniċi tagħhom jippermettulhom li jimbuttaw mill-inqas darbtejn id-daqs tal-piż tagħhom, għandhom jiġu kklassifikati taħt is-subintestatura 8701 90 tan-NM, billi l-klassifikazzjoni tal-imsemmija vetturi taħt is-subintestaturi bi tmien numri hija ddeterminata skont is-saħħa tal-mutur tagħhom. F'dan ir-rigward, huma biss is-

subintestaturi bi tmien numri 8701 90 11 sa 8701 90 39 tan-NM, li jikkonċernaw it-trakters agrikoli u t-trakters forestali, ġodda, li huma rilevanti.

Skont ir-Regola ġenerali 1 għall-interpretazzjoni tan-NM, il-klassifikazzjoni għandha, għall-finijiet legali, tiġi ddeterminata skont it-termini tal-intestaturi u n-noti tat-taqsimiet jew tal-kapitoli, minbarra r-regoli ġenerali l-oħra, meta dawn ma jkunux imorru kontra t-termini tal-imsemmija intestaturi jew noti. Ir-Regola ġenerali 6 tipprovdi li l-klassifikazzjoni tal-merkanzija taħt is-subintestaturi tal-istess intestatura għandha, għal finijiet legali, tiġi ddeterminata skont it-termini ta' dawn is-subintestaturi u tan-noti tas-subintestaturi kif ukoll, *mutatis mutandis*, skont ir-regoli ġenerali l-oħra. Barra minn hekk, mir-Regola ġenerali 3(a) jirriżulta li, meta jkun jidher li l-merkanzija għandha tiġi kklassifikata taħt żewġ intestaturi, l-intestatura iktar speċifika għandha tingħata preċedenza fuq l-intestatura iktar ġenerali. L-użu maħsub tal-prodott għandu jikkostitwixxi kriterju oġġettiv ta' klassifikazzjoni kemm-il darba jkun inerenti fl-imsemmi prodott, liema natura inerenti għandha tkun tista' tiġi evalwata skont il-karatteristiċi u l-proprietajiet oġġettivi ta' dan tal-aħħar.

F'dan il-kuntest, huwa irrilevanti li trakters, li, mili jidher, ikollhom użu maħsub ta' natura agrikola jew forestali, ikun jista' jkollhom użu rikreattiv. Fil-fatt, jekk il-karatteristika oġġettiva ta' prodott tista' tiġi vverifikata fil-mument tal-iżdoganar, il-fatt li jista' jkun ukoll previst użu ieħor ta' dan il-prodott ma jstax iżommu milli jiġi kklassifikat għal finijiet legali. Għall-klassifikazzjoni doganali tiegħu, ma huwiex neċessarju li dan il-prodott ikun unikament jew esklużivament maħsub għall-użu li jikkorrispondi għall-imsemmija karatteristika oġġettiva. Huwa biżżejjed li dan l-użu jkun l-iskop essenzjali tiegħu.

Skont din il-ġurisprudenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-użu agrikolu jew forestali tat-trakters jista' jirriżulta mid-disinn tagħhom u mill-preżenza ta' apparati jew tagħmir maħsuba għal dak l-użu, mingħajr ma jkun hemm bżonn li dak l-użu maħsub jinrabat *a priori* mal-preżenza ta' ċerti apparati jew tagħmir elenkati b'mod eżawrjenti. Il-vetturi kummerċjali msemmija fil-punt 2 tal-Anness tar-Regolament Nru 1051/2009 għandhom jitqiesu, għalhekk, bħala "trakters" fis-sens tas-subintestatura 8701 90, li tikkonċerna esklużivament vetturi kummerċjali. Id-distinzjoni prinċipali hija bbażata fuq l-iskop agrikolu, forestali jew ieħor tagħhom.

**Sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Pfizer Consumer Healthcare (C-182/19, [EU:C:2020:243](#))**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tariffa doganali komuni – Nomenklatura Magħquda – Klassifikazzjoni tariffarja – Intestaturi 3005 u 3824 – Kumpressi u ċinturini li jisħnu waħedhom intiżi sabiex itaffu l-uġiġħ – Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1140 – Invalidità"*

Pfizer importat prodotti li jintużaw darba koperti mit-trade mark irreġistrata ThermaCare. Dawn il-prodotti huma ppreżentati u kkummerċjalizzati għal finijiet ta' termoterapija terapewtika, sabiex jagħtu benefiċċji bħall-analġeżija, it-tnaqqis fl-ebusija u l-fejqaq iktar malajr ta' tessuti li jkunu ġarrbu ħsara.

Minħabba li dawn il-prodotti kienu jiġu kklassifikati b'mod differenti minn pajjiżi differenti, l-awtoritajiet doganali Franċiżi talbu, fl-2015, li l-klassifikazzjoni tal-prodotti ThermaCare tiġi eżaminata mill-Kummissjoni, li rressqet din il-kwistjoni quddiem il-Kumitat tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, u dan wassal sabiex il-Kummissjoni tadotta r-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1140 li kklassifika l-prodotti ThermaCare taħt l-intestatura 3824 tan-NM.<sup>30</sup>

F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-validità tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1140.

Qabel xejn, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-merkanzija importata minn Pfizer hija identika jew, tal-inqas, analoga biżżejjed għaż-żewġ prodotti li kien jirreferi għalihom ir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1140 u li, għalhekk, kien japplika dan tal-aħħar.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea taw lill-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mal-esperti doganali tal-Istati Membri, setgħa wiesgħa ta' evalwazzjoni sabiex tippreċiża l-kontenut tal-intestaturi tariffarji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-klassifikazzjoni ta' merkanzija partikolari. Madankollu, is-setgħa tal-Kummissjoni li tiegħu l-miżuri msemmija fl-Artikolu 57(4) tal-Kodiċi Doganali la tawtorizzaha tibdel il-kontenut u lanqas il-portata tal-intestaturi tariffarji.

F'dan il-każ, kif jirriżulta mill-kliem użat fil-kolonna 1 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1140, il-prodotti li kienu koperti minn dan tal-aħħar kienu ppreżentati fil-forma ta' garżi (patches) jew ċinturini (belts) sabiex jittaffa l-uġiġħ. Dawn il-garżi huma magħmula minn materjal adeżiv sabiex jeħlu mal-ġilda, filwaqt li l-ċinturini huma magħmula minn materjal mhux adeżiv li jitwaħħal permezz ta' strixxa awtoadeżiva. Dawn il-prodotti huma magħmula minn materjal sintetiku u morbidi li jjieħu l-forma tal-ġisem u li fih numru ta' diski mimlija bi trab tal-ħadid, bil-faħam, bil-melħ u bl-ilma, li, malli jkun esposti għall-arja, jiġġeneraw is-sħana minħabba reazzjoni eżotermika.

Skont it-termini tal-intestatura 3824 tan-NM, il-prodotti li jaqgħu taħt din l-intestatura huma prodotti "mhux speċifikati jew inklużi banda oħra". B'hekk, kien neċessarju, fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, li jiġi eżaminat jekk il-Kummissjoni, billi kklassifikat l-prodotti koperti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1140 taħt is-subintestatura 3824 90 96 tan-NM u mhux taħt l-intestatura 3005 ta' din tal-aħħar, bidlitx il-kontenut jew il-portata ta' dawn l-intestaturi tan-NM.

L-ewwel nett, sa fejn għandu x'jaqsam il-kriterju dwar l-ippakkjar għall-bejgħ bl-imnut fl-intestatura 3005 tan-NM, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li fil-kolonna 1 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1140 huwa minnu li ma kien jingħata ebda dettall f'dak li għandu x'jaqsam mal-ippakkjar tal-prodotti koperti minn dan ir-

<sup>30</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 952/2013.

regolament ta' implimentazzjoni. Madankollu, ma kienx ikkontestat li dawn il-prodotti jiġu ppakkjati għall-bejgħ bl-imnut u dan huwa kkonfermat ukoll mill-orġini tal-imsemmi regolament ta' implimentazzjoni.

It-tieni, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-kunċett ta' "għanijiet mediċi", fis-sens tal-intestatura 3005 tan-NM, la huwa ddefinit fin-NM u lanqas fin-Noti ta' spjega tagħha. Skont ġurisprudenza stabbilita, is-sinjifikat u l-portata tat-termini li d-dritt tal-Unjoni ma jagħti ebda definizzjoni tagħhom għandhom jiġi ddeterminati skont is-sens normali fil-lingwaġġ ta' kuljum. Barra minn hekk, sabiex jiġi stabbilit jekk prodott huwiex maħsub għal finijiet mediċi, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha tal-każ. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li merkanzija maħsuba speċjalment sabiex tipprevjeni, tikxef u tikkura mard jew feriti tkopri "għanijiet mediċi" fis-sens tal-intestatura 3005 tan-NM. Barra minn hekk, il-fatt li dawn il-prodotti huma kklassifikati bħala "apparati mediċi attivi", skont id-Direttiva 93/42, huwa indizju addizzjonali f'dan ir-rigward.

It-tielet, il-Qorti tal-Ġustizzja stħarrġet jekk il-prodotti koperti jistgħux jitqiesu bħala "oġġetti analogi" għal "[t]ajjar, garżi [jew] faxex", fis-sens tal-intestatura 3005 tan-NM. Fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatt li din il-merkanzija ma għandhiex tintuża f'ċerti każijiet ma setax iwaqqa' dubju fuq il-konklużjoni li dawn huma maħsuba sabiex jikkuraw l-uġiġ u l-feriti. Konsegwentement, il-prodotti koperti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1140 kienu jaqgħu taħt l-intestatura 3005 tan-NM u, minħabba dan, ma setgħux jaqgħu taħt l-intestatura 3824.

Dan ifisser li l-Kummissjoni, billi kklassifikat l-imsemmija prodotti taħt is-subintestatura 3824 90 96 tan-NM, u mhux taħt l-intestatura 3005, bidlet il-kontenut ta' dawn l-intestaturi tariffarji u marret lil hinn mill-kompetenzi mogħtija lilha mill-Artikolu 57(4) tal-Kodiċi Doganali.

Konsegwentement, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1140 kien invalidu.

### 2.3. Użu tal-prodott

Sentenza tad-19 ta' Ottubru 2000, Peacock (C-339/98, [EU:C:2000:573](#))

*"Tariffa Doganali Komuni – Intestaturi tariffarji – Klassifikazzjoni tariffarja tal-kards tan-network – Klassifikazzjoni fin-Nomenklatura Magħquda"*

F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja tat risposta għal domanda preliminari li kienet tikkonċerna l-klassifikazzjoni tariffarja ta' kards tan-network, maħsuba għall-kompjuters personali hekk li dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jiskambjaw informazzjoni jew data ma' kompjuters oħra.

Fil-fatt, il-qorti tar-rinviju f'din il-kawża essenzjalment talbet li tiġi kkjarifikata l-intestatura korretta fin-NM<sup>31</sup> għall-klassifikazzjoni tal-kards tan-network. Din il-kwistjoni tqajmet fil-kuntest ta' tilwima dwar talba għal rimbors ta' dazji doganali mħallsa minn Lulju 1990 sa Mejju 1995 fuq l-importazzjoni ta' kards tan-network fl-Unjoni.

Sal-1993, il-kards tan-network inkwistjoni fil-kawża prinċipali ġew irrilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera u ddikjarati taħt is-subintestatura 8473 30 tan-NM. Mill-1994 'il quddiem, il-merkanzija bdiet titqies li taqa' taħt is-subintestatura 8473 30 10 tan-NM. Konsegwentement, sal-1994, il-kards tan-network kienu suġġetti għal dazju doganali ta' 4 % u, fl-1995, għal dazju doganali ta' 3.8 %.

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tenniet li r-Regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-NM jipprevedu li l-klassifikazzjoni tal-merkanzija għandha tiġi ddeterminata skont it-termini tal-intestaturi u tan-noti tat-taqsimiet jew tal-kapitoli. Barra minn hekk, il-karatteristiċi u l-proprjetajiet tal-merkanzija huma l-kriterju deċiżiv għall-klassifikazzjoni doganali tal-merkanzija.

It-tieni, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li n-Nota 5, B, tal-Kapitolu 84 tan-NM tat-TDK, li tipprevedi, *inter alia*, li l-magni li jinkorporaw magna awtomatika li tipproċessa d-data jew li jaħdmu flimkien ma' tali magna u li jeżerċitaw funzjoni speċifika huma esklużi mill-intestatura 8471, "magni awtomatiċi li jipproċessaw id-data u l-unitajiet tagħhom", għandha tiġi interpretata fis-sens li ma teskludix il-klassifikazzjoni taħt din is-subintestatura tal-kards tan-network maħsuba sabiex jiġu installati f'magni awtomatiċi li jipproċessaw id-data.

Fil-fatt, il-kards tan-network jistgħu jiġu pparagunati ma' kull mezz ieħor li bih magna awtomatika li tipproċessa d-data taċċetta jew tittrażmetti data inkwantu dawn ma jaqdu ebda funzjoni li jistgħu jeżerċitaw mingħajr l-għajnuna ta' tali magna. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-kards tan-network ma jistgħux, fi kwalunkwe każ, jitqiesu li jeżerċitaw "funzjoni speċifika".

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet tgħid li l-kards tan-network għandhom jiġu kklassifikati taħt l-intestatura 8471 tan-NM bħala "unitajiet" ta' magni awtomatiċi li jipproċessaw id-data, billi dawn jistgħu jitqabbdu mal-unità ċentrali u huma speċjalment iddisinjati sabiex jagħmlu parti minn sistema awtomatika li tipproċessa d-data. Fil-fatt, huma ma jissodisfawx id-definizzjoni ta' "parts" jew "aċċessorji", billi dawn it-termini jimplikaw li l-part hija essenzjali għall-funzjonament tal-ħaġa sħiħa, li ma huwiex il-każ tal-kards tan-network. Il-karatteristiċi tal-kards tan-network iktar jikkorrispondu għall-eżempji ta' "unitajiet" fin-Noti ta' spjega tas-Sistema Armonizzata tal-WCO.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li n-Nota 5, B, tal-Kapitolu 84 tan-NM ma teskludix il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 8471 tan-NM tal-kards tan-network maħsuba sabiex jiġu installati fil-magni awtomatiċi li jipproċessaw id-data. Bejn

<sup>31</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, kif emendat bl-Annessi tar-Regolamenti Nru 2886/89, Nru 2472/90, Nru 2587/91, Nru 2505/92, Nru 2551/93, u Nru 3115/94.

Lulju 1990 u Mejju 1995, dawn il-kards kellhom, konsegwentement, jiġu kklassifikati taħt l-intestatura 8471 bħala unitajiet ta' dan it-tip ta' magni, billi dawn il-kards jissodisfaw il-kundizzjonijiet dwar l-“unitajiet” stabbiliti fin-nota ċċitata iktar 'il fuq, inkwantu jistgħu jitqabdu mal-unità ċentrali u jkunu speċifikament iddisinjati bħala partijiet minn sistema awtomatika li tipproċessa d-data.

**Sentenza tal-20 ta' Ġunju 2013, Agroferm (C-568/11, [EU:C:2013:407](#))**

*“Klassifikazzjoni tariffarja — Nomenklatura Magħquda — Prodott abbażi ta' zokkor, kompost 65 % minn sulfat tal-lisina u 35 % minn impuritajiet li jirriżultaw mill-proċess ta' manifattura — Regolament (KE) Nru 1719/2005 — Regolament (KE) Nru 1265/2001 — Ħlas lura tal-produzzjoni għal ċerti prodotti użati fl-industrija kimika — Għajjuna Komunitarja indebitament imħallsa — Rimbors — Prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi”*

L-impriża Daniża Agroferm kienet timmanifattura, sax-xahar ta' Ġunju 2006, sulfat tal-lisina (lysine sulphate) f'fabrika f'Esbjerg (id-Danimarka). Il-prodotti magħmula mil-lisina huma mmanifatturati miz-zokkor, li huwa l-prodott bażiku tagħhom.

F'Mejju 2004, Agroferm ressqet talba, quddiem l-awtoritajiet doganali Daniżi, għal awtorizzazzjoni preliminari tal-għoti ta' restituzzjonijiet għall-produzzjoni tas-sulfat tal-lisina. Hija fissret, f'din it-talba, li l-prodott li hija kienet biħsiebha timmanifattura kien is-sulfat tal-lisina, li, fil-fehma tagħha, kien jaqa' taħt l-intestatura 2922 tan-NM<sup>32</sup>. Wara li l-imsemmija awtoritajiet laqgħu din it-talba, Agroferm irċeviet regolament restituzzjonijiet għall-produzzjoni li kienu jikkorrispondu għall-kwantitajiet ta' zokkor li hija kienet tuża sabiex timmanifattura s-sulfat tal-lisina.

Adit mill-awtoritajiet doganali Daniżi, il-Kumitat tal-Kodiċi Doganali ppreċiża li s-sustanza inkwistjoni fil-kawża prinċipali kien jaqbel li tiġi kklassifikata taħt il-Kapitolu 23 tan-NM u mhux taħt il-Kapitolu 29 tagħha.

Permezz ta' deċiżjoni tal-10 ta' Awwissu 2006, id-Direktoratet for FødevarerErhverv (id-Direttorat tas-Settur tal-Ikel, id-Danimarka, iktar 'il quddiem id-“Direktoratet”) informa lil Agroferm b'dak li kien ġie issa stabbilit, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea u mal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali, li l-prodotti mmanifatturati minn din il-kumpannija ma kellhomx jiġu kklassifikati bħala prodotti b'bażi ta' lisina, fis-sens tal-intestatura 2922 tan-NM, u li, għaldaqstant, din l-impriża ma setgħetx tibbenefika mir-restituzzjonijiet għall-produzzjoni. Sussegwentement, id-Direktoratet iddeċieda li Agroferm kellha tirrimborsa ammont li jikkorrispondi għar-restituzzjonijiet għall-produzzjoni li hija kienet irċeviet mix-xahar ta' Awwissu 2004 sax-xahar ta' Marzu 2006, ammont li l-partijiet fil-kawża prinċipali ma qablux fuqu.

<sup>32</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, kif emendat bir-Regolament Nru 1719/2005.

Agroferm ippreżentat rikors, quddiem il-Ministeriet for Fødevarer, Landbrug og Fiskeri (il-Ministeru għall-Ikel, għall-Agricoltura u għas-Sajd, id-Danimarka, iktar 'il quddiem il-“Ministeriet”), kontra d-deċiżjonijiet meħuda mid-Direktoratet. Fid-deċiżjoni tiegħu, il-Ministeriet ikkonferma kull punt tad-deċiżjonijiet adottati mid-Direktoratet u qies li Agroferm ma kinitx aġixxiet *bona fide* meta hija kienet talbet sabiex tibbenefika mir-restituzzjonijiet għall-produzzjoni.

Kontra din id-deċiżjoni tal-Ministeriet, Agroferm ippreżentat rikors ġudizzjarju. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja tliet domandi preliminari.

Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment staqsiet jekk prodott bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, magħmul mis-sulfat tal-lisina, kif ukoll minn impuritajiet li jirriżultaw mill-proċess ta' manifattura, jaqax taħt l-intestaturi 2309, 2922 jew 3824 tan-NM.

Sa fejn għandha x'taqsam l-intestatura 2922 tan-NM, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li n-Nota 1(a) tal-Kapitolu 29 tan-NM tippredvi li l-intestaturi ta' dan il-kapitolu jinkludu biss komposti organiċi ta' kostituzzjoni kimika ddefinita ppreżentati b'mod iżolat, sew jekk dawn il-komposti jkun fihom l-impuritajiet u sew jekk le.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-prodott b'bażi tas-sulfat tal-lisina inkwistjoni fil-kawża prinċipali kien kompost organiku ta' kostituzzjoni kimika ddefinita li kien fih madwar 6 % sulfat tal-lisina u 35 % massa ċellulari li rriżultat mill-proċess użat ta' manifattura bil-fermentazzjoni. Barra minn hekk, din il-massa ċellulari, li kien fiha nutrijenti b'valur bijoloġiku għoli, kienet tħalliet apposta f'dan il-prodott sabiex tagħmel lil dan l-aħħar iktar adegwat sabiex jintuża bħala addittiv fl-għalf tal-animali u sabiex iżomm lis-sulfat tal-lisina milli jassorbi l-umdità.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fissret li, għalhekk, tqum il-kwistjoni jekk din il-massa ċellulari setgħetx titqies li taqa' fl-iskop ta' impuritajiet li l-preżenza tagħhom, skont in-Nota 1(a) tal-Kapitolu 29 tan-NM, ma twaqqax dubju fuq il-klassifikazzjoni taħt l-intestaturi ta' dan il-kapitolu.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, għalkemm in-Nota 1 tal-Kapitolu 29 tan-NM tawtorizza l-preżenza ta' impuritajiet, in-natura ta' dawn tal-aħħar għandha neċessarjament tkun waħda residwa hekk li ma tiġix affettwata il-preżentazzjoni “iżolata” tal-kompost organiku inkwistjoni. Barra minn jekk, min-Nota 1(f) u (g) tal-Kapitolu 29 tan-NM jirriżulta li l-intestaturi ta' dan il-kapitolu jistgħu jinkludu, b'mod partikolari, il-prodotti msemmija f'din in-Nota 1(a), miżjuda b'varji sustanzi indispensabbli għall-preżervazzjoni tagħhom, jew għat-trasport tagħhom, jew li jagħmlu possibbli l-identifikazzjoni tagħhom, jew ukoll għal raġunijiet ta' sigurtà, kemm-il darba dawn iż-żidiet ma jrendux il-prodott adegwat għal użu speċifiku pjuttost milli għal użu ġenerali.

Għalkemm, skont in-Nota 1(f) u (g) ta' dan il-kapitolu, iż-żieda ta' sustanzi oħra fil-prodotti li jistgħu jiġu kklassifikati taħt l-imsemmija kapitolu għandha tosserva ċerti rekwiżiti

speċifiċi li għandhom x'jaqsmu, b'mod partikolari, ma' raġunijiet ta' sigurtà jew ta' identifikazzjoni, filwaqt li żżomm l-użu ġenerali tal-prodott ikkonċernat, għandu jiġi kkonstatat li l-istess japplika *a fortiori* għall-impuritajiet imsemmija fin-Nota 1(a) tal-istess kapitolu.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkjarifikat li jekk prodott ikun fih impuritajiet li jkunu jirriżultaw mill-proċess ta' manifattura, liema impuritajiet irenduh adegwat għal użijiet speċifiċi, differenti mill-użu ġenerali tiegħu, tali prodott ma jkunx jista' jitqies bħala "ppreżentat iżolament" fis-sens tan-Nota 1(a) tal-Kapitolu 29 tan-NM, billi tali impuritajiet jiddeterminaw l-użu tiegħu.

F'dan il-każ, l-impuritajiet tħallew fil-prodott inkwistjoni fil-kawża prinċipali wara l-fermentazzjoni, sabiex irenduh adegwat għal użu speċifiku pjuttost milli għall-użu ġenerali tiegħu, bħala addittiv għall-għalf komplet tal-annimali li fih ċerti nutrijenti b'valur bijoloġiku għoli.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet, għalhekk, li prodott bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma setax jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 2922 tan-NM. Hija fissret, imbagħad, li dan il-prodott kien jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 2309 tan-NM. Sa fejn għandha x'taqsam l-intestatura 3824 tan-NM, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li din tal-aħħar hija intestatura residwa, li tapplika biss meta l-prodott ikkonċernat ma jkunx jista' jiġi kklassifikat taħt ebda intestatura oħra.

Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li prodott bħal dak inkwistjoni għandu jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 2309 bħala sustanza tat-tipi użati għall-għalf tal-annimali.

Permezz tat-tieni u tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk id-dritt tal-Unjoni jżomm lill-awtoritajiet doganali nazzjonali, fid-dawl tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi li għandhom jiġu osservati taħt id-dritt nazzjonali, milli, minn naħa, jitolbu r-rimbors ta' ammont li ma kellux jitħallas ta' restituzzjonijiet għall-produzzjoni għas-sulfat tal-lisina li l-produttur ikun irċieva *bona fide* u, min-naħa l-oħra, jirrifjutaw li jħallsu r-restituzzjonijiet għall-produzzjoni għal dan il-prodott li dawn l-awtoritajiet kienu ntrabtu li jħallsu lill-imsemmi produttur.

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet għall-ġurisprudenza stabbilita tagħha, li tgħid li ma jistax jitqies li jmur kontra d-dritt tal-Unjoni li d-dritt nazzjonali, sa fejn għandhom x'jaqsmu r-revoka ta' atti amministrattivi u l-irkupru ta' benefiċċji finanzjarji indebitament imħallsa mill-amministrazzjoni pubblika, jieħu inkunsiderazzjoni, f'ħin wieħed mal-prinċipju ta' legalità, il-prinċipji ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali, billi dawn tal-aħħar jagħmlu parti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. Dawn il-prinċipji għandhom jiġu osservati b'iktar reqqa fil-każ ta' leġiżlazzjoni li jista' jkollha konsegwenzi finanzjarji.

Madankollu, il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jista' jiġi invokat biss kontra dispożizzjoni speċifika ta' test tad-dritt tal-Unjoni u l-aġir ta' awtorità nazzjonali responsabbli sabiex tapplika d-dritt tal-Unjoni, li jkun imur kontra dan tal-aħħar, ma jistax inissel f'operatur ekonomiku aspettattiva leġittima ta' trattament favorevoli għalih li jkun imur kontra d-dritt tal-Unjoni.

Konsegwentement, operatur ekonomiku jista' jkollu aspettattiva leġittima tal-għoti ta' restituzzjoni għall-produzzjoni biss jekk il-prodott li huwa jimmanifattura jkun jaqa' taħt l-intestatura jew il-kapitolu tan-NM indikati fit-titolu ta' restituzzjoni.

B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi ma jżommx lill-awtoritajiet doganali nazzjonali milli jitolbu r-rimbors tal-ammont li ma kellux jitħallas tar-restituzzjonijiet għall-produzzjoni għas-sulfat tal-lisina li l-produttur ikun irċieva *bona fide* u milli jirrifjutaw li jħallsu r-restituzzjonijiet għall-produzzjoni għal dan il-prodott li dawn l-awtoritajiet kienu ntrabtu li jħallsu lill-imsemmi produttur.

**Sentenza tal-5 ta' Settembru 2019, TDK-Lambda Germany (C-559/18, [EU:C:2019:667](#))**

*“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Regolament (KEE) Nru 2658/87 – Unjoni doganali u tariffa doganali komuni – Klassifikazzjoni tariffarja – Nomenklatura Magħquda – Subintestatura 8504 40 30 – Konvertituri statiċi – Kriterji ta' klassifikazzjoni – Użu essenzjali”*

Fi żmien il-fatti tal-kawża, TDK-Lambda Germany kienet sussidjarja tal-kumpannija TDK-Lambda Corporation stabbilita f'Tokjo (il-Ġappun) li kienet attiva fl-iżvilupp, il-manifattura, il-kummerċjalizzazzjoni u s-servizz wara l-bejgħ ta' apparati u ta' komponenti elettroniċi fosthom, b'mod partikolari, alimentaturi elettriċi (power supplies).

Bejn l-2013 u l-2014, hija importat fl-Unjoni 75 unità ta' alimentaturi elettriċi stabbilizzati (iktar 'il quddiem il-“konvertituri inkwistjoni”) u indikat fid-dikjarazzjonijiet doganali li l-konvertituri inkwistjoni kellhom jiġu kklassifikati taħt is-subintestatura 8504 40 30 tan-NM bħala merkanzija minn pajjiż terz, eżenta mid-dazji doganali.

Fil-kuntest ta' kontroll doganali li sar fl-2015, l-awtorità doganali qieset li l-konvertituri inkwistjoni, bħala unitajiet ta' alimentaturi elettriċi stabbilizzati, kienu konvertituri statiċi li ma setgħux jitqiesu bħala “tat-tip użat flimkien mal-apparati tat-telekomunikazzjoni, mal-magni awtomatiċi li jipproċessaw id-data u mal-unitajiet tagħhom”, fis-sens tas-subintestatura 8504 40 30 tan-NM, hekk li ma setgħux jitqiesu bħala merkanzija minn pajjiż terz, ħielsa mid-dazji doganali, iżda kienu jaqgħu taħt is-subintestatura 8504 40 90 ta' din in-nomenklatura, jiġifieri merkanzija minn pajjiż terz suġġetta għal rata ta' dazju doganali ta' 3.3 %.

Konsegwentement, l-awtorità doganali f'arġet avviż għall-irkupru *a posteriori* ta' dazji fuq l-importazzjoni u, permezz ta' deċiżjoni tat-30 ta' Awwissu 2016, ċaħdet bħala infondat l-ilment magħmul minn TDK-Lambda Germany dwar dan l-avviż ta' rkupru. Wara din id-

deċiżjoni li ċaħdet l-ilment tagħha, din tal-aħħar ippreżentat rikors quddiem il-qorti tar-rinviju u kkontestat, b'mod partikolari, il-klassifikazzjoni tariffarja tal-konvertituri inkwistjoni taħt is-subintestatura 8504 40 90 tan-NM.

F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk is-subintestatura 8504 40 30 tan-NM <sup>33</sup> għandhiex tiġi interpretata fis-sens li huwa biżżejjed li l-konvertituri statiċi, sabiex jaqgħu taħt din tal-aħħar, ikunu, minħabba l-karatteristiċi tekniċi jew proprjetajiet oġġettivi, kompatibbli ma' "apparati tat-telekomunikazzjoni jew magni awtomatiċi li jipproċessaw id-data u l-unitajiet tagħhom", fis-sens ta' din is-subintestatura.

Qabel xejn, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, sa fejn għandha x'taqsam il-klassifikazzjoni tal-prodotti taħt intestatura relatata mal-użu, jiġifieri intestatura li l-kriterju tagħha jkun ibbażat fuq użu partikolari tal-merkanzija kkonċernata, ma huwiex neċessarju li l-prodott li għandu jiġi kklassifikat ikun unikament jew esklużivament maħsub għal dan l-użu. Huwa biżżejjed li l-użu msemmi fl-intestatura inkwistjoni jkun jikkostitwixxi l-użu maħsub essenzjali ta' dan il-prodott.

Sa fejn għandha x'taqsam is-subintestatura inkwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li la l-kliem użat f'din tal-aħħar u lanqas n-noti tat-taqsimha jew tal-kapitolu ma jippreċiżaw jekk huwiex biżżejjed, sabiex konvertitur statiku jitqies li jkun "tat-tip użat flimkien mal-apparati tat-telekomunikazzjoni, mal-magni awtomatiċi li jipproċessaw id-data u mal-unitajiet tagħhom", fis-sens ta' din is-subintestatura, li tali konvertitur ikun jista', fid-dawl tal-karatteristiċi tekniċi u tal-proprjetajiet oġġettivi tiegħu, jintuża flimkien ma' tali prodotti.

Madankollu, huwa ċar li l-kliem użat fis-subintestatura 8504 40 30 jirreferi għal użu partikolari tal-konvertituri statiċi kkonċernati, jiġifieri għal użu flimkien mal-apparati tat-telekomunikazzjoni, mal-magni awtomatiċi li jipproċessaw id-data u mal-unitajiet tagħhom. Barra minn hekk, in-Noti ta' spjega tan-NM dwar din is-subintestatura jikkonfermaw li din hija intestatura li l-kriterju tagħha huwa bbażat fuq użu partikolari tal-merkanzija kkonċernata.

B'hekk, sa fejn għandhom x'jaqsmu l-konvertituri statiċi li jistgħu jaqgħu taħt is-subintestatura 8504 40 30 tan-NM, bħall-konvertituri inkwistjoni, is-sempliċi fatt li dawn ikunu kompatibbli mal-apparati msemmija f'din is-subintestatura ma jistax ikun biżżejjed għall-finijiet tal-klassifikazzjoni ta' dawn il-konvertituri taħt din tal-aħħar, u dan sakemm l-użu maħsub essenzjali ta' dawn tal-aħħar ma jkunx konformi mal-użu li tirreferi għalih l-imsemmija subintestatura.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, minn naħa, li s-subintestatura 8504 40 30, b'differenza mis-subintestaturi l-oħra tas-subintestatura 8504 40 tan-NM, tirreferi għal konvertituri statiċi maħsuba għal użu speċifiku, jiġifieri użu flimkien ma' apparati tat-

<sup>33</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, fil-verżjonijiet li jirriżultaw suċċessivament mir-Regolament ta' Implimentazzjoni 927/2012 u mir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1001/2013.

telekomunikazzjoni, ma' magni awtomatiċi li jipproċessaw id-data u mal-unitajiet tagħhom. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma setax jiġi dedott, min-nuqqas ta' preċiżjoni dwar l-użu esklużiv jew prinċipali flimkien mal-prodotti msemmija fis-subintestatura 8504 40 30, li kull konvertitur, kompatibbli, bħala prinċipju, ma' tali prodotti, seta' jaqa' taħt din is-subintestatura.

Min-naħa l-oħra, hija fakkret li t-testi tad-dritt sekondarju, bħalma hija n-NM, għandhom jiġu interpretati, sa fejn possibbli, skont ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni. Fil-fatt, is-subintestatura 8504 40 30 tan-NM tirrifletti l-impenji li daħlet għalihom l-Unjoni fl-ITA. Għalhekk, hija għandha tiġi interpretata skont dan il-ftehim u bil-għan li dan tal-aħħar itejjeb il-possibbiltajiet ta' aċċess għas-suq għall-prodotti tat-teknoloġija tal-informatika.

Fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, fid-dawl tal-kuntest speċifiku tas-subintestatura 8504 40 30 tan-NM, l-interpretazzjoni li din tal-aħħar għandha tinftiehem fis-sens li tkopri biss il-konvertituri statiċi li l-użu maħsub essenzjali tagħhom ikun li dawn jintużaw flimkien ma' apparati tat-telekomunikazzjoni, mal-magni awtomatiċi li jipproċessaw id-data u mal-unitajiet tagħhom, hija kompatibbli mal-għanijiet li jfittex li jilħaq l-ITA.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li s-subintestatura 8504 40 30 tan-NM għandha tiġi interpretata fis-sens li l-konvertituri statiċi, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jistgħu jaqgħu biss taħt l-imsemmija subintestatura jekk l-użu maħsub essenzjali tagħhom ikun li jintużaw flimkien ma' apparati tat-telekomunikazzjoni jew ma' magni awtomatiċi li jipproċessaw id-data u mal-unitajiet tagħhom", fis-sens ta' din is-subintestatura.

## 2.4. Funzjoni tal-prodott

Sentenza tas-7 ta' Novembru 2002, Lohmann u Medi Bayreuth (C-260/00 sa C-263/00, [EU:C:2002:637](#))

*"Tariffa Doganali Komuni – Intestaturi tariffarji – Klassifikazzjoni fin-Nomenklatura Magħqudata' ortożijiet għall-polz, ċinturini protettivi għall-ġenbejn, faxex għall-minkeb u għall-irkoppa – Nota 1(b) tal-Kapitolu 90 tan-Nomenklatura Magħqudata"*

F'dawn il-kawżi magħquda, il-qorti tar-rinviju essenzjalment staqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja liema huma l-kriterji li għandhom jintużaw sabiex jiġi ddeterminat jekk prodott bħal ortożijiet għall-polz, ċinturini protettivi għall-ġenbejn, faxex għall-minkeb u għall-irkoppa jistgħux jiġu kklassifikati taħt l-intestatura 9021 tan-NM <sup>34</sup>.

<sup>34</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, kif emendat bir-Regolament Nru 1734/96.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont ġurisprudenza stabbilita, bil-għan li jiġu ggarantiti ċ-ċertezza legali u l-faċilità tal-kontrolli, il-kriterju deċiżiv għall-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija għandu, bħala regola, jitfittex fil-karatteristiċi u fil-proprietajiet oġġettivi tagħhom, kif iddefiniti mill-kliem użat fl-intestatura tat-TDK u fin-noti tat-taqsimiet jew tal-kapitoli.

B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-prodotti inkwistjoni fil-kawża prinċipali la jissemmew espliċitament fil-kliem użat fin-NM u lanqas f'dak użat fin-noti tat-taqsimiet jew tal-kapitolu ta' din tal-aħħar. Madankollu, in-Noti ta' spjega tas-SA jagħtu indikazzjonijiet utli għall-klassifikazzjoni tariffarja.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont l-ewwel Nota ta' spjega tal-intestatura 9021, l-oġġetti u l-apparati tal-ortopedija msemmija fl-intestatura 9021 tan-NM iservu jew "sabiex jipprevjenu jew jikkoreġu ċerti sfigurazzjonijiet tal-ġisem", jew "sabiex isostnu jew iżommu f'posthom l-organi wara marda jew operazzjoni".

Fil-lista li ssegwi din id-deskrizzjoni u li tagħti eżempji ta' oġġetti jew ta' apparati li jissodisfaw dawn il-kriterji, huwa indikat, xi daqqiet, li l-prodott inkwistjoni għandu jsir skont il-qies (żraben ortopediċi, suletti speċjali). Dan wassal lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi li sandli u żraben li jistgħu jiġu assimilati ma' suletti mmanifatturati fi kwantitajiet kbar jew ma' żraben immanifatturati fi kwantitajiet kbar li l-pettijiet tagħhom isostnu l-vojt tas-sieq minn taħt ma jikkostitwixxux "oġġetti tal-ortopedija" li jaqgħu taħt l-intestatura 9021 tan-NM.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, għall-biċċa l-kbira tal-prodotti li tirreferi għalihom l-imsemmija lista, ma huwiex previst tali rekwiżit.

Fir-rigward tal-apparati għall-korrezzjoni tal-iskoljożi u tat-tagħwiġ tas-sintra tad-dahar, kif ukoll tal-busti u ċinturini medikokirurġiċi, l-ewwel Nota ta' spjega tal-intestatura 9021 tindika li din l-intestatura tkopri daww minnhom ikkaratterizzati mill-preżenza ta' elementi li jistgħu jiġu aġġustati għal qies il-pazjent. Din l-istess nota tippreċiża li d-disinn speċjali ta' dawn l-oġġetti jaqdi funzjoni ortopedika speċifika u jagħżilhom mill-busti u miċ-ċinturini mediċi ordinarji, sew jekk dawn tal-aħħar iservu sabiex isostnu jew iżommu fil-post u sew jekk le".

B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li r-rekwiżit li oġġett ikun skont il-qies jew, tal-inqas, ikun jista' jiġi aġġustat għal qies il-pazjent jirrifletti l-volontà li taħt l-intestatura 9021 tan-NM ma jiġux ikklassifikati prodotti li jikkostitwixxu prodotti "ordinarji", jiġifieri prodotti sempliċi li ma jkollhomx il-karatteristiċi speċifiċi għall-prodotti msemmija fl-ewwel Nota ta' spjega tal-intestatura 9021. Fil-fatt, in-Noti ta' spjega tas-SA jiddeskrivu l-Kapitolu 90 tan-NM fis-sens li jkopri kategorija ta' strumenti u apparati li, bħala regola ġenerali, l-karatteristiċi essenzjali tagħhom huma l-manifattura diliġenti u l-preċiżjoni kbira tagħhom.

Fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, din hija r-raġuni għaliex l-ewwel Nota ta' spjega tal-intestatura 9021 hija bbażata fuq il-kriterju tal-manifattura skont il-qies sabiex iż-żraben

ortopediċi jingħażlu miż-żraben ordinarji, jew fuq il-kriterji ta' aġġustabbiltà għal qies il-pazjent, in-natura tal-materjali kostituttivi jew il-preżenza ta' partijiet imsaħħa sabiex ċerti apparati korrettivi jingħażlu minn busti jew ċinturini ordinarji, jew fuq il-kriterju tan-natura speċifika tal-funzjoni tal-prodott sabiex ċinturi ortopediċi (orthopaedic suspenders) jingħażlu mis-sempliċi ċinturi magħmula minn materjal meħjut, imxebbek jew maħdum bil-kroxè. Il-kriterji li jistgħu jagħżlu prodotti sempliċi jew ordinarji minn dawk li jaqdu funzjoni medika jinkludu, għalhekk, il-metodu ta' manifattura tal-prodott ikkonċernat, in-natura tal-materjali li minn ikun magħmul dan tal-aħħar, l-aġġustabbiltà tiegħu għad-diżabbiltajiet li huwa jkun intiż li jikkoreġi jew karatteristiċi speċifiċi oħra, b'mod partikolari n-natura speċifika tal-funzjoni tiegħu.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-intestatura 9021 tan-NM għandha tiġi interpretata fis-sens li prodotti bħal ortożijiet għall-polz, ċinturini protettivi għall-ġenbejn, faxex għall-minkeb u għall-irkoppa jaqgħu taħt din l-intestatura jekk dawn il-prodotti jkollhom karatteristiċi li jagħżluhom, b'mod partikolari mill-materjali li minnhom jkunu magħmula, mill-mod kif jaħdmu jew mill-aġġustabbiltà tagħhom għad-diżabbiltajiet speċifiċi għall-pazjent, miċ-ċinturini u mill-faxex ordinarji u ta' użu ġenerali.

**Sentenza tat-18 ta' Lulju 2007, Olicom (C-142/06, [EU:C:2007:449](#))**

*"Tariffa doganali komuni – Intestaturi tariffarji – Klassifikazzjoni fin-Nomenklatura Magħquda – Magni awtomatiċi għall-iproċessar tad-data – Kards tan-network bil-funzjoni 'modem' – Kunċett ta' 'funzjoni speċifika'"*

Mill-1996 sal-1999, Olicom importat tagħmir għan-networks informatiċi, jiġifieri, b'mod partikolari, kards tan-network maħsuba sabiex jiddaħħlu f'kompjuters li jistgħu jinġarru, li hija kklassifikat taħt l-intestatura 8471 tan-NM. Dawn il-kards kienu jirċievu u jikkonvertu sinjali u jittrażmettuhom minn kompjuter lejn kompjuters oħra mqabbdin mal-istess network.

Dawn kienu r-riżultat ta' żvilupp ta' prodotti LAN puri u kienu ddisinjati b'mod li l-funzjoni "WAN" ma setgħetx taħdem mingħajr il-funzjoni "LAN", liema funzjoni tal-aħħar kienet, madankollu, tibqa' taħdem imqar jekk il-funzjoni "WAN" tkun tneħħiet.

Skont il-punt 4 tal-Anness tar-Regolament Nru 1165/95, li bis-saħħa tiegħu l-kards maħsuba sabiex jiddaħħlu f'kompjuters imqabbdin b'kejbil li jippermettu l-iskambju tad-data f'network lokali mingħajr ma jintuża modem kellhom jiġu kklassifikati taħt l-intestatura 8517, liema klassifikazzjoni kienet tfisser żieda fir-rata tad-dazji li għandhom jitħallsu, l-awtoritajiet Daniżi ddeċidew li jirkupraw *a posteriori* d-dazji doganali dovuti minn Olicom. Din tal-aħħar għamlet ilment dwar din id-deċiżjoni.

Permezz tas-sentenza tagħha tal-10 ta' Mejju 2001, Cabletron (C-463/98, [EU:C:2001:256](#)), il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat invalidu r-Regolament Nru 1165/95, billi dan tal-aħħar

ikklassifika taħt l-intestatura 8517 tan-NM il-kards tan-network imsemmija fil-punt 4 tal-Anness ta' dan ir-regolament.

Abbażi tal-linji gwida dwar l-interpretazzjoni tas-sentenza msemmija iktar 'il fuq, imfassla mill-Kummissjoni u indirizzati lill-Istati Membri, Olicom kisbet ir-rimbors tad-dazji doganali relatati mal-kards tan-network li jaqdu esklużivament il-funzjoni "LAN". Fir-rigward tad-dazji relatati mal-kards ikkombinati, l-awtoritajiet kompetenti Daniżi rrifjutaw milli jirimborsawhom, billi, fil-fehma tagħhom, dawn il-kards, minħabba l-fatt li kellhom ukoll funzjoni "modem", kellhom jiġu kklassifikati taħt l-intestatura 8517, bħala apparati għat-telekomunikazzjoni.

Olicom ikkontestat tali klassifikazzjoni tal-kards ikkombinati u, wara li eżawrixxiet ir-rimedji amministrattivi, adixxiet lill-qorti tar-rinviju bit-tilwima. Dik il-qorti talbet lill-awtoritajiet Daniżi jadixxu lill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali. Dan tal-aħħar ħareġ opinjoni fis-sens li l-kards ikkombinati kellhom jiġu kklassifikati taħt l-intestatura 8517.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk kards ikkombinati, maħsuba sabiex jiddaħħlu f'kompjuters li jistgħu jinġarru, għandhomx, minn wara l-1 ta' Jannar 1996, jiġu kklassifikati, bħala magni li jipproċessaw id-data, taħt l-intestatura 8471 tan-NM<sup>35</sup> jew, bħala apparati għat-telekomunikazzjoni, taħt l-intestatura 8517 tagħha. Hija staqsiet, f'dan ir-rigward, jekk, għall-finijiet ta' tali klassifikazzjoni, il-kunċett ta' "funzjoni speċifika" fin-Nota 5, E, tal-Kapitolu 84 tan-NM għandux jiġi interpretat fis-sens li jeżiġi li l-funzjoni "modem" tal-imsemmija kards tkun tista' taħdem b'mod indipendenti minn magna awtomatika li tipproċessa d-data jekk ikunx biżżejjed li dawn il-kards ikollhom tali funzjoni.

Wara li fakkret il-konklużjonijiet li jirriżultaw mill-ġurisprudenza preċedenti tagħha dwar il-kards tan-network, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li kellu jiġi eżaminat jekk din il-ġurisprudenza tapplikax għall-kards ikkombinati li, minħabba l-fatt li kellhom il-funzjoni "modem", setgħu jintużaw għall-iskambju tad-data permezz ta' networks esterni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-kards ikkombinati kienu jissodisfaw effettivament it-tliet kundizzjonijiet stabbiliti fin-Nota 5, B, tal-Kapitolu 84 tan-NM, inkwantu dawn kienu jintużaw esklużivament billi jiddaħħlu f'kompjuters li jistgħu jinġarru, kienu jaħdmu biss jekk ikunu mqabbda ma' dan it-tip ta' kompjuters u setgħu jikkonvertu s-sinjali deħlin f'data li tkun tista' tintuża minn magna awtomatika li tipproċessa d-data u s-sinjali ħerġin f'data li tkun tista' tintuża esternament, sew jekk dawn jiġu trażmessi permezz ta' network lokali ("LAN") jew estern ("WAN") u sew jekk le.

Tali kards ma kinux jeżerċitaw "funzjoni speċifika" fis-sens tan-Nota 5, E, tal-Kapitolu 84 tan-NM. Il-"funzjoni speċifika" eżerċitata minn magna li taħdem ma' magna awtomatika li tipproċessa d-data għandha, fil-fatt, tkun funzjoni "li ma tkunx dik tal-ipproċessar tad-data". Issa, inkwantu l-kards ikkombinati kienu maħsuba sabiex jittrasferixxu

<sup>35</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, kif emendat bir-Regolament Nru 3009/95.

informazzjoni bejn diversi kompjuters u, sabiex isir dan, jagħmlu sinjali esterni deħlin jinftiehm u sewwa mill-kompjuter u jittrasformaw sinjali ħerġin ipproċessati minn dan tal-aħħar f'sinjali li jistgħu jintużaw esternament, mingħajr ma jingħata kas tal-fatt li s-sinjali li jkun wasal jew inħareġ ikun analogu jew diġitali, il-funzjoni moqdiya minnhom kienet l-ipproċessar tad-data.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li kards ikkombinati, maħsuba sabiex jiddaħħlu f'kompjuters li jistgħu jingħarru, li, minħabba l-fatt li jkollhom il-funzjoni "modem", jistgħu jintużaw għall-iskambju tad-data permezz ta' networks esterni, għandhom jiġu kklassifikati, b'effett mill-1 ta' Jannar 1996, bħala magni li jipproċessaw id-data, taħt l-intestatura 8471 tan-NM.

**Sentenza tal-11 ta' Diċembru 2008, Kip Europe et (C-362/07 u C-363/07, [EU:C:2008:710](#))**

*"Tariffa Doganali Komuni – Nomenklatura Magħquda – Klassifikazzjoni tariffarja – Apparat multifunzjonali – Apparat magħmul minn modulu għall-istampar lejżer u minn modulu ta' skanjar, b'funzjoni ta' fotokopjatur – Intestatura 8471 – Intestatura 9009"*

F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja saritilha domanda, *inter alia*, dwar jekk in-Nota 5, E, tal-Kapitolu 84 tan-NM<sup>36</sup> għandhiex tiġi interpretata fis-sens li apparat għandu jitqies li jeżerċita "funzjoni speċifika li ma hijiex l-ipproċessar tad-data" fis-sens ta' din in-nota, minħabba li, barra l-funzjonijiet ta' stampar u ta' skenjar elettroniku li jeżerċita flimkien ma' magna awtomatika li tipproċessa d-data, ikollu wkoll din il-funzjoni awtonoma ta' kkopjar.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-Gvern Franċiż, dak Olandiż u dak Pollakk, kif ukoll il-Kummissjoni, kienu tal-fehma li l-klassifikazzjoni tal-apparati inkwistjoni fil-kawża prinċipali taħt l-intestatura 8471 hija eskluża min-Nota 5, E, tal-Kapitolu 84 tan-NM, billi, inkwantu dawn setgħu jintużaw sabiex jagħmlu fotokopji mingħajr ma jkunu mqabbdha ma' magna awtomatika li tipproċessa d-data, huma kienu jaqdu "funzjoni speċifika li ma hijiex l-ipproċessar tad-data" fis-sens ta' din in-nota.

Madankollu, fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, din it-teżi ma setgħetx tintlaqa'.

Fil-fatt, mill-kliem użat fin-Nota 5, E, tal-Kapitolu 84 tan-NM jirriżulta li l-"funzjoni speċifika" eżerċitata minn magna li taħdem flimkien ma' magna awtomatika li tipproċessa d-data għandha tkun funzjoni "li ma hijiex dik tal-ipproċessar tad-data".

Barra minn hekk, mil-loġika ġenerali u mill-iskop ta' din in-nota jirriżulta li l-espressjoni "għandhom ikunu kklassifikati fl-intestaturi xierqa għall-funzjonijiet rispettivi tagħhom", użata fiha, ma tfittix li tagħti preċedenza lil funzjoni fuq funzjonijiet oħra eżerċitati wkoll mill-apparat li għandu jiġu kklassifikat u li jkunu jaqgħu fl-iskop tal-ipproċessar tad-data, iżda jfittxu li jevitaw li apparati li l-funzjoni tagħhom ma jkollhiex x'taqsam mal-

<sup>36</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, kif emendat bir-Regolament Nru 1719/2005.

ipproċessar tad-data jiġu kklassifikati taħt l-intestatura 8471 għar-raġuni biss li dawn ikunu jinkorporaw magna awtomatika li tipproċessa d-data jew jaħdmu flimkien ma' tali magna.

Fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mis-sentenza tas-17 ta' Marzu 2005, Ikegami (C-467/03, [EU:C:2005:182](#)), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja żammet li apparat li t-tagħmir bażiku tiegħu jkun jippermetti l-ipproċessar awtomatiku tad-data għandu, madankollu, jitqies li jeżerċita funzjoni speċifiku fis-sens tan-Nota 5, E, tal-Kapitolu 84 tan-NM, billi, hekk mgħammar, ma jkunx jista', fin-nuqqas ta' software adegwat, jintuża għal finijiet oħra li ma humiex l-irrekordjar u r-riproduzzjoni ta' xbihat jew ta' ħsejjes f'sistema CCTV.

Mill-banda l-oħra, mill-informazzjoni fil-proċess sottomess lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri rriżulta li l-apparati inkwistjoni fil-kawża prinċipali, minbarra l-funzjoni tagħhom ta' kopjatur, li ma taqax fl-iskop tal-ipproċessar tad-data, kienu jinkludu wkoll il-funzjonijiet ta' funzjonijiet ta' stampar u ta' skennjar elettroniku.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, għalhekk, li n-Nota 5, E, tal-Kapitolu 84 tan-NM għandha tiġi interpretata fis-sens li huma biss l-apparati li jinkorporaw magna awtomatika li tipproċessa d-data jew li jaħdmu flimkien ma' tali magna, li l-funzjoni tagħha ma tkunx taqa' fl-iskop tal-ipproċessar tad-data, li jeżerċitaw "funzjoni speċifika li ma hijiex dik tal-ipproċessar tad-data".

#### **Sentenza tal-11 ta' Ġunju 2015, Amazon EU (C-58/14, [EU:C:2015:385](#))**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Regolament (KEE) Nru 2658/87 — Unjoni doganali u Tariffa Doganali Komuni — Nomenklatura Magħquda — Intestatura 8543 70 — Magni u apparat elettriċi, b'funzjonijiet individwali, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra fil-Kapitolu 85 tan-Nomenklatura Magħquda — Subintestaturi 8543 70 10 u 8543 70 90 — Dawl għall-qari tal-kotba elettroniċi b'funzjonijiet ta' traduzzjoni jew ta' dizzjunarju"*

Fi żmien il-fatti tal-kawża, Amazon kienet kumpannija li timporta, b'mod partikolari, apparati għall-qari tal-kotba elettroniċi (e-book readers). Barra l-hardware u s-software neċessarji għall-qari tal-kotba, għażla ta' emissjoni vokali (speech output) u programm għar-riproduzzjoni ta' formati awdjo, dawn l-apparati kienu jinkludu funzjoni ta' dizzjunarju.

Xi apparati għall-qari tal-kotba elettroniċi, importati minn Amazon fil-Ġermanja fl-2011, ġew ikklassifikati taħt is-subintestatura 8543 70 90 tan-NM mill-awtoritajiet doganali kompetenti. Amazon għamlet ilment dwar din il-klassifikazzjoni. Permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Ottubru 2011, l-uffiċċju prinċipali tad-dwana kompetenti kklassifika mill-ġdid dawn l-apparati għall-qari tal-kotba taħt is-subintestatura 8543 70 10.

F'Ottubru 2011, Amazon talbet BTI mingħand uffiċċju ieħor, jiġifieri l-Hauptzollamt Hannover (l-Uffiċċju Prinċipali Doganali ta' Hannover, il-Ġermanja, iktar 'il quddiem il-

“HZA”) u pproponiet li l-imsemmija apparati għall-qari tal-kotba jiġu kklassifikati taħt is-subintestatura 8543 70 10 tan-NM. Madankollu, dan tal-aħħar iddeċieda, fil-BTI mitluba mingħand, li jikklassifika l-imsemmija apparati għall-qari tal-kotba taħt is-subintestatura 8543 70 90 tan-NM, minħabba li l-funzjoni prinċipali ta’ dawn tal-aħħar kienet ir-riproduzzjoni ta’ kotba maħżuna taħt forma elettronika u mhux il-funzjoni ta’ traduzzjoni jew ta’ dizżjunarju.

Għalhekk, Amazon ippreżentat rikors quddiem il-Finanzgericht Hamburg (il-Qorti tal-Finanzi ta’ Hamburg, il-Ġermanja), liema qorti ordnat lill-HZA, permezz ta’ sentenza tal-14 ta’ Frar 2013, jagħti BTI li tikklassifika lill-apparati għall-qari tal-kotba inkwistjoni fil-kawża prinċipali taħt is-subintestatura 8543 70 10 tan-NM. Il-HZA appellat fil-kassazzjoni minn din is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju.

Sussegwentement, il-qorti tar-rinviju essenzjalment staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk in-NM <sup>37</sup> għandhiex tiġi interpretata fis-sens li apparat għall-qari ta’ kotba elettroniċi b’funzjoni ta’ traduzzjoni jew ta’ dizżjunarju għandu jiġi kklassifikat taħt is-subintestatura 8543 70 10 bħala magna elettrika b’funzjonijiet ta’ traduzzjoni jew ta’ dizżjunarju, jew taħt is-subintestatura 8543 70 90 bħala apparat elettriku ieħor.

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li mid-domandi u mill-ispjegazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju kien jirriżulta li din tal-aħħar kienet tal-fehma li l-funzjoni prinċipali tal-apparati għall-qari tal-kotba inkwistjoni hija funzjoni ta’ qari.

Issa, fin-NM, ma hemm ebda subintestatura li l-kliem użat fiha jirreferi b’mod espliċitu għal apparat elettriku li l-funzjoni prinċipali tiegħu hija l-funzjoni ta’ qari. Madankollu, minn dan ma jistax jiġi dedott li, fin-nuqqas ta’ subintestatura tan-NM li tikkorrispondi b’mod speċifiku għall-funzjoni prinċipali ta’ apparat, dan tal-aħħar għandu jiġi kklassifikat taħt subintestatura speċifika abbażi ta’ xi waħda mill-funzjonijiet anċillari tiegħu.

Fil-fatt, il-klassifikazzjoni tariffarja ta’ prodott għandha ssir fid-dawl tal-funzjoni prinċipali ta’ dan tal-aħħar u mhux fid-dawl ta’ waħda mill-funzjonijiet anċillari tiegħu u dan ukoll fil-każ fejn ma jkun hemm ebda subintestatura fin-NM li tkun tikkorrispondi b’mod speċifiku għal din il-funzjoni prinċipali.

Għaldaqstant, fin-nuqqas ta’ subintestatura fin-NM li tikkorrispondi għall-funzjoni prinċipali ta’ prodott, dan tal-aħħar għandu jiġi kklassifikat taħt subintestatura residwa tal-imsemmija nomenklatura.

Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li apparat għall-qari tal-kotba elettroniċi b’funzjoni ta’ traduzzjoni jew ta’ dizżjunarju għandu jiġi kklassifikat, meta din il-funzjoni ma tkunx il-funzjoni prinċipali tiegħu, ħaġa li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, taħt is-subintestatura 8543 70 90 bħala apparat elettriku ieħor u mhux taħt is-subintestatura 8543 70 10 bħala magna elettrika b’funzjonijiet ta’ traduzzjoni jew ta’ dizżjunarju.

<sup>37</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, kif emendat bir-Regolament Nru 861/2010.

### III. Sorsi tas-sistema applikabbli għall-proċedura ta' klassifikazzjoni tariffarja

#### 1. Noti ta' spjega

##### 1.1. Noti ta' spjega tal-WCO

Sentenza tal-15 ta' Mejju 2014, Data I/O (C-297/13, [EU:C:2014:331](#))

*“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Klassifikazzjoni tariffarja — Tariffa Doganali Komuni — Nomenklatura Magħquda — Taqsima XVI, nota 2 — Intestaturi 8422, 8456, 8473, 8501, 8504, 8543, 8544 u 8473 — Kunċetti ta' 'bċejjeċ' u ta' 'oġġetti' — Bċejjeċ u aċċessorji (muturi, provvisti ta' enerġija, lejżers, ġeneraturi, kejbils u heat sealers) intiżi għas-sistemi ta' programmazzjoni, — Assenza ta' klassifikazzjoni prijoritarja taħt l-intestatura 8473 meta mqabbla mal-intestaturi l-oħra tal-Kapitoli 84 u 85”*

Mill-2002 sal-2005, Data I/O importat fil-Ġermanja, mill-Istati Uniti, muturi elettriċi, alimentaturi elettriċi, lejżers, ġeneraturi, kejbils u heat sealers (iktar 'il quddiem, flimkien il-“merkanzija kkonċernata”), użati f'sistemi awtomatiċi ta' programmazzjoni.

Il-merkanzija kkonċernata importata ġiet iddikjarata li taqa' taħt l-intestatura 8471 tan-NM. Hija ġiet irrilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera, eżenta mid-dazji doganali. Wara kontroll *a posteriori*, il-Hauptzollamt München (l-Uffiċċju Prinċipali Doganali ta' München, il-Ġermanja), billi, fil-fehma tiegħu, il-muturi elettriċi, l-alimentaturi elettriċi, il-lejżers, il-ġeneraturi, il-kejbils u l-heat sealers kellhom jiġu kklassifikati, rispettivament, taħt l-intestaturi 8501, 8504, 8456, 8543, 8544 u 8422 tan-NM, irkupra *a posteriori* d-dazji fuq l-importazzjoni li rriżultaw minn din il-klassifikazzjoni.

F'dan il-kuntest, Data I/O ppreżentat rikors quddiem il-qorti tar-rinviju. Insostenn tar-rikors tagħha, hija sostniet li l-merkanzija kkonċernata kellha tiġi kklassifikata taħt l-intestatura 8473 tan-NM bħala parts ta' magna li taqa', min-naħa tagħha, taħt l-intestatura 8471 tan-NM.

Il-qorti tar-rinviju, li kellha dubji sa fejn kellha x'taqsam il-konformità ta' din il-klassifikazzjoni fid-dawl tan-Nota 2(a) tat-Taqsima XVI tan-NM <sup>38</sup>, il-qorti tar-rinviju staqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk din in-nota għandhiex tiġi interpretata fis-sens li oġġett, li jkun jista' jiġi kklassifikat, f'ħin wieħed, taħt l-intestatura 8473 ta' din in-nomenklatura, bħala part ta' magna li taqa' taħt l-intestatura 8471 tal-imsemmija

<sup>38</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, fil-verżjonijiet tiegħu li jirriżultaw, suċċessivament, mir-Regolament Nru 2031/2001, mir-Regolament Nru 1832/2002, mir-Regolament Nru 1789/2003 u mir-Regolament Nru 1810/2004.

nomenklatura, u taħt waħda mill-intestaturi 8422, 8456, 8501, 8504, 8543 u 8544 ta' din l-istess nomenklatura, bħala oġġett awtonomu, għandu jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 8473 jew taħt waħda minn dawn l-intestaturi tal-aħħar.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, wara li ppreċiżat li n-Nota 2 tat-Taqsima XVI tan-NM tapplika biss għall-klassifikazzjoni tariffarja ta' "parts ta' magni", osservat li mill-ġurisprudenza tagħha, żviluppata sa fejn għandhom x'jaqsmu l-intestatura 8473 tan-NM u n-Nota 2(b) tat-Taqsima XVI ta' din tal-aħħar, jirriżulta li l-kunċett ta' "parts" jimplika l-preżenza ta' ħaġa sħiħa li dawn tal-aħħar ikunu indispensabbli sabiex taħdem. Sabiex oġġett ikun jista' jiġi kklassifikat bħala "part", ma huwiex biżżejjed li jintwera li, mingħajr dan l-oġġett, il-magna ma tkunx tista' tissodisfa l-bżonnijiet li għalihom din tkun maħsuba. Jibqa' x'jiġi stabbilit li l-funzjonament mekkaniku jew elettriku tal-magna inkwistjoni jkun jiddependi mill-imsemmi oġġetti.

Fil-fatt, fl-ewwel lok, l-intestatura 8473, inkwantu tirreferi għall-parts jew għall-aċċessorji maħsuba sabiex jintużaw, prinċipalment jew esklużivament, mal-magni jew mal-apparati li jaqgħu taħt l-intestaturi 8469 sa 8472 tan-NM, hija intestatura ġenerali.

Fit-tieni lok, mill-kliem użat fin-Nota 2(b) tat-Taqsima XVI tan-NM jirriżulta, minn naħa, li din tal-aħħar tapplika biss għall-parts ta' magni li ma jkunux jistgħu jiġu kklassifikati taħt il-punt (a) ta' din l-istess magna, għaliex dawn ma jkunux oġġetti awtonomi li jaqgħu, bħala tali, taħt intestaturi speċifiċi tal-Kapitolu 84 jew tal-Kapitolu 85 tan-NM u, min-naħa l-oħra li din in-nota, li tistabbilixxi regola ta' klassifikazzjoni bbażata fuq l-użu maħsub tal-part ta' magna kkonċernata, tippermetti, b'mod espliċitu, li tali part tiġi kklassifikata taħt l-intestatura 8473 tan-NM.

Għaldaqstant, klassifikazzjoni taħt l-intestatura 8473 tan-NM hija possibbli biss fin-nuqqas ta' intestatura tariffarja li tippermetti li l-part ikkonċernata tiġi kklassifikata bħala oġġett awtonomu. L-intestatura 8473 tan-NM għandha, konsegwentement, titqies bħala intestatura residwa u, minħabba dan, bħala intestatura sussidjarja għall-intestaturi li jippermettu li part minn magna tiġi kklassifikata bħala oġġett awtonomu.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li n-Nota 2(a) tat-Taqsima XVI tan-NM ma tipprevedix li l-klassifikazzjoni tal-parts ta' magna taħt l-intestatura 8473 tan-NM għandha preċedenza fuq klassifikazzjoni taħt intestatura oħra li taqa' taħt il-Kapitoli 84 u 85 tan-NM. Għall-kuntrarju, il-klassifikazzjoni ta' part ta' magna taħt l-intestatura 8473 hija sussidjarja għall-klassifikazzjoni tal-part bħala oġġett taħt il-punt (a) ta' din in-nota.

Huwa minnu li min-Noti ta' spjega tas-SA dwar il-Kapitolu 85 tan-NM jirriżulta li, meta magna jew apparat ikunu jistgħu jaqgħu taħt intestatura sew tal-Kapitolu 84 u sew tal-Kapitolu 85 tan-NM, il-klassifikazzjoni tariffarja tagħhom għandha ssir taħt l-ewwel waħda minn dawn l-intestaturi. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li r-regola stabbilita fl-ewwel paragrafu tat-Taqsima A tan-Noti ta' spjega tas-SA dwar il-Kapitolu 85 ta' din is-sistema ma tapplikax għall-klassifikazzjoni tariffarja ta' parts ta' magna fis-sens tan-Nota 2 tat-Taqsima XVI tan-NM.

Għalhekk, l-ewwel paragrafu tat-Taqsima A tan-Noti ta' spjega tas-SA dwar il-Kapitolu 85 ta' din is-sistema la jista' jitqies li jagħmel eċċezzjoni għar-regoli ta' klassifikazzjoni ta' parts ta' magna, kif jirriżultaw min-Nota 2 tat-Taqsima XVI tan-NM u lanqas li jagħti xi preċedenza lill-klassifikazzjoni ta' parts ta' magni taħt l-intestatura 8473 ta' din in-nomenklatura fuq l-intestaturi li jaqgħu taħt il-Kapitolu 85 ta' din tal-aħħar.

Minn dan jirriżulta li oġġett li jkun jista' jiġi kklassifikat, f'ħin wieħed, taħt l-intestatura 8473 tan-NM f'dan l-anness, bħala part ta' magna li taqa' taħt l-intestatura 8471 ta' din in-nomenklatura, u taħt waħda mill-intestaturi 8422, 8456, 8501, 8504, 8543 u 8544 tal-imsemmija nomenklatura, bħala oġġetti awtonomu, għandu jiġi kklassifikat, bħala tali, taħt waħda minn dawn l-intestaturi tal-aħħar, skont il-karatteristiċi speċifiċi tiegħu.

**Sentenza tat-13 ta' Marzu 2019, B. S. (*Xgħir fit-taħlita tal-birra*) (C-195/18, [EU:C:2019:197](#))**

*“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni – Dazji tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku – Direttiva 92/83/KEE – Artikolu 2 – Kunċett ta' 'birra' – Birra prodotta minn most miksub minn taħlita li tinkludi iktar glukożju milli xgħir – Nomenklatura Magħquda – Intestaturi 2203 (birra magħmula minn xgħir (malt)) jew 2206 (xorb ieħor iffermentat)”*

F'din is-sentenza, li l-fatti tagħha ġew imfissra iktar 'il fuq<sup>39</sup>, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-intestatura 2203 tan-NM, li l-qorti tar-rinviju talbitha tinterpreta, ma tiffissa ebda perċentwali minima ta' ingredjenti li jkun fihom ix-xgħir fil-wort maħsub sabiex jipproduċi l-birra. F'din is-sitwazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet għan-Nota ta' spjega tas-SA dwar l-imsemmija intestatura, li tistabilixxi b'mod espliċitu li ċerti kwantitajiet ta' ċereali li ma jkunx fihom ix-xgħir jistgħu jintużaw fil-preparazzjoni tal-wort mingħajr ma teħtieġ li l-proporzjon ta' dawn l-ingredjenti li ma jkunx fihom ix-xgħir ikun inqas minn dak tal-ingredjenti li jkun fihom ix-xgħir. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, madankollu, li n-Noti ta' spjega tas-SA mfassla mill-WTO, imqar jekk huma ta' għajnuna kbira fl-interpretazzjoni tal-portata tal-varji intestaturi tariffarji, ma għandhomx is-saħħa ta' liġi.

Barra minn hekk, sa fejn għandha x'taqsam il-preżenza tal-ġulepp tal-glukożju fit-taħlita tal-wort li n-NM ma tipprojbixxix, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li n-Nota ta' spjega tas-SA dwar l-intestatura 2203 tirrikonoxxi b'mod espliċitu l-possibbiltà li, fil-proċess ta' fermentazzjoni, jiżdiedu mal-wort sustanzi aromatiċi. Imqar jekk hemm ċerta diverġenza fil-verżjonijiet bil-lingwa Franċiża u bil-lingwa Inġliża f'dak li għandu x'jaqsam mal-mument preċiż li fih jista' possibbilment jiżdied il-glukożju, fis-sens li tal-ewwel tirreferi għaż-żieda tiegħu “à la bière” [mal-birra] filwaqt li tat-tieni ma fiha ebda tali preċiżjoni, ebda waħda minn dawn iż-żewġ verżjonijiet uffiċjali ma teħtieġ, madankollu, li l-wort li għandu jiġi ffermentat ma jkollux glukożju.

<sup>39</sup> Ara t-Taqsima II.2.1, intitolata “Karatteristiċi u proprjetajiet oġġettivi tal-prodott”.

B'hekk, prodott immanifatturat bi proporzjon żgħir ta' xgħir, li jiżdiedlu l-glukożju qabel il-fermentazzjoni alkoħolika, ma huwiex, għal dawn ir-raġunijiet biss, eskluż mill-kunċett ta' "birra magħmula mix-xgħir" li jaqa' taħt l-intestatura 2203 tan-NM.

**Sentenza tas-7 ta' April 2022, Y GmbH (Oleoraża tal-vanilja) (C-668/20, [EU:C:2022:270](#))**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tariffa doganali komuni – Nomenklatura Magħquda – Klassifikazzjoni tal-merkanzija – Intestaturi 1302, 3301 u 3302 – Oleoreżina tal-vanilla estratta – Dazji tas-sisa – Direttiva 92/83/KEE – Eżenzjonijiet – Artikolu 27(1)(e) – Kunċett ta' 'essenza aromatika' – Direttiva 92/12/KEE – Kumitat dwar id-Dazji tas-Sisa tal-Kummissjoni Ewropea – Kompetenzi"*

Fil-kawża li wasslet għal din is-sentenza, il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, *inter alia*, jekk in-NM<sup>40</sup> għandhiex tiġi interpretata fis-sens li merkanzija magħmula minn madwar 85 % etanol, 10 % ilma u 4.8 % residwu niexef, li l-kontenut medju ta' vanillin tagħha huwa ta' 0.5 %, li jinkiseb billi prodott intermedjarju, huwa nnifsu magħsur mill-imżiewed tal-vanilja permezz tal-etanol, jiġi dilwit bl-ilma u bl-etanol, taqa' taħt is-subintestatura 1302 1905, taħt is-subintestatura 3301 9030 jew taħt is-subintestatura 3302 1090 ta' din in-nomenklatura. Sabiex tinkiseb tali merkanzija, prodott intermedjarju jingħasar, qabel xejn, mill-miżwed tal-vanilja bl-għajjuna tal-etanol (iktar 'il quddiem il-"prodott intermedjarju). Dan il-prodott intermedjarju, kannella skur, aromatik u ħafna u viskuż, jiġi dilwit imbagħad bl-alkoħol u bl-ilma sabiex tinkiseb il-merkanzija inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet analiżi tal-merkanzi msemmija fl-intestaturi 1302, 3301 u 3302 tan-NM u fakkret li, skont ir-Regola ġenerali 1 għall-interpretazzjoni tan-NM, il-klassifikazzjoni tariffarja għandha tiġi ddeterminata skont it-termini tal-intestaturi u tan-noti tat-taqsimiet jew tal-kapitoli.

Fid-dawl ta' dawn il-konstatazzjonijiet preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja qagħdet fuq il-punt (ij) tat-tieni paragrafu tan-Nota 1 tal-Kapitolu 13 tan-NM u fuq in-Nota 1(a) tal-Kapitolu 33 tan-NM meta kkonkludiet, fl-ewwel lok, li merkanzija bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali jidher li għandha titqies bħala estratt veġetali, fis-sens tal-intestatura 1302 tan-NM u, b'mod iktar speċifiku, bħala oleoraża tal-vanilja, fis-sens tas-subintestatura 1302 1905 ta' din tal-aħħar.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-fatt li n-Noti ta' spjega tas-SA jippreċiżaw li l-intestatura 1302 tagħha jirreferu biss għall-estratti veġetali mhux speċifikati jew inklużi banda oħra ma jeskludix, waħdu, il-possibbiltà li merkanzija bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali titqies bħala estratt veġetali, fis-sens tal-intestatura 1302 tan-NM, minħabba li din il-merkanzija tkun tista' taqa' taħt intestaturi iktar speċifiċi u, b'mod iktar speċifiku, taħt l-intestaturi 3301 u 3302 tan-NM.

<sup>40</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 2015/1754.

Fil-fatt, mill-intestatura 1302 tan-NM u min-noti li jakkumpanjawha mkien ma jirriżulta li din l-intestatura għandha titqies bħala intestatura sussidjarja, bil-maqlub ta' wħud mill-intestaturi tan-NM li jistabbilixxu b'mod espliċitu tali karatteristika. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li n-Noti ta' spjega tas-SA ma humiex vinkolanti u, għalhekk, la jistgħu jipprevalu fuq id-dispożizzjonijiet tan-NM u lanqas jibdlu l-kontenut ta' dawn tal-aħħar.

Fi kwalunkwe każ, min-Noti ta' spjega tas-SA jirriżulta li, sa fejn għandha x'taqsam l-intestatura 1302 tagħha, l-intestaturi iktar speċifiċi li ssir referenza għalihom huma dawk li jissemmew fl-aħħar tal-punt A tan-nota kkonċernata. Issa, il-lista tal-prodotti li jidhru hemmhekk ma ssemmix il-prodotti tal-intestaturi 3301 jew 3302 tas-SA.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-prodott intermedjarju, minkejja li ngħasar mill-imżiewed tal-vanilja permezz tal-etanol, seta' jiġi kklassifikat bħala oleoraża tal-vanilja, fis-sens tal-intestatura 1302 1905 tan-NM. Fil-fatt, l-ewwel paragrafu tan-Nota 1 tal-Kapitolu 13 tan-NM jipprevedi b'mod espliċitu li l-"estratt tal-pyrethrum" jaqa' taħt l-intestatura 1302 tan-NM. Issa, skont in-Noti ta' spjega tas-SA, dan l-estratt, bl-istess mod bħall-prodott inkwistjoni, jinkiseb "permezz ta' estrazzjoni bl-użu ta' solvent organiku".

Barra minn hekk, l-intestatura 1301 tan-NM tirreferi, b'mod partikolari, għall-oleoraži naturali. Għall-kuntrarju, l-oleoraża tal-vanilja, fis-sens tas-subintestatura 1302 19 05 tan-NM, għandha, għalhekk, titqies bħala estratt veġetali li ma jinkisibx b'mod "naturali", iżda permezz ta' proċess ta' estrazzjoni teknoloġika bil-għajnuna, b'mod partikolari, ta' solvent. Tali interpretazzjoni hija kkonfermata wkoll min-Noti ta' spjega tan-NM, sa fejn għandha x'taqsam l-intestatura 1302, liema noti jippreċiżaw li "l-estratti veġetali tan-Nru 1302 huma materjali tal-ħaxix nejjin u grezzi miksuba, pereżempju, mill-estrazzjoni tas-solventi [permezz ta' solventi]".

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, sabiex tinkiseb il-merkanzija inkwistjoni fil-kawża prinċipali, dan il-prodott intermedjarju jiġi dilwit b'ħafna etanol u ilma. Madankollu, kif jindikaw in-Noti ta' spjega tan-NM, sa fejn għandha x'taqsam l-intestatura 1302, estratt veġetali jkompli jaqa' taħt din l-intestatura, imqar jekk jgħaddi minn proċess ta' trasformazzjoni sabiex jiġi standardizzat.

Bl-istess mod, in-Noti ta' spjega tas-SA jippreċiżaw, sa fejn għandha x'taqsam l-intestatura 1302, li l-"estratti fluwidi", jiġifieri "soluzzjonijiet ta' estratti [veġetali] fl-alkoħol [...] ġeneralment titrati", jaqgħu wkoll taħt din l-intestatura, hekk li, fil-mument li fih jiġu kkummerċjalizzati, ikollhom kontenut uniformi ta' estratt veġetali fil-prodott. Barra minn hekk, la d-dispożizzjonijiet tan-NM jew tas-SA u lanqas in-Noti ta' spjega tagħhom ma jiffissaw limitu massimu f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwantitajiet ta' prodotti oħra li jkunu jistgħu jintużaw sabiex jiġi standardizzat l-estratt veġetali kkonċernat.

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, meta d-dilwizzjoni ta' estratt veġetali tkun maħsuba sabiex jiġi standardizzat dan tal-aħħar, bħal f'dan il-każ, din ma żżommx lill-estratt veġetali, hekk dilwit, milli jkompli jaqa' taħt l-intestatura 1302 tan-NM.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li n-Noti ta' spjega tas-SA jindikaw, sa fejn għandhom x'jaqsmu l-intestaturi 1302 u 3301 tas-SA, li l-estratti veġetali li jaqgħu taħt l-intestatura 1302 jingħażlu mill-oleoraži estratti, fis-sens tal-intestatura 3301, inkwantu dawn normalment ikun fihom, barra kostitwenti fragranti u volatili, proporzjon ħafna ikbar ta' kostitwenti oħra tal-pjanta mill-oleoraži estratti msemmija fl-intestatura 3301 tas-SA. Dan kien *prima facie* il-każ tal-merkanzija inkwistjoni fil-kawża prinċipali, billi l-proporzjon tar-residwi nixfin tal-miżwed tal-vanilja kien, skont l-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju, disa' darbiet iktar mill-proporzjon tal-vanillin.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li n-NM għandha tiġi interpretata fis-sens li merkanzija bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqa' taħt is-subintestatura 1302 1905 ta' din in-nomenklatura.

## 1.2. Noti ta' spjega tal-Kummissjoni

Sentenza tat-3 ta' Diċembru 1998, Clees (C-259/97, [EU:C:1998:587](#))

*"Tariffa Doganali Komuni – Kollezjonijiet u oġġetti tal-kollezzjoni b'interess storiku jew etnografiku – Karozzi antiki"*

Fl-1991, is-Sinjur Clees talab lill-uffiċċju doganali kompetenti l-iżdoganar għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' karozza użata tat-tip Mercedes-Benz 300 SL, immanifatturata fl-1956, bħala oġġett tal-kollezzjoni b'interess storiku, li jaqa' taħt l-intestatura 9705 tan-NM.

Wara li eżamina l-vettura, l-uffiċċju doganali kkonstata li l-imsemmija vettura kellha, effettivament, tiġi kklassifikata taħt is-subintestatura 9705 0000 0003 tan-NM. Għalhekk, huwa laqa' t-talba tas-Sinjur Clees permezz ta' avviż tat-taxxa.

Madankollu, l-awtorità doganali bagħtet lis-Sinjur Clees avviż ta' aġġustament fiskali għad-dazji fuq l-importazzjoni, minħabba li l-vettura kkonċernata kienet ġiet ikklassifikata, bi żball, taħt l-intestatura 9705 u kellha tiġi kklassifikata bħala vettura użata li taqa' taħt l-intestatura 8703 tan-NM, u dan skont is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Ottubru 1985, Daiber (200/84, EU:C:1985:403). Billi l-ilment magħmul mis-Sinjur Clees dwar dan l-avviż ta' aġġustament fiskali ġie miċħud, huwa ppreżenta rikors quddiem il-qorti tar-rinviju.

Sussegwentement, l-imsemmija qorti staqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-intestatura 9705 tan-NM <sup>41</sup> għandhiex tiġi interpretata fis-sens li huwa biżżejjed, bħala regola ġenerali, li l-vetturi bil-mutur, bħala oġġetti tal-kollezzjoni b'interess storiku, ikunu fl-istat oriġinali tagħhom, mingħajr ebda tibdil sostanzjali fix-xasi, fl-istering, fil-brejks, fil-

<sup>41</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87.

magna, eċċ., ikollhom tal-inqas tletin sena u jkunu jikkorrispondu għal mudell jew tip li ma jkunx għadu jiġi mmanifatturat.

B'risposta għal din id-domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-Kummissjoni, billi sabet li s-sentenza msemmija iktar 'il fuq kienet suġġetta għal interpretazzjonijiet varji mill-awtoritajiet doganali nazzjonali, adottat in-Noti ta' spjega tagħha.

Billi l-qorti tar-rinviju rrilevat li l-kriterji stabbiliti f'dawn in-noti ma kinux neċessarjament jiġu ssodisfatti minn kull vettura antika, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-interpretazzjoni mogħtija minn sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja lil dispożizzjoni fil-qasam tal-klassifikazzjoni tariffarja ma setgħetx tiġi alterata bl-adozzjoni, mill-Kummissjoni, ta' noti ta' spjega, li, għalkemm huma importanti sabiex tiġi żgurata interpretazzjoni tan-NM mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, ma għandhomx is-saħħa vinkolanti ta' liġi.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li t-tliet kriterji stabbiliti mill-Kummissjoni, jiġifieri l-kriterju li l-vettura inkwistjoni għandha tkun fl-istat oriġinali tagħha, mingħajr ebda tibdil sostanzjali fil-parts l-iktar importanti tagħhom, il-kriterju li l-vettura ma tkunx għadha tiġi mmanifatturata u l-kriterju li jiffissa ż-żmien minimu tal-vettura inkwistjoni, bħala elementi kostituttivi tal-preżunzjoni stabbilita mill-Kummissjoni, ma jitbiegħdux mill-gwida mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-10 ta' Ottubru 1985, Daiber (200/84, EU:C:1985:403). Fil-fatt, il-vetturi li jissodisfaw dawn il-kriterji jkunu, bħala prinċipju, tali li jixhdu l-aspetti tekniċi u estetiċi taż-żmien li fih ikunu ġew immanifatturati u li, għalhekk, juru, fost l-oħrajn, perijodu fl-evoluzzjoni ta' kisbiet il-bniedem fil-qasam tal-manifattura tal-karozzi.

Mill-banda l-oħra, il-fatt li vettura tkun tissodisfa t-tliet kriterji stabbiliti mill-Kummissjoni ma huwiex biżżejjed sabiex din il-vettura tiġi kklassifikata taħt l-intestatura 9705 tan-NM. Minn naħa, dawn it-tliet kriterji jistabbilixxu biss preżunzjoni ta' interess storiku jew etnografiku, li tiġi kkonfutata meta l-awtorità kompetenti turi li n-natura speċifika tal-vettura ma hija b'ebda mod marbuta ma' perijodu fl-imgħoddi, fis-sens li l-vettura ma tistax tixhed pass importanti fl-evoluzzjoni ta' kisbiet il-bniedem jew turi perijodu f'din l-evoluzzjoni. Min-naħa l-oħra, jibqa' li jiġu ssodisfatti wkoll l-erba' kriterji dwar il-karatteristiċi meħtieġa sabiex vettura tkun tista' tiġi inkluża f'kollezzjoni.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja żammet li l-intestatura 9705 tan-NM għandha tiġi interpretata fis-sens li vetturi bil-mutur li jkunu fl-istat oriġinali tagħhom, mingħajr ebda tibdil sostanzjali fix-xasi, fl-istering, fil-brejks, fil-magna, eċċ., ikollhom tal-inqas tletin sena u jkunu jikkorrispondu għal mudell jew tip li ma jkunx għadu jiġi mmanifatturat huma preżunti li għandhom interess storiku jew etnografiku. Madankollu, il-vetturi bil-mutur li jkunu jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet ma jkollhomx interess storiku jew etnografiku meta l-awtorità kompetenti turi li n-natura speċifika tal-vettura ma hija b'ebda mod marbuta ma' perijodu fl-imgħoddi, fis-sens li l-vettura ma tistax tixhed pass importanti fl-evoluzzjoni ta' kisbiet il-bniedem jew turi perijodu f'din l-evoluzzjoni. Jibqa' li jiġu ssodisfatti wkoll il-kriterji stabbiliti fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-karatteristiċi meħtieġa sabiex vettura tkun tista' tiġi inkluża f'kollezzjoni.

**Sentenza tat-12 ta' Jannar 2006, Algemene Scheeps Agentuur Dordrecht (C-31 1/04, [EU:C:2006:23](#))**

*"Tariffa doganali komuni – Intestaturi tariffarji – Klassifikazzjoni tal-lottijiet tar-ross – Nota addizzjonali 1(f) tal-Kapitolu 10 tan-nomenklatura magħquda – Validità – Irkupru a posteriori tad-dazji fuq l-importazzjoni – Artikolu 220(2)(b) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità – Interpretazzjoni – Bona fide tal-persuna responsabbli għall-pagament"*

Il-verżjoni tan-NM <sup>42</sup> li kienet tapplika fi żmien il-fatti tal-kawża prinċipali kienet tinkludi t-Taqsima II, intitolata "Prodotti veġetali". Din it-taqsima kienet tinkludi, b'mod partikolari, il-Kapitolu 10, intitolat "Ċereali". Taħt dan il-kapitolu kien hemm l-intestatura 1006, intitolata "Ross", li kienet tinkludi, *inter alia*, is-subintestatura "ross nofsu midħun" (subintestatura 1006 30). Dan l-istess Kapitolu 10 fih ukoll nota addizzjonali (iktar 'il quddiem in-"noti addizzjonali kontenzjuża") li tippredvi definizzjoni tar-ross nofsu midħun li fiha element, li jikkonċerna ż-żerriegħa ta' qamħet ir-ross, li ma jissemmiex fin-Nota ta' spjega korrispondenti tas-SA.

Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju staqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, *inter alia*, jekk in-nota addizzjonali kontenzjuża hijiex invalida, sa fejn hija tagħti definizzjoni tar-ross nofsu midħun li fiha element, li jikkonċerna ż-żerriegħa ta' qamħet ir-ross, li ma jissemmiex in-Nota ta' spjega tas-SA.

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 300(7) TKE, il-Konvenzjoni dwar is-SA torbot lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Din tal-aħħar, bis-saħħa tal-Artikolu 3 ta' din il-konvenzjoni, intrabtet li ma tibdilx il-portata tas-SA. F'dan ir-rigward, is-supremazija tal-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni fuq it-testi tad-dritt sekondarju tal-Unjoni titlob li dawn tal-aħħar jiġu interpretati, sa fejn possibbli, skont dawn il-ftehimiet.

Barra minn hekk, in-Noti ta' spjega mfassla, sa fejn għandha x'taqsam in-NM, mill-Kummissjoni u, sa fejn għandha x'taqsam is-SA, mill-WTO, huma ta' għajnuna kbira fl-interpretazzjoni tal-portata tad-diversi intestaturi tariffarji mingħajr, madankollu, ma għandhom is-saħħa vinkolanti ta' liġi. Għalhekk, il-kontenut tal-imsemmija noti tan-NM għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din tal-aħħar u ma jistax ibiddel il-portata tagħhom.

F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja, wara li analizzat il-kliem użat fid-deskrizzjonijiet tal-varji tipi ta' ross fl-intestaturi u subintestaturi fis-SA u fin-NM, ikkonkludiet li n-NM hija konformi mas-SA. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkjarifikat li d-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju teħtieġ li jiġi eżaminat jekk il-kontenut tad-dispożizzjonijiet tan-nota addizzjonali kontenzjuża, inkwantu jiddefinixxi r-ross nofsu midħun u r-ross midħun, jibdilx il-portata tan-NM.

<sup>42</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, kif emendat bir-Regolament Nru 2388/2000.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja żammet, abbażi ta' paragun tal-kliem użat fin-Nota ta' spjega tal-WTO u fin-nota addizzjonali kontenzjuża dwar ir-ross nofsu midhūn, li teżisti diverġenza fil-kliem użat fid-definizzjonijiet, li tikkonċerna jekk it-tneħħija taż-żerriegħa għandhiex jew le tittieħed inkunsiderazzjoni fid-definizzjoni tar-ross nofsu midhūn.

Imqar jekk, minħabba din id-diverġenza, in-nota addizzjonali kontenzjuża kellha tiġi interpretata fis-sens li teskludi mis-subintestatura 1006 30 tan-NM, ross li tkun tneħħietlu parti mill-perikarpu, iżda mhux ukoll iż-żerriegħa, dan ir-ross lanqas ma jista' jiġi kklassifikat taħt is-subintestatura 1006 20 tan-NM. Tali interpretazzjoni jkollha l-effett li ċċaħħad lil dan ir-ross minn kull possibbiltà ta' klassifikazzjoni u, konsegwentement, li tillimita l-portata tas-SA li l-loġika ġenerali tagħha hija sewwasew li tikklassifika kull merkanzija. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, meta wieħed iqis il-fatt li d-dritt sekondarju għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-ftehimiet internazzjonali li jorbtu lill-Unjoni bis-saħħa tal-Artikolu 300(7) TKE, għandu jiġi eżaminat jekk hemmx xi interpretazzjoni oħra tan-nota addizzjonali kontenzjuża li tkun konformi mas-SA.

Fid-dawl ta' din il-kunsiderazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja żammet, imbagħad, li din in-nota addizzjonali kontenzjuża setgħet tiġi interpretata b'osservanza tas-SA. Konsegwentement, id-diverġenza fil-kliem użat fin-nota addizzjonali kontenzjuża kellha titqies li hija konformi mas-SA u li, għalhekk, ma twaqqax dubju fuq il-validità tal-imsemmija nota.

**Sentenza tal-14 ta' April 2011, British Sky Broadcasting Group u Pace (C-288/09 u C-289/09, [EU:C:2011:248](#))**

*"Tariffa Doganali Komuni – Klassifikazzjoni tariffarja – Nomenklatura Magħquda – Riċevituri u dekodifikaturi tat-televiżjoni diġitali bis-satellita li għandhom funzjoni ta' reġistrazzjoni – Kodiċi Doganali tal-Komunità – Artikolu 12(5)(a)(i) u (6) – Validità ratione temporis ta' informazzjoni tariffarja li torbot"*

F'din is-sentenza, li l-fatti tagħha ġew imfissra iktar 'il fuq <sup>43</sup>, il-Qorti tal-Ġustizzja kkjarifikat li n-Noti ta' spjega tan-NM <sup>44</sup>, ma għandhomx japplikaw sa fejn dawn ikunu jmorru kontra il-kliem użat fin-NM.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li n-Noti ta' spjega mfassla, sa fejn għandha x'taqsam in-NM, mill-Kummissjoni u, sa fejn għandha x'taqsam is-SA, mill-WTO, huma ta' għajjnuna kbira fl-interpretazzjoni tal-portata tad-diversi intestaturi tariffarji mingħajr, madankollu, ma għandhom is-saħħa vinkolanti ta' liġi.

<sup>43</sup> Ara Taqsima II.2.2, intitolata "L-użu maħsub tal-prodott". Din is-sentenza tissemma wkoll fit-Taqsima III.3.2, intitolata "Informazzjoni tariffarja vinkolanti".

<sup>44</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, kif emendat bir-Regolamenti Nru 2587/91 u Nru 1214/2007.

Barra minn hekk, il-kontenut tan-Noti ta' spjega tan-NM, li ma jieħdux post dawk tas-SA, iżda li għandhom jitqiesu li jikkomplementaw lil dawn tal-aħħar u li jiġu kkonsultati flimkien magħhom, għandu, għalhekk, ikun konformi mad-dispożizzjonijiet tan-NM u ma jistax jibdel il-portata tagħhom.

Abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja kkjarifikat li, jekk ikun jidher li dawn ikunu jmorru kontra l-kliem użat fl-intestaturi tan-NM u tan-noti tat-taqsimha jew tal-kapitolu, in-Noti ta' spjega tan-NM ma għandhomx japplikaw.

**Sentenza tas-17 ta' Frar 2016, Salutas Pharma (C-124/15, [EU:C:2016:87](#))**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tariffa doganali komuni – Klassifikazzjoni tariffarja – Nomenklatura Magħquda – Intestatura 3004 – Pilloli effervexxenti li għandhom 500 mg ta' kalċju – Livell ta' sustanza f'doża ta' kuljum irrakkomandata oġġla sewwa mill-konċessjoni ta' kuljum biex tinżamm is-saħħa jew il-benesseri ġenerali"*

Fl-2012, Salutas Pharma talbet sabiex tinħarġilha BTI, għal pilloli magħmula minn sustanza li l-komponent essenzjali tagħhom huwa l-kalċju, maħsuba sabiex tittieħed wara li tinħall fl-ilma. Hija pproponiet li dan il-prodott għandu jiġi kklassifikat taħt is-subintestatura 3004 90 00 tan-NM.

FBTI, l-Uffiċċju Doganali kklassifika l-imsemmi prodott taħt is-subintestatura 2106 90 92 tan-NM minħabba li l-istess prodott ma kienx jaqā taħt l-intestatura 3004 tan-NM sa fejn id-dożaġġ tagħhom ma kienx jikkorrispondi għal livell ta' konsum ta' kalċju oġġla ħafna mid-dożaġġ irrakkomandat għal kuljum, neċessarju sabiex jitmantnu s-saħħa ġenerali jew il-benesseri.

Wara rikors ta' Salutas Pharma, l-Uffiċċju Doganali kkonferma d-deċiżjoni li kklassifikat il-prodott inkwistjoni fil-kawża prinċipali taħt l-intestatura 2106 tan-NM, billi, fil-fehma tiegħu, il-kundizzjoni fin-Nota addizzjonali 1 tal-Kapitolu 30 tan-NM ma kinitx issodisfatta, inkwantu l-kontenut tal-kalċju fid-doża massima rrakkomandata għal kuljum tal-prodott kontenzjuż ma kienx ugwali għal tliet darbiet iżjed mid-dożaġġ tal-kalċju rrakkomandat għal kuljum.

Salutas Pharma ppreżentat rikors quddiem il-qorti tar-rinviju kontra din id-deċiżjoni tal-aħħar tal-Uffiċċju Doganali, fejn fih sostniet li n-Nota addizzjonali 1 tal-Kapitolu 30 tan-NM ma hijiex valida, inkwantu tibdel il-kontenut tal-intestatura tariffarja 3004 tan-NM.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja saritilha domanda mill-qorti tar-rinviju dwar jekk il-pilloli effervexxenti, li kull waħda fiha 500 mg ta' kalċju, użati għall-prevenzjoni u għall-kura ta' defiċjenza fil-kalċju jew assoċjati ma' terapiji speċjali għall-prevenzjoni jew għall-kura tal-osteoporozzi u li l-fuljett tagħhom jirakkomanda, għall-adulti, doża

massima għal kuljum ta' tliet pilloli, għandhom jiġi kklassifikati taħt is-subintestatura 3004 90 00 tan-NM <sup>45</sup>.

Qabel xejn, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li n-noti ta' kapitolu tan-NM huma mezz importanti sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tat-TDK u jipprovdu, bħala tali, gwida utli għall-interpretazzjoni tagħha. Il-kontenut tal-imsemmija noti għandu, għalhekk, ikun konformi mad-dispożizzjonijiet tan-NM u ma jistax jibdel il-portata tagħhom. Barra minn hekk, in-Noti ta' spjega huma ta' għajnuna kbira fl-interpretazzjoni tal-portata tad-diversi intestaturi tariffarji mingħajr, madankollu, ma għandhom is-saħħa vinkolanti ta' liġi.

F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-prodott inkwistjoni fil-kawża prinċipali kien jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) sa (d) tal-ewwel paragrafu tan-nota addizzjonali 1 tal-Kapitolu 30 tan-NM, billi l-partijiet fil-kawża prinċipali ma qablux biss fuq il-kwistjoni jekk il-kontenut ta' kalċju fid-doża rrakkomandata għal kuljum tal-prodott ikkonċernat kienx "ħafna ogħla mid-dożaġġ irrakkomandat għal kuljum neċessarju sabiex jitmantnu s-saħħa ġenerali u l-benesseri", fis-sens ta' din in-nota addizzjonali,

Fil-fatt, in-Nota ta' spjega dwar il-Kapitolu 30 tan-NM tfittex li tfisser b'mod espliċitu l-kriterju "ħafna ogħla" stabbilit fin-Nota addizzjonali 1 tal-imsemmi kapitolu, billi tipprevedi li dan tal-aħħar ikopri d-doża rrakkomandata għal kuljum li l-kontenut ta' vitamini u minerali tagħha jkun "ħafna ogħla, bħala regola, tal-inqas tliet darbiet iżjed mid-dożaġġ irrakkomandat għal kuljum".

Minn naħa, din in-nota ta' spjega, li ma għandhiex is-saħħa vinkolanti ta' liġi, tipprevedi li prodott, li l-kontenut ta' vitamini u minerali tiegħu jkun tliet darbiet iżjed mid-dożaġġ irrakkomandat għal kuljum, jaqa' taħt l-imsemmi kapitolu jekk kemm-il darba l-kundizzjonijiet kollha l-oħra jkunu wkoll issodisfatti. Min-naħa l-oħra, u fid-dawl tal-espressjoni "bħala regola" użata f'din l-istess nota, din tal-aħħar ma teskludix prodotti mill-Kapitolu 30 tan-NM biss minħabba l-fatt li l-kontenut ta' vitamini u ta' minerali tad-doża rrakkomandata għal kuljum ma tkunx tliet darbiet iżjed mid-dożaġġ irrakkomandat għal kuljum.

Konsegwentement, fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, in-Nota ta' spjega dwar il-Kapitolu 30 tan-NM ma tistax tiġi interpretata fis-sens li l-kontenut ta' vitamini u ta' minerali tad-doża rrakkomandata għal kuljum tal-prodotti magħmulin minn dawn is-sustanzi għandu jkun ta' bilfors tliet darbiet iżjed mid-doża rrakkomandata għal kuljum sabiex dawn il-prodotti jkunu jistgħu jiġu kklassifikati taħt l-intestatura 3004 tan-NM. Fil-fatt, meta l-kontenut ta' vitamini, ta' minerali, ta' aċidi amminiċi essenzjali u ta' aċidi grassi tad-doża rrakkomandata għal kuljum ta' prodott bil-karatteristiċi u bil-proprjetajiet oġġettivi ddefiniti mill-kliem użat tal-intestatura 3004 tan-NM ikun ħafna ogħla minn dak meħtieġ jew irrakkomandat għall-ikel ġenerali, dan għandu jiġi kklassifikat taħt din l-intestatura.

<sup>45</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, fil-verżjoni tiegħu li tirriżulta mir-Regolament Nru 1006/2011.

## 2. Regolamenti ta' klassifikazzjoni tariffarja adottati mill-Kummissjoni

Sentenza tal-20 ta' Novembru 1997, Wiener SI (C-338/95, [EU:C:1997:552](#))

*"Tariffa Doganali Komuni – Klassifikazzjoni tariffarja – Qmis ta' billejl tan-nisa"*

Fl-1985, il-kumpanija Ġermaniża Wiener importat mit-Tajlandja ħwejjeġ li hija ddikjarat bħala "qomos ta' billejl tan-nisa" fis-sens tas-subintestatura 60.04 B IV b) 2 bb) tat-TDK. Wara kontroll parzjali, dawn il-ħwejjeġ ġew irrilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera u magħduda mal-kwota tariffarja għall-"qomos ta' billejl".

Wara kontroll addizzjonali, l-amministrazzjoni doganali Ġermaniża qieset, madankollu, li dawn il-ħwejjeġ kienu jikkostitwixxu "lbies magħmul minn fibri tessili sintetiċi" fis-sens tas-subintestatura 60.05 A II b) 4 cc) 22 tat-TDK u għaddiet, għalhekk, biex tirkupra *a posteriori* d-dazji doganali b'rata ogħla.

Konsegwentement, Wiener ippreżentat rikors kontra dan l-aġġustament li, madankollu, ġie miċħud permezz ta' sentenza. Wiener appellat għal "reviżjoni" minn din is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-kunċett ta' "qmis ta' billejl", fis-sens tas-subintestatura 60.04 B IV b) 2 bb) tat-TDK tal-1985 <sup>46</sup>, għandux jiġi interpretat fis-sens li jkopri biss il-ħwejjeġ ta' taħt l-"oħra" li, mill-karatteristiċi tagħhom, ikun ċar li jkunu maħsuba sabiex jintlibsu esklużivament bħala ħwejjeġ ta' billejl jew jekk ikoprix ukoll prodotti li, mill-apparenza tagħhom, ikunu maħsuba, mhux esklużivament, iżda essenzjalment, sabiex jintlibsu fis-sodda.

Qabel xejn, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-kliem użat fis-subintestatura 60.04 B IV b) 2 bb) tat-TDK ma fih ebda definizzjoni tal-qomos ta' billejl tan-nisa jew tal-bniet. Tali definizzjoni la tidher fin-Noti ta' spjega tat-TDK u lanqas f'dawk tan-nomenklatura tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li ttrasponiet għal dan il-każ ir-raġunament tas-sentenza tad-9 ta' Awwissu 1994, Neckermann Versand (C-395/93, [EU:C:1994:318](#)), qieset li, meta l-merkanzija tkun maħsuba sabiex essenzjalment tintlibes fis-sodda, hija għandha tiġi kklassifikata bħala "qomos ta' billejl" fis-sens tas-subintestatura 60.04 B IV b) 2 bb) tat-TDK, minkejja li tkun tista' tintuża għal skopijiet oħra.

Fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, din il-konklużjoni ma tistax tiġi affettwata bl-adozzjoni tar-Regolament Nru 548/89, li l-anness tiegħu jipprevedi li l-ħwejjeġ meħjuta u ħfief fil-piż maħsuba sabiex jgħattu l-biċċa ta' fuq tal-ġisem u li jaslu sa nofs il-koxxa, li jkollhom

<sup>46</sup> TDK, fil-verzjoni tagħha li tirriżulta mir-Regolament Nru 3400/84.

għonq tond u wiesa', kmiem qosra u wesgħin, kif ukoll lazz meħjut fil-ħjata xellugija fil-qadd, ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala "qomos ta' billejl", iżda bħala "lbies" fis-sens tal-intestatura 6104 tan-NM, billi ma jistax jitqies li dawn huma maħsubin sabiex jintlibsu esklużivament bħala ħwejjeġ ta' billejl, kif ukoll bl-adozzjoni tar-Regolament Nru 812/89, li ma jaċċettax il-klassifikazzjoni ta' diversi ħwejjeġ meħjuta (100 % qoton), ħfief fil-piż, maħsuba sabiex jgħattu l-biċċa ta' fuq tal-ġisem u li jaslu sa nofs il-koxxa, li jkollhom għonq tond u wiesa', kmiem qosra u wesgħin, mingħajr lazz fil-qadd.

Fil-fatt, dawn ir-regolamenti ta' klassifikazzjoni ġew wara l-fatti tal-kawża prinċipali. Id-dispożizzjonijiet tagħhom ma jistgħux, konsegwentement, jiġu applikati b'analoġija għall-finijiet tal-interpretazzjoni ta' regolamenti tariffarji preċedenti, imqar jekk dawn ir-regolamenti jfittxu biss li jikkjarifikaw u ma emendawx il-kliem użat fl-intestaturi jew subintestaturi inkwistjoni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, b'mod partikolari, li, qabel ma r-regolamenti sussegwenti ta' klassifikazzjoni imponew interpretazzjoni restrittiva tal-kunċett ta' "qmis ta' billejl", kien għalkollox konformi mal-prinċipju ta' ċertezza legali, li huwa prinċipju fundamentali tad-dritt tal-Unjoni, li dan il-kunċett ġeneralment jinftehem fis-sens li jkopri mhux biss ħwejjeġ ta' taħt maħsubin sabiex jintlibsu esklużivament fis-sodda, iżda wkoll dawk essenzjalment maħsubin sabiex jintużaw b'dan il-mod.

Konsegwentement, is-subintestatura 60.04 B IV b) 2 bb) tat-TDK għandha tiġi interpretata fis-sens li tkopri l-ħwejjeġ ta' taħt li, mill-karatteristiċi oġġettivi tagħhom, huma maħsubin sabiex jintlibsu esklużivament jew essenzjalment fis-sodda. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa, fid-dawl tal-qatgħa tal-ħwejjeġ, tal-kompożizzjoni tagħhom, tal-preżentazzjoni tagħhom u tal-iżviluppi fil-moda fl-Istat Membru kkonċernat, jekk dawn il-ħwejjeġ ikollhomx tali karatteristiċi oġġettivi jew jekk, għall-kuntrarju, ikunux jistgħu jintlibsu sew fis-sodda u sew bnadi oħra.

**Sentenza tal-20 ta' Novembru 2008, Heuschen & Schrouff Oriëntal Foods Trading (C-375/07, [EU:C:2008:645](#))**

*"Talba għal deċiżjoni preliminari – Validità ta' regolament ta' klassifikazzjoni – Interpretazzjoni tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1196/97 – Artikoli 220 u 239 tal-Kodiċi Doganali – Artikoli 871 u 905 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 – Folji mnixxfen magħmulin minn daq q tar-ross, melħ u ilma – Klassifikazzjoni tariffarja – Irkupru a posteriori ta' dazji fuq l-importazzjoni – Proċedura ta' remissjoni – Żball tal-awtoritajiet doganali li seta' jiġi individwat – Traskuraġni manifesta tal-importatur"*

Fi żmien il-fatti tal-kawża, H & S kienet impriża Olandiża tal-manifattura u tan-negozju li kienet tforni, b'mod partikolari, lil sidien ir-restoranti prodotti tal-ikel Ażjatiċi. Hija kienet timporta l-karti tar-ross mill-Vjetnam.

H & S kienet ilha sa mill-1996 timporta dan il-prodott taħt is-subintestatura 1901 90 99 tan-NM <sup>47</sup>. Din il-klassifikazzjoni tariffarja kienet allegatament ġiet aċċettata diversi drabi mill-awtoritajiet doganali Olandiżi (iktar 'il quddiem l-“awtoritajiet doganali”), inkluż wara li kienu saru kontrolli u analiżijiet ta' kampjuni mill-merkanzija importata.

Fl-1997, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament Nru 1196/97, li jipprevedi li l-prodotti inkwistjoni effettivament jaqgħu taħt is-subintestatura 1905 90 20 tan-NM. Dan ir-regolament daħal fis-seħħ fid-19 ta' Lulju 1997.

Madankollu, H & S kompliet timporta l-karti tar-ross u tikklassifikahom taħt is-subintestatura tariffarja 1901 90 99. L-awtoritajiet doganali wkoll komplew jaċċettaw dawn id-dikjarazzjonijiet, l-aħħar drabi fl-14 ta' Lulju 1997 u fis-16 ta' Marzu 1998. Imbagħad, dakinhar tas-16 ta' Marzu 1998, huma kkonstataw klassifikazzjoni żbaljata u informaw lil din il-kumpanija li din il-merkanzija kienet taqa' taħt l-intestatura preskritta fir-regolament imsemmi iktar 'il fuq, jiġifieri s-subintestatura 1905 90 20 tan-NM. Sussegwentement, H & S iddikjarat il-prodotti tal-ikel tagħha taħt din l-intestatura tal-aħħar.

Fis-sena 2000, l-awtoritajiet doganali informaw lil H & S li kienu ser jirkupraw *a posteriori* d-dazji, għall-perijodu mill-25 ta' Novembru 1997 sat-2 ta' Frar 1998, li kellhom jitħallsu taħt is-subintestatura 1905 90 20 tan-NM.

Għalhekk, H & S ressqet talba għall-maħfra tal-imsemmija dazji. Din it-talba ġiet miċħuda u dan wassal fl-aħħar għall-kawża prinċipali.

Il-qorti tar-rinviju, billi kellha dubji dwar il-klassifikazzjoni tariffarja tal-karti tar-ross, iddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, *inter alia*, jekk folji mmanifatturati bit-tqiq tar-ross, melħ u ilma, imnixxfa, iżda li ma jkun għaddew minn ebda trattament termiku, jaqgħux taħt is-subintestatura 1905 90 20 tan-NM u, fejn meħtieġ, jekk ir-Regolament Nru 1196/97 huwiex validu.

Qabel xejn, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-verżjoni bil-lingwa Olandiża tal-kliem użat fl-intestatura 1905 tan-NM, għall-kuntrarju ta' ċerti verżjonijiet lingwistiċi oħra, ma tirreferix b'mod espliċitu għal għaġina f'folji magħmula mid-dqiq, mill-istarc jew mid-dqiq tal-qamħirrun u prodotti simili oħra, li għandha tkun “imnixxfa”. Fil-fatt, din il-verżjoni lingwistika ssemmi biss prodotti taħt forma ta' folji.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-ħtieġa li r-regolamenti tal-Unjoni jiġu interpretati b'mod uniformi ma tippermettix li, f'każ ta' dubju, it-test ta' dispożizzjoni jiġi kkunsidrat għalih waħdu, iżda teħtieġ, għall-kuntrarju, li dan jiġi interpretat u applikat fid-dawl ta' verżjonijiet bil-lingwi uffiċjali l-oħra.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, minn naħa, ir-referenza għall-karti tar-ross (“rice paper”) jew għal prodotti “mnixxfa” tidher b'mod espliċitu fil-kliem użat

<sup>47</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, fil-verżjoni tiegħu li jirriżulta mir-Regolament Nru 1624/97.

F'diversi verżjonijiet lingwistiċi tas-subintestatura 1905 90 20 tan-NM, filwaqt li l-intestatura 1901 hija biss waħda residwa, li tikkonċerna biss prodotti li ma humiex speċifikati jew inklużi banda oħra fin-NM.

Min-naħa l-oħra, kif jirriżulta minn qari ta' diversi verżjonijiet lingwistiċi tan-NM u fid-dawl tan-Noti ta' spjega tal-Kummissjoni, li jirreferu għan-Noti ta' spjega tal-Konvenzjoni dwar is-SA, il-ħami ma huwiex karatteristika li hija neċessarja sabiex merkanzija tiġi kklassifikata taħt is-subintestatura 1905 90 20.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-klassifikazzjoni ta' prodotti tal-ikel magħmula mid-dqiq tat-ross, melħ u ilma, taħt forma ta' folji jew ta' diski ta' daqsijiet varji, imnixxa u trasluċidi, taħt is-subintestatura 1905 90 20 tan-NM hija konformi mal-kliem użat f'din is-subintestatura. Minn dan irriżulta li l-validità tar-Regolament Nru 1196/97 ma ġietx affettwata.

**Sentenza tad-19 ta' Frar 2009, Kamino International Logistics (C-376/07, [EU:C:2009:105](#))**

*"Tariffa Doganali Komuni – Nomenklatura magħquda – Klassifikazzjoni tariffarja – Monitors tat-tip LCD mgħammra b'sokits ta' SUB-D, DVI-D, USB, S-vidjo u vidjo kompost – Intestatura 8471 – Intestatura 8528 – Regolament Nru 754/2004"*

F'din is-sentenza, li l-fatti tagħha ġew imfissra iktar 'il fuq <sup>48</sup>, il-qorti tar-rinviju staqsiet ukoll lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk ir-Regolament Nru 754/2004 japplikax għall-monitors tat-tip LCD inkwistjoni fil-kawża prinċipali għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tariffarja.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, minn naħa, li regolament ta' klassifikazzjoni jiġi adottat mill-Kummissjoni meta l-klassifikazzjoni fin-NM ta' prodott partikolari tkun tista' tqajjem xi diffikultà jew tkun is-suġġett ta' nuqqas ta' qbil u, min-naħa l-oħra li tali regolament ikollu portata ġenerali inkwantu ma japplikax għal operatur speċifiku iżda għall-prodotti kollha identiċi għal dak li jkun is-suġġett ta' din il-klassifikazzjoni.

Fil-fatt, imqar jekk l-applikazzjoni b'analoġija ta' regolament ta' klassifikazzjoni għall-prodotti analogi għal dawk imsemmija f'dan ir-regolament tiffavorixxi interpretazzjoni konsistenti tan-NM kif ukoll l-ugwaljanza fit-trattament tal-operaturi, jeħtieġ, f'każ b'hal dan, li l-prodotti li għandhom jiġu kklassifikati u dawk imsemmija f'dan ir-regolament ta' klassifikazzjoni jkunu simili biżżejjed. Issa, l-imsemmija monitors tat-tip LCD ma kinux identiċi mil-lat teknoloġiku għall-prodotti kklassifikati taħt ir-Regolament Nru 754/2004, liema regolament jikkonċerna monitors bi skrin plażma, li lanqas ma huma l-istess fejn jidħlu d-daqsijiet u r-riżoluzzjonijiet tagħhom.

Is-sempliċi fatt li sew il-monitors inkwistjoni fil-kawża prinċipali u sew il-prodotti msemmeja fir-Regolament Nru 754/2004 jkunu jistgħu jirriproduċu sinjali kemm minn magna awtomatika li tipproċessa d-data kif ukoll minn sors oħra, bla ma wieħed iqis kull

<sup>48</sup> Ara Taqsimu II.2.1, intitolata "Karatteristiċi u proprjetajiet oġġetti tal-prodott".

evalwazzjoni tal-karatteristiċi oġġetti tagħhom u tal-prestazzjonijiet tagħhom fil-varju funzjonijiet li jaqdu, ma huwiex biżżejjed sabiex dan ir-regolament japplika, b'analoġija, għal dawn il-monitors.

Dan ifisser li, għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tariffarja tal-monitors tat-tip LCD, mgħammra b'sokits ta' SUB-D, DVI-D, USB, S-video u video kompost, ma japplikax ir-Regolament Nru 754/2004.

**Sentenza tas-17 ta' Lulju 2014, Panasonic Italia et (C-472/12, [EU:C:2014:2082](#))**

*“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Regolament (KEE) Nru 2658/87 — Tariffa Doganali Komuni — Klassifikazzjoni tariffarja — Nomenklatura Magħquda — Intestaturi 8471 u 8528 — Skrins tal-plażma — Funzjonalità ta' skrin ta' kompjuter — Funzjonalità potenzjali ta' skrin ta' televiżjoni, wara li tiddaħħal video card”*

Mill-2001 sal-2004, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali importaw fl-Italja skrins tal-plażma. Għall-finijiet tad-dikjarazzjoni doganali tagħhom, huma kklassifikawhom taħt l-intestatura 8471 60 90 tan-NM, bħala skrins maħsuba esklużivament għat-trażmissjoni ta' xbihat iġġenerati minn kompjuter, bil-konsegwenza li din il-merkanzija kienet eżentata mid-dazji doganali u li tħallset taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) bir-rata ta' 20 %.

L-aġenzija doganali qieset, madankollu, li dawn l-iskrins kellhom jiġu kklassifikati taħt l-intestatura 8528 tan-NM, li ssemmi, *inter alia*, l-apparati riċeventi għat-televiżjoni u l-video monitors tal-video, bil-konsegwenza li dawn kienu suġġetti għal dazji doganali bir-rata ta' 14 %.

Konsegwentement, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ppreżentaw numru ta' rikorsi quddiem il-Commissione tributaria provinciale di Milano (il-Kummissjoni Fiskali Provinċjali ta' Milano, l-Italja), li ċaħdithom minħabba li l-possibbiltà li l-imsemmija skrins jiġu pprogrammati b'mod li jkunu jistgħu jirċievu sinjali komposti video bis-sempliċi inserzjoni ta' video card kienet teskludi l-klassifikazzjoni tagħhom taħt l-intestatura 8471 tan-NM. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali appellaw minn dawn is-sentenzi mogħtija fl-ewwel istanza quddiem il-Commissione tributaria regionale di Milano (il-Kummissjoni Fiskali Reġjonali ta' Milano, l-Italja), li kkonfermat il-klassifikazzjoni tal-iskrins importati taħt l-intestatura tariffarja 8528 tan-NM.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju, adita bl-appelli ta' kassazzjoni minn dawn is-sentenzi mogħtija fl-appell, staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, fl-ewwel lok, dwar il-kriterji li għandhom jiġi applikati, sabiex jiġi ddeterminat jekk l-iskrins inkwistjoni fil-kawża prinċipali kellhomx jiġu kklassifikati taħt l-intestatura 8471 tan-NM <sup>49</sup> jew, jekk le, taħt l-intestatura 8528 tan-NM.

<sup>49</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, fil-verżjonijiet tiegħu li jirriżultaw, suċċessivament, mir-Regolament Nru 2388/2000, mir-Regolament Nru 2031/2001, mir-Regolament Nru 1832/2002 u mir-Regolament Nru 1789/2003.

Sa fejn għandu x'jaqsam il-metodu li wieħed għandu jsegwi sabiex jagħmel il-klassifikazzjoni tariffarja ta' tali skrins, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li min-Nota 5, B, (a) sa (c) tal-Kapitolu 84 tan-NM jirriżulta li skrins bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali jaqgħu taħt l-intestatura 8471 tan-NM bħala unitajiet ta' magna awtomatika li tipproċessa d-data meta dawn ikunu jissodisfaw, f'ħin wieħed, tliet kundizzjonijiet, jiġifieri li jkunu tat-tip użat esklużivament jew prinċipalment f'sistema awtomatika li tipproċessa d-data, li jkunu jistgħu jitqabbdum mal-unità ċentrali ta' pproċessar u li jkunu jistgħu jirċievu jew jittrażmettu d-data taħt forma li tkun tista' tintuża mis-sistema.

Billi t-tieni u t-tielet kundizzjoni stabbiliti iktar 'il fuq setgħu jitqiesu ssodisfatti, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, sa fejn kellha x'taqsam l-ewwel kundizzjoni, li s-sempliċi possibbiltà li skrin jirriproduċi xbihat minn sorsi li ma humiex magna awtomatika li tipproċessa d-data ma tistax iżżommu milli jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 8471 tan-NM, fid-dawl tal-kliem użat fin-Nota 5, B, (a) tal-Kapitolu 84 tan-NM, li tirreferi għall-unitajiet użati "esklużivament jew prinċipalment" f'sistema awtomatika li tipproċessa d-data.

Fil-fatt, mill-punti tan-Noti ta' spjega dwar l-intestatura 8471 jirriżulta li l-monitors użati prinċipalment f'sistema awtomatika li tipproċessa d-data jistgħu jiġu identifikati, barra mill-fatt li jkunu mgħammra b'sokits standard għall-konnessjoni ma' sistemi li jipproċessaw id-data, b'karatteristiċi tekniċi oħra, b'mod partikolari mill-fatt li jkunu ddisinjati sabiex jintużaw mill-qrib, li ma jkunux jistgħu jirriproduċu sinjali tat-televiżjoni, li jkollhom emissjonijiet elettromanjetiċi baxxi, li l-pitch tal-iskrin tagħhom ikun jibda minn 0.41 għal riżoluzzjoni medja u tonqos iktar ma tiżdied ir-riżoluzzjoni, li l-bandwidth tagħhom tkun ta' 15 MHz jew iktar kif ukoll mill-fatt li d-dimensjoni tal-pixels fuq l-iskrin tkun iżgħar minn dik tal-video monitors tal-intestatura 8528 tas-SA, filwaqt li l-konverġenza tal-ewwel tkun iktar b'saħħitha minn dik tat-tieni.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tariffarja fin-NM ta' skrins tal-plażma bil-kulur, b'tul djagonali ta' 106.6 ċm, li għandhom żewġ loudspeakers u remote control u li għandhom apparat għall-inserzjoni ta' video card, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-użu maħsub inerenti tagħhom, li huwa li jiġu riprodotti, minn naħa, id-data minn magna awtomatika li tipproċessa d-data u, min-naħa l-oħra, is-sinjali komposti video. Tali skrins għandhom jiġi kklassifikati taħt is-subintestatura 8471 60 90 tan-NM jekk kemm-il darba jintużaw esklużivament jew prinċipalment f'sistema awtomatika li tipproċessa d-data, fis-sens tan-Nota 5, B, (a) tal-Kapitolu 84 tan-NM, jew taħt is-subintestatura 8528 21 90 ta' din in-nomenklatura jekk dan ma jkunx il-każ, ħaġa li hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina abbażi tal-karatteristiċi oġġettivi tal-imsemmija skrins u, b'mod partikolari, abbażi ta' dawk imsemmija fin-Noti ta' spjega dwar l-intestatura 8471 tas-SA, b'mod speċifiku fil-punti 1 sa 5 tal-parti tal-Kapitolu I, D, ta' din is-SA, iddedikata għall-unitajiet ta' viżwalizzazzjoni ta' magni awtomatiċi li jipproċessaw id-data.

Fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju staqsi jekk ir-Regolament Nru 754/2004 għandux japplika b'mod retroattiv.

Wara li fakkret il-ġurisprudenza tagħha, fis-sens li l-prinċipju ta' ċertezza legali jżomm regolament milli japplika retroattivament, u dan mingħajr ma jingħata kas jekk tali applikazzjoni tipproduċix effetti favorevoli jew sfavorevoli għall-persuna kkonċernata, sakemm ma jkunx hemm indikazzjoni ċara biżżejjed jew fit-termini jew fil-għanijiet li tippermetti li tingħbed il-konklużjoni li dan ir-regolament ma kienx qiegħed biss jipprevedi għall-futur, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li ma hemm xejn fil-preambolu tar-Regolament Nru 754/2004, fil-kliem użat fid-dispożizzjonijiet tiegħu jew fl-anness tiegħu li jissuġġerixxi li dan ir-regolament kellu japplika b'mod retroattiv.

Fi kwalunkwe każ, regolament li jiddefinixxi l-kundizzjonijiet għall-klassifikazzjoni taħt intestatura jew taħt subintestatura tariffarja tan-NM ma jistax jipproduċi effetti retroattivi. Konsegwentement, ir-Regolament Nru 754/2004 ma jistax japplika b'mod retroattiv.

### Sentenza tat-22 ta' Settembru 2016, *Kawasaki Motors Europe* (C-91/15, [EU:C:2016:716](#))

*“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Evalwazzjoni tal-validità – Regolament (KE) Nru 1051/2009 – Tariffa doganali komuni – Klassifikazzjoni tariffarja – Nomenklatura Magħquda – Intestatura 8701 – Trakters – Sotto-intestaturi 8701 90 11 sa 8701 90 39 – Trakters agrikulturali u trakters għax-xogħol fil-foresti, (ħlief trakters ikkontrollati minn xi ħadd bil-mixi), bir-roti, ġodda – Vetturi għal kull art ħafifa, four-wheel drive intiżi biex jintużaw bħala trakters”*

F'din is-sentenza, li l-fatti tagħha ġew imfissra iktar 'il fuq<sup>50</sup>, fil-kuntest tal-proċeduri ġudizzjarji mibdija minn KME dwar il-BTI, il-Gerechtshof Amsterdam (il-Qorti tal-Appell ta' Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-validità tar-Regolament Nru 1051/2009 kif ukoll, fejn meħtieġ, dwar is-subintestaturi li taħthom għandhom jiġu kklassifikati l-vetturi kkonċernati.

Il-partijiet fil-kawża prinċipali u l-qorti tar-rinviju sostnew li, minkejja li l-vetturi msemmija fir-Regolament Nru 1051/2009 u dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma kinux identiċi, huma kienu simili biżżejjed sabiex dan ir-regolament japplika b'analoġija. Madankollu, il-qorti tar-rinviju ġewha dubji dwar il-validità tal-imsemmi regolament, minħabba n-nuqqas ta' tagħmir speċifiku bħal power take-off, apparat idrawliku għall-irfiġ u winċ.

Il-qorti tar-rinviju rrilevat ukoll li n-Noti ta' spjega dwar is-subintestaturi tariffarji jirreferu għal tagħmir speċifiku bħal winċ għat-trakters forestali, iżda jiddeskrivu t-trakters agrikoli biss bħala “ġeneralment” mgħammra b'apparat idrawliku għall-irfiġ u b'power take-off. Din l-osservazzjoni qajmet kwistjonijiet dwar jekk ir-Regolament Nru 1051/2009 japplikax għall-vetturi għal kull terren simili, li jistgħu jiġu kklassifikati bħala trakters agrikoli mqar jekk ma jkunux mgħammra b'dawn l-apparati.

<sup>50</sup> Għall-fatti u għall-kuntest ġuridiku tat-tilwima, ara Taqsima II.2.2, intitolata “L-użu maħsub tal-prodott”.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, b'mod partikolari, li, meta qorti nazzjonali jiġiha dubju dwar il-validità ta' regolament ta' klassifikazzjoni tariffarja li hija għandha tapplika b'analoġija għal prodotti analogi biżżejjed għal dawk imsemmija f'dan ir-regolament, ikun iġġustifikat li hija tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja talba għal deċiżjoni preliminari dwar il-validità tagħha.

Finalment, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-punt 2 tal-Anness tar-Regolament Nru 1051/2009 huwa invalidu inkwantu jikklassifika l-vettura deskritta fih taħt is-subintestatura 8701 90 90 tan-NM <sup>51</sup> flok taħt xi waħda mis-subintestaturi 8701 90 11 sa 8701 90 39, li jikkorrispondu għas-saħħa tal-magna tal-vettura.

**Sentenza tal-15 ta' Diċembru 2016, LEK(C-700/15, [EU:C:2016:959](#))**

*“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Nomenklatura Magħquda – Klassifikazzjoni tal-merkanzija – Supplimenti tal-ikel li jaqgħu taħt l-intestatura tariffarja 2106 – Ingredjent attiv bħala komponent essenzjali – Klassifikazzjoni eventwali fil-Kapitolu 30 tan-Nomenklatura Magħquda – Preżentazzjoni u kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti bħala prodotti mediċinali”*

F'din il-kawża, li parti mill-kuntest ġuridiku tagħha ġiet imfissra iktar 'il fuq <sup>52</sup>, il-qorti tar-rinviju essenzjalment staqsi, permezz tal-ewwel u tat-tieni domanda, jekk in-NM <sup>53</sup> għandhiex tiġi interpretata fis-sens li prodotti, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jkollhom effetti ta' ġid għas-saħħa u li l-komponent essenzjali tagħhom ikun ingredjent attiv f'supplimenti tal-ikel ikklassifikati taħt l-intestatura tariffarja 2106 tan-NM, minkejja li l-manifattur tagħhom jippreżentahom bħala prodotti mediċinali u minkejja li jiġu kkummerċjalizzati u li jinbiegħu bħala tali, jistgħu jiġu kklassifikati taħt l-intestatura 3004 tan-NM jew jekk jaqgħux minflok taħt l-intestatura 2106 tagħha.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja indirizza, *inter alia*, il-kwistjoni jekk ir-Regolament Nru 1264/98 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 727/2012, li jikklassifikaw ċerti prodotti taħt l-intestatura 2106 tan-NM, japplikawx għall-prodotti inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li hija ġurisprudenza stabbilita li regolament ta' klassifikazzjoni għandu portata ġenerali inkwantu ma japplikax għal operatur speċifiku, iżda għall-prodotti kollha identiċi għal dak li jkun ġie eżaminat mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali. Sabiex jiġi ddeterminat, fil-kuntest tal-interpretazzjoni ta' regolament ta' klassifikazzjoni, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan tal-aħħar, jeħtieġ li tittieħed inkunsiderazzjoni, *inter alia*, il-motivazzjoni tiegħu. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-prodotti inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma humiex l-istess bħal dak

<sup>51</sup> NM fil-verżjoni tagħha li tirriżulta mir-Regolament Nru 948/2009.

<sup>52</sup> Ara Taqsima I, intitolata “Kunsiderazzjonijiet ġenerali dwar in-natura u l-portata tal-funzjonijiet tal-qorti tal-Unjoni kif ukoll dwar il-kriterji rilevanti ta' evalwazzjoni”.

<sup>53</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, kif emendat bir-Regolament Nru 1006/2011.

imsemmija f'dawn ir-regolamenti. Konsegwentement, l-imsemmija regolamenti ma japplikawx direttament għall-prodotti inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet għall-ġurisprudenza tagħha, li tgħid li l-applikazzjoni b'analoġija ta' regolament ta' klassifikazzjoni, bħalma huma r-Regolament Nru 1264/98 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 727/2012, għall-prodotti analogi ta' dawn imsemmija fir-regolamenti, tiffavorixxi interpretazzjoni konsistenti tan-NM kif ukoll l-ugwaljanza fit-trattament tal-operaturi. Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, il-Qorti tal-Ġustizzja għaddiet, imbagħad, sabiex tipparaguna l-karatteristiċi u l-proprjetajiet oġġettivi tal-prodotti li jsemmu l-imsemmija regolamenti u l-prodotti inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet, għalhekk, li dawn il-prodotti kellhom l-istess ingredjent attiv bħall-prodotti kklassifikati mir-Regolament Nru 1264/98 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 727/2012 u li d-distinzjoni bejn dawn it-tnejn hija biss il-konċentrazzjoni ta' mikroorganiżmi u l-eċċipjenti użati.

Abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja żammet li dawn il-prodotti, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jkollhom effetti ta' ġid għas-saħħa u li l-komponent essenzjali tagħhom ikun ingredjent attiv f'supplimenti tal-ikel ikklassifikati taħt l-intestatura tariffarja 2106 tan-NM, minkejja li l-manifattur tagħhom jippreżentahom bħala prodotti mediċinali u minkejja li jiġu kkummerċjalizzati u li jinbiegħu bħala tali, jistgħu jaqgħu taħt din l-intestatura.

### **Sentenza tat-13 ta' Settembru 2018, Vision Research Europe (C-372/17, [EU:C:2018:708](#))**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tariffa doganali komuni – Intestaturi tariffarji – Klassifikazzjoni tal-merkanzija – Kamera li għandha memorja volatili, bil-konsegwenza li r-reġistrazzjoni ta' immaġni fil-kamera jintilfu meta tittieħed immaġni oħra jew meta l-kamera tintefa – Nomenklatura Magħquda – Subintestaturi 8525 80 19 u 8525 80 30 – Noti ta' spjega – Interpretazzjoni – Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 113/2014 – Interpretazzjoni – Validità"*

F'din is-sentenza, li l-fatti tagħha ġew imfissra iktar 'il fuq <sup>54</sup>, sa fejn kellu x'jaqsam l-eżami tal-validità tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 113/2014, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, minn naħa, li, skont ġurisprudenza stabbilita, regolament ta' klassifikazzjoni għandu portata ġenerali inkwantu ma japplikax għal operatur speċifiku, iżda għall-prodotti kollha identiċi għal dak li jkun ġie eżaminat mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali. Sabiex jiġi ddeterminat, fl-interpretazzjoni ta' regolament ta' klassifikazzjoni, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan tal-aħħar, jeħtieġ li tittieħed inkunsiderazzjoni, *inter alia*, il-motivazzjoni tiegħu.

<sup>54</sup> Ara Taqsimha II.1.4, intitolata "Regoli 4 sa 6 – regola ġenerali, regola speċifika li tapplika għal ċerti kontenituri, regola dwar il-paraguni bejn subintestatura u oħra".

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet li mill-paragun tal-karatteristiċi tal-apparati msemmija fir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 113/2014 u minn dawk tal-kamera inkwistjoni fil-kawża prinċipali rriżulta li dawn l-apparati ma kinux identiċi u, għaldaqstant, li dan ir-regolament ma japplikax direttament għall-kamera kontenzjuża.

Madankollu, minn naħa, mill-ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, jekk regolament ta' klassifikazzjoni ma jkunx japplika direttament għal prodotti li ma jkunux identiċi għall-prodott li jkun is-suġġett ta' dan ir-regolament, iżda li jkunu biss analogi għalih, dan tal-aħħar għandu japplika b'analoġija għal tali prodotti. F'dan ir-rigward, ikun biżżejjed li l-prodotti li jkollhom jiġu kklassifikati u dawk imsemmija fir-regolament ta' klassifikazzjoni jkunu simili biżżejjed.

Billi l-apparati msemmija fir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 113/2014 kienu simili għall-kamera inkwistjoni fil-kawża prinċipali sa fejn kellhom x'jaqsmu l-karatteristiċi u l-proprjetajiet oġġettivi tagħhom, dan kien ifisser li r-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 113/2014 kien japplika, b'analoġija, għall-imsemmija kamera. Konsegwentement, kellha tiġi eżaminata l-validità ta' dan tal-aħħar.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, sa fejn għandha x'taqsam l-applikazzjoni tan-NM, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ta lill-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mal-esperti doganali tal-Istati Membri, setgħa wiesgħa ta' evalwazzjoni sabiex tippreċiża l-kontenut tal-intestaturi tariffarji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-klassifikazzjoni ta' merkanzija partikolari. Madankollu, is-setgħa tal-Kummissjoni li tiegħu l-miżuri msemmija fl-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament Nru 2658/87, bħall-klassifikazzjoni tal-merkanzija, ma tawtorizzahomx tibdel il-kontenut tal-intestaturi tariffarji li jkunu ġew iddefiniti abbażi tas-SA, stabbilita bil-Konvenzjoni dwar is-SA, li l-Unjoni ntrabtet, taħt l-Artikolu 3 ta' din tal-aħħar, li ma tibdilx il-portata tagħha.

F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li r-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 113/2014 kien jikklassifika taħt is-subintestatura 8525 80 19 tan-NM l-"kamas b'veloċità għolja". Ir-raġunijiet għall-imsemmija klassifikazzjoni huma bbażati fuq il-konstatazzjoni li l-"ħżin temporanju f'memorja volatili ma jitqiesx bħala rrekordjar fl-apparat billi x-xbihat jintilfu hekk kif jintefa l-apparat". Issa, kif kienet diġà spjegat l-Qorti tal-Ġustizzja, il-kapaċità tal-apparati fotografiċi diġitali li jirrekordjaw xbihat fissi f'memorja interna hija karatteristika essenzjali tal-merkanzija li taqa' taħt is-subintestatura tariffarja 8525 80 30 tan-NM, mingħajr ma jingħata kas tal-kwistjoni jekk din il-kapaċità ta' rrekordjar hijiex waħda temporanja jew permanenti.

Billi r-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 113/2014 kien jeskludi, għall-kuntrarju ta' dak li jirriżulta mis-subintestatura 8525 80 30 tan-NM, l-apparati ta' din is-subintestatura li jirrekordjaw temporanjament xbihat f'memorja volatili u, għalhekk, kien jikklassifika l-"kamas b'veloċità għolja" taħt is-subintestatura 8525 80 19 tan-NM, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li dan ir-regolament ta' implimentazzjoni kien inkompatibbli mal-portata tas-subintestatura 8525 80 30 tan-NM.

Konsegwentement, il-Kummissjoni, billi adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 113/2014, bidlet il-portata tas-subintestatura 8525 80 30 tan-NM, u dan billi llimitatha, u marret lil hinn mis-setgħat mogħtija lilha mill-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament Nru 2658/87.

B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li s-subintestatura 8525 80 30 tan-NM għandha tiġi interpretata fis-sens li kamera, b'ħall-kamera inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jkollha l-kapaċità tiġbed numru kbir ta' xbihat fotografiċi kull sekonda u li żżommhom f'memorja volatili interna, li minnha dawn jiṭhassru hekk kif tintefa l-kamera, għandha taqa' taħt l-imsemmija subintestatura u li r-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 113/2014, inkwantu kien japplika b'analoġija għal prodotti bil-karatteristiċi tal-imsemmija kamera, kien invalidu.

### 3. Opinjonijiet ta' klassifikazzjoni u informazzjoni tariffarja vinkolanti

#### 3.1. Opinjonijiet ta' klassifikazzjoni tal-WCO u tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali

Sentenza tad-19 ta' Novembru 1975 (Il-Qorti tal-Ġustizzja f'seduta plenarja), *Douaneagent der Nederlandse Spoorwegen* (38/75, [EU:C:1975:154](#))

*“Duplikaturi kserografici”*

Fit-28 ta' April 1971, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali importa, minn pajjiż terz, duplikatur kserografiku għar-riproduzzjoni ta' dokumenti. L-amministrazzjoni doganali Olandiża kklassifikat dan l-apparat taħt l-intestatura tariffarja 90.07 A, “apparati fotografiċi”, tat-TDK <sup>55</sup> u applikat għalih dazju ta' 14 %. Din il-klassifikazzjoni kienet tikkorrispondi għal nota addizzjonali, li ddaħħlet fil-Kapitolu 90 tat-TDK bir-Regolament Nru 1/71 (iktar 'il quddiem in-“nota addizzjonali kontenjuża”), li emenda t-TDK b'effett mill-1 ta' Jannar 1971, u li kienet tgħid hekk: “l-apparati għar-riproduzzjoni awtomatika ta' dokumenti bi proċess elettrostatiku, mgħammra b'sistema ottika għall-irrekordjar ta' xbihat, għandhom jiġu kklassifikati wkoll taħt is-subintestatura 90.07 A” [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Din in-nota kienet, min-naħa tagħha, tikkorrispondi għal opinjoni ta' klassifikazzjoni mogħtija f'Diċembru 1965 mill-Kunsill għal Kooperazzjoni Doganali, responsabbli sabiex jiżgura l-eżekuzzjoni tal-Konvenzjoni tal-15 ta' Diċembru 1950 dwar in-Nomenklatura għall-Klassifikazzjoni tal-Oġġetti fit-Tariffi Doganali (iktar 'il quddiem il-“Konvenzjoni dwar in-Nomenklatura”) <sup>56</sup>

Madankollu, qabel l-1 ta' Jannar 1971, l-amministrazzjoni doganali Olandiża kienet ikklassifikat l-apparat inkwistjoni taħt l-intestatura 84.54 B, “magni u apparati oħra għall-

<sup>55</sup> TDK fl-Anness I tar-Regolament Nru 950/68, kif emendat bir-Regolament Nru 1/71.

<sup>56</sup> Konvenzjoni dwar in-Nomenklatura għall-Klassifikazzjoni tal-Oġġetti fit-Tariffi Doganali, iffirmata fi Brussell fil-15 ta' Diċembru 1950.

uffiċju”, b’osservanza ta’ żewġ deċiżjonijiet tat-Tarief commissie (it-Tribunal Amministrattiv ta’ istanza finali f’kawżi ta’ materja fiskali) tat-2 ta’ Frar 1970.

Billi d-dazju li kien japplika għall-merkanzija tal-intestatura 84.54 B kien tnaqqas, fil-kuntest tan-negozjati multilaterali tal-Ftehim Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT), għal 7 %, ir-rikorrent kien tal-fehma li n-nota addizzjonali kontenzjuża, billi “ċaqalqet” il-merkanzija kontenzjuża minn taħt intestatura kkonsolidata ta’ 7 % għal taħt waħda suġġetta għal dazju ta’ 14 %, kienet tmur kontra l-Artikolu II ta’ dan il-ftehim. Billi l-ilment tiegħu ġie miċħud, huwa ppreżenta rikors quddiem it-Tribunal Amministrattiv ta’ istanza finali f’kawżi ta’ materja fiskali li ddeċieda li jistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, *inter alia*, jekk in-nota addizzjonali kontenzjuża kinitx tikser l-obbligi li kienu jirriżultaw mill-Konvenzjoni dwar in-Nomenklatura – b’mod partikolari, l-Artikolu II(b)(ii) – li kien jikkonċerna l-projbizzjoni li jsiru emendi fin-noti tal-kapitoli u tat-taqsimiet li setgħu jalteraw il-portata tal-kapitoli, tat-taqsimiet u tal-intestaturi tan-Nomenklatura.

Qabel xejn, il-Qorti tal-Ġustizzja kkjarifikat li l-Unjoni ħadet post l-Istati Membri fl-impenji taħt il-Konvenzjoni dwar in-Nomenklatura u l-konvenzjoni tal-istess data li waqqfet il-Kunsill għal Kooperazzjoni Doganali <sup>57</sup> u, konsegwentement, kienet marbuta bl-imsemmija impenji.

F’dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, fost l-impenji inklużi fl-ewwel waħda minn dawn il-konvenzjonijiet kien hemm l-obbligu, fl-Artikolu II(b)(ii), tal-partijiet kontraenti li “ma jagħmlu ebda bidla fin-nota tal-kapitoli u tat-taqsimiet li tkun tista’ temenda l-portata tal-kapitoli, tat-taqsimiet u tal-intestaturi fin-Nomenklatura”.

Barra minn hekk, l-opinjonijiet ta’ klassifikazzjoni tal-Kunsill għal Kooperazzjoni Doganali ma jorbtux lill-partijiet kontraenti, iżda għandhom effett fuq l-interpretazzjoni li huwa iktar u iktar deċiżiv billi joħroġu minn awtorità fdata mill-partijiet kontraenti sabiex tiżgura uniformità fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tan-NM. Interpretazzjoni simili, meta tkun tirrifletti wkoll l-prassi li ġeneralment isegwu l-Istati kontraenti, tista’ titwarrab biss jekk din tkun tidher inkompatibbli mat-termini tal-intestatura inkwistjoni jew jekk ikun ċar li hija tmur lil hinn mis-setgħa ta’ evalwazzjoni mogħtija lill-Kunsill għal Kooperazzjoni Doganali.

Fid-dawl ta’ dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, minħabba l-livell ta’ xebh bejn il-proċess fotografiċi u l-proċessi kserografici għal irrekordjar ta’ xbihat, ma kienx jidher li l-kundizzjonijiet, li taħthom kellha titwarrab opinjoni ta’ klassifikazzjoni minħabba li tkun inkompatibbli mal-intestatura kkonċernata, kienu ssodisfatti. Konsegwentement, in-nota addizzjonali kontenzjuża ma kinitx inkompatibbli mal-obbligi taħt il-Konvenzjoni dwar in-Nomenklatura.

B’hekk, minn dawn il-kunsiderazzjonijiet irriżulta li l-eżami tal-proċess ma kixef ebda fattur li seta’ affettwa l-validità tan-nota addizzjonali kontenzjuża.

---

<sup>57</sup> Konvenzjoni li twaqqaf il-Kunsill għal Kooperazzjoni Doganali, iffirmata fi Brussell fil-15 ta’ Diċembru 1950.

**Sentenza tal-10 ta' Novembru 2011, X u X BV (C-319/10 u C-320/10, [EU:C:2011:720](#))**

*“Tariffa Doganali Komuni – Nomenklatura Magħquda – Klassifikazzjoni tariffarja – Laħam tat-tiġieġ iddissussat, iffriżat u mmellaħ – Validità u interpretazzjoni tar-Regolamenti (KE) Nru 535/94, Nru 1832/2002, Nru 1871/2003, Nru 2344/2003 u Nru 1810/2004 – Nota addizzjonali 7 għall-Kapitolu 2 tan-Nomenklatura Magħquda – Deċiżjoni tal-Korp ta' Riżoluzzjoni ta' Tilwim tad-WTO – Effetti legali”*

Fil-kawża li wasslet għal din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tirrispondi, b'mod partikolari, għad-domanda jekk, fl-interpretazzjoni jew fl-evalwazzjoni tal-validità tan-nota addizzjonali fir-Regolament Nru 1810/2004<sup>58</sup>, kienx possibbli li tiġi invokata d-deċiżjoni tal-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim (iktar 'il quddiem id-“DSB”), imwaqqaf fi ħdan il-WTO, sa fejn għandha x'taqsam l-interpretazzjoni tat-terminu “mielaħ” imsemmi fl-intestatura 0210, meta d-dikjarazzjoni fis-sistema doganali għal rilaxx għal ċirkolazzjoni libera tkun saret qabel ġiet adottata din id-deċiżjoni.

It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet tikkonċerna l-klassifikazzjoni doganali tal-laħam tat-tiġieġ iffriżat li jkun tneħħielu l-għadam, b'livelli varji ta' melħ, ta' bejn 0.6% u 1 %. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali sostnew li l-laħam kellu jiġi kklassifikat taħt is-subintestatura 0210 99 39 tan-NM u żammew li ż-żieda ta' melħ, anki inqas minn 1.2 %, tibdel il-karattru tal-laħam – teżi bbażata fuq id-deċiżjonijiet tad-DBS. L-awtoritajiet doganali, għall-kuntrarju, sostnew li l-merkanzija kellha tiġi kklassifikata taħt is-subintestatura 0207 14 10, abbażi tan-nota addizzjonali kontenżjuża. Il-qorti tar-rinviju enfasizzat l-importanza tal-interpretazzjoni ta' din in-nota u tal-validità tal-regolamenti, kif ukoll tal-impatt tad-deċiżjonijiet tal-WTO fuq l-eżitu tat-tilwima.

Sa fejn kellha x'taqsam, fl-ewwel lok, il-kwistjoni jekk kienx possibbli li tiġi evalwata l-validità tan-nota addizzjonali kontenżjuża fid-dawl tal-deċiżjoni tad-DSB, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-ftehimiet tal-WTO ma humiex, bħala prinċipji, fost ir-regoli li fid-dawl tagħhom il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tistħarreġ il-legalità tal-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Huwa biss fil-każ fejn l-Unjoni tkun biħsiebha teżegwixxi obbligu speċifiku fil-kuntest tal-WTO jew, f'dan il-każ, fejn l-att tal-Unjoni jkun jirreferi b'mod espliċitu għal dispożizzjonijiet speċifiċi tal-ftehimiet tal-WTO li l-Qorti tal-Ġustizzja jkollha tistħarreġ il-legalità tal-att inkwistjoni fid-dawl tar-regoli tal-WTO.

Barra minn hekk, operatur ekonomiku ma jistax isostni quddiem qorti ta' Stat Membru li regolament tal-Unjoni jkun inkompatibbli ma' ċerti regoli tal-WTO, meta d-DBS ikun iddikjara l-imsemmi regolament inkompatibbli ma' dawn tal-aħħar. Barra minn hekk, ikun laħaq skada t-terminu raġonevoli previst fil-kuntest tas-sistema għas-soluzzjoni tat-tilwim imwaqqfa bil-ftehimiet tal-WTO u mogħti lill-Unjoni sabiex l-Unjoni tosserva din id-deċiżjoni.

<sup>58</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, kif emendat bir-Regolament Nru 1810/2004.

Il-possibbiltà għal operatur ekonomiku li jsostni quddiem il-qorti tal-Unjoni li regolament ta' din tal-aħħar ikun inkompatibbli ma' deċiżjoni tad-DSB lanqas ma setgħet tiġi aċċettata. Fil-fatt, ir-rakkomandazzjonijiet u d-deċiżjonijiet tal-DSB li jikkonstataw in-nuqqas ta' osservanza tar-regoli tal-WTO ma jistgħux, bħala prinċipju, u tkun xi tkun il-portata ġuridika tagħhom, jingħażlu fundamentalment mir-regoli materjali li jirriflettu l-obbligi li jkun daħal għalihom membru fil-kuntest tal-WTO. B'hekk, rakkomandazzjoni jew deċiżjoni tad-DSB li tikkonstata n-nuqqas ta' osservanza tal-imsemmija regoli ma tistax, bħalma lanqas ma jistgħu r-regoli materjali fil-ftehimiet tal-WTO, jiġu invokati quddiem il-qorti tal-Unjoni sabiex jiġi stabbilit jekk regolament ta' din tal-aħħar ikunx inkompatibbli ma' din ir-rakkomandazzjoni jew din id-deċiżjoni.

F'dan il-każ, minn naħa, fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, la mill-proċess u lanqas mill-premessi tar-regolamenti kkonċernati ma jirriżulta li l-Kummissjoni, billi adottat dawn ir-regolamenti, kienet biħsiebha teżegwixxi, fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, obbligu speċifiku li hija daħlet għaliha fil-kuntest tal-WTO. Min-naħa l-oħra, ebda wieħed minn dawn ir-regolamenti ma jirreferi b'mod espliċitu għal dispożizzjonijiet speċifiċi tal-ftehimiet tal-WTO. Barra minn hekk, id-deċiżjoni tad-DSB ingħatat wara li ġraw il-fatti tal-kawża prinċipali u t-terminu raġonevoli għall-implimentazzjoni tagħha skada fis-27 ta' Ġunju 2006.

Minn dan irriżulta li, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-validità tan-nota addizzjonali kontenzjuża fir-Regolament Nru 1810/2004, ma kienx possibbli, fi kwalunkwe każ, li d-deċiżjoni tad-DSB tiġi invokata f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

Sa fejn kellha x'taqsam, fit-tieni lok, il-kwistjoni jekk kienx possibbli li n-nota addizzjonali kontenzjuża tiġi interpretata fid-dawl tad-deċiżjoni tad-DSB, is-supremazija tal-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni fuq it-testi tad-dritt sekondarju tal-Unjoni titlob li dawn tal-aħħar jiġu interpretati, sa fejn possibbli, b'osservanza ta' dawn il-ftehimiet. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rreferiet għal rapporti ta' bord tad-WTO jew tal-Korp tal-Appell tad-WTO insostenn tal-interpretazzjoni tagħha ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-ftehimiet WTO.

Madankollu, minkejja li huwiex eskluż li deċiżjoni tad-DSB tkun tista', taħt ċerti ċirkustanzi, tiġi invokata għall-finijiet tal-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, f'dan il-każ, l-interpretazzjoni tad-deċiżjoni tad-DSB li ressuq r-rikorrenti fil-kawża prinċipali u l-qorti tar-rinviju kienet, fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, ġejja minn qari żbaljat tal-imsemmija deċiżjoni.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, f'ċirkustanzi li taħthom id-dikjarazzjonijiet fis-sistema doganali għal rilaxx għal ċirkolazzjoni libera jkunu saru qabel is-27 ta' Settembru 2005, ma kienx possibbli li jiġu invokati d-deċiżjoni tal-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tal-WTO u ż-żewġ rapporti tal-Bord tad-WTO la fl-interpretazzjoni tan-nota addizzjonali kontenzjuża fir-Regolament Nru 1810/2004 u lanqas fl-evalwazzjoni tal-validità ta' din in-nota addizzjonali.

### 3.2. Informazzjoni tariffarja vinkolanti

Sentenza tat-2 ta' Diċembru 2010, Schenker (C-199/09, [EU:C:2010:728](#))

*“Regolament (KEE) Nru 2454/93 – Dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità – Artikolu 6(2) – Applikazzjoni għal informazzjoni tariffarja li torbot – Kunċett ta' ‘tip wieħed biss ta' merkanzija”*

Fil-kawża li wasslet għal din is-sentenza, il-qorti tar-rinviju għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja domanda preliminari dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament Nru 2454/93, li jgħid li talba għal BTI tista' tikkonċerna biss tip wieħed ta' merkanzija. Il-qorti tar-rinviju staqsi, b'mod partikolari, jekk din id-dispożizzjoni għandhiex tiġi interpretata fis-sens li talba għal BTI għandha tiġi limitata għal tip wieħed ta' merkanzija u, għaldaqstant, ma tistax tikkonċerna iktar minn tip wieħed ta' merkanzija mqar jekk id-differenzi bejn dawn it-tipi ta' merkanzija jkunu minimi. Din id-domanda preliminari tammonta għal eżami jekk pannelli LCD tal-likwidu bejn is-solidi tal-kristalli u l-likwidu ordinarju, b'hal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, kinux “tip wieħed ta' merkanzija” fis-sens tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament Nru 2454/93.

Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, qabel xejn, li l-Kodiċi Doganali u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kodiċi Doganali ma fihom ebda definizzjoni tal-kunċett ta' “tip wieħed ta' merkanzija” użat fl-Artikolu 6(2) ta' dan ir-regolament. Għandhom, għalhekk, għall-interpretazzjoni tal-imsemmi kunċett, jittieħdu inkunsiderazzjoni t-termini, il-kuntest u l-għanijiet tal-imsemmija dispożizzjoni.

Imbagħad, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, l-ewwel nett, li, skont il-kliem użat fl-imsemmi Artikolu 6(2), li jirreferi għal “tip wieħed ta' merkanzija”, talba għal BTI tista' tikkonċerna tipi differenti ta' merkanzija jekk kemm-il darba dawn tal-aħħar ikunu tal-istess tip. Fid-dawl tat-tifsira normali ta' dan it-terminu tal-aħħar, hija biss il-merkanzija li jkollha karatteristiċi simili li tista' tikkostitwixxi “tip wieħed ta' merkanzija”.

It-tieni, sabiex jiġi ddeterminat liema differenzi jżommu milli tipi ta' merkanzija b'karatteristiċi simili jitqiesu li jappartjenu lil tip wieħed ta' merkanzija, fis-sens tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament Nru 2454/93, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li s-sistema tal-BTI għandha l-għan li tagħti lill-operatur ekonomiku ċertezza legali meta jkun hemm dubju dwar il-klassifikazzjoni tariffarja ta' merkanzija partikolari. B'hekk, il-BTI tiggarantixxi lid-detentur ta' dik l-informazzjoni li l-merkanzija tiġi kklassifikata taħt intestatura tariffarja preċiża u b'hekk dan tal-aħħar ikun jista' jkun jaf, minn qabel, l-ammont tad-dazji dovuti mat-tlestija tal-formalitajiet doganali tal-imsemmija merkanzija.

Barra minn hekk, l-imsemmija sistema tħaffef ix-xogħol tas-servizzi doganali nnifishom inkwantu l-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija li tkun is-suġġett ta' tali informazzjoni tariffarja vinkolanti hija ddeterminata għal kull dikjarazzjoni doganali futura marbuta mal-imsemmija merkanzija għal kemm iddum valida l-imsemmija informazzjoni.

Fid-dawl tal-iskop li jfittex li jilħaq ir-regolament inkwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li tipi ta' merkanzija, imqar jekk ikollhom karatteristiċi simili, ma jistgħux jitqiesu li jappartjenu lil tip wieħed ta' merkanzija fis-sens tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament Nru 2454/93 meta din tkun tista' tiġi kklassifikata taħt iktar minn intestatura jew subintestatura waħda tan-nomenklatura doganali. Fil-fatt, l-inklużjoni fl-istess talba għal BTI ta' iktar minn tip wieħed ta' merkanzija li tista' taqa' taħt iktar minn intestatura jew subintestatura waħda, barra mill-fatt li tikkumplika xogħol is-servizzi doganali, tinvolvi riskju ikbar ta' żball fl-evalwazzjoni tal-informazzjoni pprovduta fit-talba u, għaldaqstant, fid-determinazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-imsemmija merkanzija.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li talba għal BTI ma tistax tikkonċerna iktar minn tip wieħed ta' merkanzija, imqar jekk it-tipi differenti ta' merkanzija jkollhom karatteristiċi simili, meta d-differenzi bejn l-imsemmija tipi ta' merkanzija jkun jista' jkollhom effett fuq il-klassifikazzjoni tariffarja tagħhom.

Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 6(2) tar-Regolament Nru 2454/93 għandu jiġi interpretat fis-sens li talba għal BTI tista' tikkonċerna iktar minn tip wieħed ta' merkanzija jekk kemm-il darba dawn it-tipi jkunu jappartjenu lill-istess tip ta' merkanzija. Huma biss it-tipi ta' merkanzija li jkollhom karatteristiċi simili u li d-differenzi tagħhom ma jkunu bl-ebda mod rilevanti għall-klassifikazzjoni tagħhom li jistgħu jitqiesu li jappartjenu lill-istess tip ta' merkanzija fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni.

**Sentenza tal-15 ta' Settembru 2005, Intermodal Transports (C-495/03, [EU:C:2005:552](#))**

*"Tariffa Komuni ta' Dwana – Titolu tariffarju – Klassifikazzjoni fin-nomenklatura magħquda – Titolu 8709 – Trattur 'Magnum ET120 Terminal Tractor' – Artikolu 234 KE – Obbligu ta' Qorti nazzjonali li tippreżenta domanda preliminari – Kundizzjonijiet – Informazzjoni tariffarja ristretta maħruġa favur terz mill-awtoritajiet tad-dwana ta' Stat Membru ieħor dwar vettura simili"*

Intermodal, kumpannija Olandiża, iddikjarat vetturi bil-mutur għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni tagħhom, billi kklassifikathom taħt l-intestatura tariffarja 8709 tan-NM.

Wara verifika, l-awtoritajiet doganali Olandiżi qiesu, madankollu, li dawn il-vetturi kienu jaqgħu taħt is-subintestatura 8701 20 10 tan-NM. Konsegwentement, huma baġtu lil Intermodal avviż ta' ħlas supplimentari. Insostenn tar-rikors li hija ppreżentat minn dan l-avviż, Intermodal ipproduċiet, b'mod partikolari, BTI, maħruġ mill-awtoritajiet doganali Finlandiżi, li kienet tindika lil kumpannija Finlandiża bħala d-detentriċi tal-imsemmija informazzjoni tariffarja u li kienet tikklassifika vetturi simili taħt l-intestatura 8709 tan-NM. Madankollu, dan ir-rikors ġie miċħud.

Intermodal appellat fil-kassazzjoni minn din id-deċiżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju. Dik il-qorti, filwaqt li qieset li Intermodal ma setgħet tisset ebda dritt minn BTI li hija ma kinitx id-detentriċi tagħha u li kienet tikkonċerna merkanzija oħra, staqsiet jekk, f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali, qorti nazzjonali li, fil-fehma tagħha, tali BTI maħruġa lil

terz tagħmel klassifikazzjoni manifestament żbaljata fid-dawl tan-NM, hijiex marbuta li tagħmel domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, hija staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, fl-ewwel lok, jekk qorti nazzjonali adita b'tilwima li tikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' merkanzija fin-NM u li quddiemha tiġi invokata BTI dwar merkanzija simili, maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru ieħor lil persuna li ma tkunx parti fl-imsemmija tilwima, għandhiex l-obbligu li tagħmel domandi ta' interpretazzjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk hija tqis li l-imsemmija BTI ma tkunx konformi man-NM u li hija tkun biħsiebha tagħmel klassifikazzjoni tariffarja differenti minn dak li tkun għamlet din il-BTI.

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li mill-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 2913/92, li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju, jirriżulta li BTI toħloq id-drittijiet biss lid-detentur tagħha u fir-rigward biss tal-merkanzija deskritta fiha.

Konsegwentement, fil-kuntest ta' tilwima pendenti quddiem qorti ta' Stat Membru, il-partijiet ma jkollhom ebda dritt personali li jinvolkaw BTI dwar merkanzija simili maħruġa lil terz mill-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, meta, fil-kuntest ta' tilwima dwar il-klassifikazzjoni tariffarja ta' merkanzija partikolari pendenti quddiem qorti nazzjonali, tiġi prodotta BTI dwar merkanzija simili maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru ieħor lil persuna li ma tkunx parti fl-imsemmija tilwima, u li l-imsemmija qorti tqis li l-klassifikazzjoni tariffarja magħmula mill-imsemmija informazzjoni tariffarja tkun waħda żbaljata, dawn iż-żewġ fatti tal-aħħar ma jistgħux iwasslu, sa fejn għandha x'taqsam qorti li d-deċiżjonijiet tagħha jkunu jistgħu jiġu appellati fid-dritt intern, sabiex din tal-aħħar tiġi obbligata tagħmel domandi ta' interpretazzjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Sa fejn għandha x'taqsam qorti li d-deċiżjonijiet tagħha ma jkunux jistgħu jiġu appellati fid-dritt intern, l-imsemmija fatti ma jistgħux, waħedhom, ikollhom il-konsegwenza awtomatika li din tal-aħħar tiġi obbligata tagħmel domandi ta' interpretazzjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja. Tali qorti tkun, madankollu, marbuta, meta tqum quddiemha kwistjoni ta' dritt tal-Unjoni, tosserva l-obbligu tagħha li tirrinviya l-kwistjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja, sakemm hija ma tkunx ikkonstatat li l-kwistjoni mqajma ma hijiex rilevanti jew li d-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni inkwistjoni diġà kienet ġiet interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja jew li l-applikazzjoni korretta tad-dritt tal-Unjoni hija hekk ovvja li ma tħalli ebda dubju raġonevoli. L-eżistenza ta' tali possibbiltà għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi tad-dritt tal-Unjoni, tad-diffikultajiet partikolari li tqajjem l-interpretazzjoni tiegħu u tar-riskju ta' diverġenzi ġurisprudenzjali fi ħdan l-Unjoni.

F'dan ir-rigward, l-eżistenza ta' BTI maħruġa mill-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor għandha ġġiegħel lill-imsemmija qorti toqgħod partikolarment attenta fl-evalwazzjoni tagħha tal-kwistjoni jekk hemmx xi dubju raġonevoli dwar l-applikazzjoni korretta tan-

NM <sup>59</sup>, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, it-tliet kriterji ta' evalwazzjoni msemmija iktar 'il fuq,

Fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju staqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-intestatura 8709 tan-NM għandhiex tiġi interpretata fis-sens li vettura li jkollha l-karatteristiċi ta' dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqa' taħt din l-intestatura.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-kliem użat fl-intestatura 8709 tan-NM jagħmel distinzjoni bejn żewġ kategoriji ta' vetturi, it-tnejn li huma ddefiniti skont, fost oħrajn, uħud mill-karatteristiċi fiżiċi tagħhom u/jew użijiet li jistgħu jsiru minnhom. Barra minn hekk, dan il-kliem użat jagħti importanza partikolari lill-fatt li l-vetturi kkonċernati għandhom ikunu tat-tip ta' dawk użati għal finijiet ta' rmunkar fl-istazzjonijiet tal-ferrovija u, b'mod partikolari, kif jirriżulta minn ċerti verżjonijiet lingwistiċi, fuq il-pjattaformi. Tali kriterji jirreferi għall-karatteristiċi oġġettivi tat-trakter li għandhom ikunu tali li dan tal-aħħar ikun jista' naturalment jintuża fl-istazzjonijiet tal-ferrovija, b'mod partikolari fil-pjattaformi, u li huwa jkun identiku jew analogu għall-vetturi li effettivament jintużaw f'tali postijiet.

Fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, mill-karatteristiċi tal-vetturi inkwistjoni fil-kawża prinċipali kien jirriżulta li kien ovvju li dawn la kienu simili għal vetturi effettivament użati għal finijiet ta' rmunkar fl-istazzjonijiet tal-ferrovija, b'mod partikolari fil-pjattaformi, u lanqas kienu xierqa, minnhom infushom, għal tali użu. Konsegwentement, tali vetturi ma setgħux jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-intestatura 8709.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-intestatura 8709 tan-NM ma tkoprix vettura mgħammra b'mutur diżil ta' 132 kW bli jdur 2500 darba kull minuta u bi trażmissjoni awtomatika b'erba' gerijiet li jmexxu 'l quddiem u ger li jmexxi lura, li għandha kabina magħluqa kif ukoll tavla għall-irfiġh li tippermetti rfiġh sa għoli ta' 60 cm, li tiflaħ tagħbija ta' 32 000 kg u dawra tassew ċkejna li l-vettura tista' ddur dawramejt, u li hija ddisinjata sabiex iċċaqlaq semitrejlers fuq l-art u f'bini industrijali. Tali vettura la hija, effettivament, trakter użat għat-trasport tal-merkanzija u lanqas trakter tat-tip użat fl-istazzjonijiet tal-ferrovija, fis-sens ta' dan l-intestatura.

**Sentenza tas-7 ta' April 2011, Sony Supply Chain Solutions (Europe) (C-153/10, [EU:C:2011:224](#))**

*“Regolament (KEE) Nru 2913/92 – Kodiċi Doganali tal-Komunità – Artikoli 12(2) u (5), 217(1), u 243 – Regolament (KEE) Nru 2454/93 – Dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 – Artikoli 10 u 11 – Klassifikazzjoni tal-merkanzija – Informazzjoni tariffarja li torbot – Invokazzjoni minn operatur li ma jkunx id-detentur tal-istess merkanzija – Deċiżjonijiet tal-amministrazzjoni doganali nazzjonali – Aspettattivi leġittimi”*

<sup>59</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, kif emendat bir-Regolament Nru 2261/98.

Sony Supply Chain Solutions (Europe) BV (iktar 'il quddiem "SLE") kienet ippreżentat rikors kontra talba għall-ħlas tad-dazji doganali mill-awtoritajiet doganali Olandiżi dwar l-importazzjoni ta' apparati tal-logħob, fosthom il-"console" msejħa Playstation 2 Computer Entertainment System (iktar 'il quddiem il-"PS 2"). Fil-kuntest ta' dan ir-rikors, SLE bbażat ruħha fuq proċeduri bejn Sony Computer Entertainment Europe Ltd. (iktar 'il quddiem "SCEE"), li, fi żmien il-fatti tal-kawża, kienet tagħmel parti mill-istess grupp ta' kumpanniji, u l-awtoritajiet doganali tar-Renju Unit. Fid-19 ta' Ottubru 2000, dawn tal-aħħar ħarġu BTI lil SCEE li kienet tikkonċerna l-PS 2 u li kklassifikat lil din tal-aħħar taħt is-subintestatura tariffarja 9504 10 00 tan-NM <sup>60</sup>.

F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari, jekk ir-Regolament Nru 2913/92, li stabbilixxa l-Kodiċi Doganali Komunitarju, kif emendat bir-Regolament Nru 82/97, kif ukoll ir-Regolament Nru 2454/93, kif emendat bir-Regolament Nru 12/97 (iktar 'il quddiem ir-"regolament ta' applikazzjoni"), għandhomx jiġu interpretati fis-sens li d-dikjarant doganali, li jagħmel dikjarazzjonijiet doganali f'ismu, jista' jinvoka BTI li d-detentur tagħha ma jkunx hu, iżda kumpannija li huwa jkun marbut magħha u li għal talba tagħha jkun għamel dawn id-dikjarazzjonijiet.

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-għan ta' BTI huwa li l-operatur ekonomiku jingħata ċertezza legali meta jkun hemm dubju dwar il-klassifikazzjoni ta' merkanzija fin-nomenklatura doganali eżistenti u dan billi tipproteġih fil-konfront ta' kull bidla sussegwenti fil-pożizzjoni meħuda mill-awtoritajiet doganali dwar il-klassifikazzjoni ta' din il-merkanzija.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12(2) tal-Kodiċi Doganali moqrija flimkien mal-Artikoli 10 u 11 tar-regolament ta' applikazzjoni jirriżulta li BTI tista' tiġi invokata mid-detentur tagħha biss fil-konfront tal-awtoritajiet doganali li jkunu ħarġuha u fil-konfront ta' dawk ta' Stati Membri oħra. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja żammet li BTI toħloq biss drittijiet affavur tad-detentur tagħha. Madankollu, mill-Artikoli 5 u 64 tal-Kodiċi Doganali jirriżulta li r-regola li l-BTI tista' tiġi invokata biss mid-detentur tagħha ma żżommx lil dan tal-aħħar milli jagħmel dikjarazzjoni doganali permezz ta' terz. Fil-fatt, dan il-kodiċi jirregola b'mod eżawrjenti id-dritt għal rappreżentazzjoni quddiem l-awtoritajiet doganali.

Issa, kemm mid-deċiżjoni tar-rinviju u kemm mill-osservazzjonijiet issottomessi lill-Qorti tal-Ġustizzja minn SLE rriżulta li din tal-aħħar kienet aġixxiet biss bħala rappreżentanta ta' SCEE. Konsegwentement, hija ma setgħetx tinvoka, fil-konfront tal-awtoritajiet doganali Olandiżi, BTI li d-detentriċi tagħha kienet SCEE. Is-sempliċi fatt li SCEE u SLE kienu jagħmlu parti mill-istess grupp ta' kumpanniji jew li tal-aħħar kienet ir-rappreżentanta fiskali tal-ewwel fil-Pajjiżi l-Baxxi ma tax lil SLE l-kwalità ta' rappreżentanta, fis-sens tal-Artikolu 5 tal-Kodiċi Doganali.

<sup>60</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, fil-verżjoni tiegħu li tirriżulta, rispettivament, mir-Regolamenti Nru 2204/1999 u Nru 2263/2000.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 12(2) tal-Kodiċi Doganali, kif ukoll l-Artikoli 10 u 11 tar-regolament ta' applikazzjoni, għandhom jiġu interpretati fis-sens li d-dikjarant doganali, li jagħmel dikjarazzjonijiet doganali f'ismu, ma jistax jinvoka BTI li d-detentur tagħha ma jkunx hu, iżda kumpannija li huwa jkun marbut magħha u li għal talba tagħha jkun għamel dawn id-dikjarazzjonijiet.

Permezz ta' domanda oħra, il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk, fil-kuntest ta' proċedura ta' ġbir ta' dazji doganali, parti kkonċernata tistax tikkontesta dan il-ġbir billi tippreżenta BTI maħruġa, għall-istess merkanzija, fi Stat Membru ieħor. Il-qorti tar-rinviju staqsiet ukoll jekk għandhiex tittieħed inkunsiderazzjoni din il-BTI minkejja li, fi żmien l-importazzjoni, il-validità ta' din tal-aħħar kienet għadha kkontestata u li għet emendata biss wara din l-importazzjoni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkjarifikat, qabel xejn, li, skont l-Artikolu 12(2) tal-Kodiċi Doganali u l-Artikolu 11 tar-regolament ta' applikazzjoni, BTI torbot biss lill-awtoritajiet doganali meta tiġi invokata mid-detentur tagħha jew mir-rappreżentant ta' dan tal-aħħar. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-qorti, adita skont l-Artikolu 243(2) tal-Kodiċi Doganali u li quddiemha tkun għet ippreżentata BTI, ma tistax tagħti lil din il-BTI l-effetti legali relatati magħha. Madankollu, BTI tista' tiġi prodotta bħala prova minn persuna oħra li ma tkunx id-detentur tagħha. Fil-fatt, fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-kunċett ta' prova, kull mezz ta' prova li d-drittijiet proċedurali tal-Istati Membri jaċċettaw fi proċeduri analogi għal dik prevista fl-Artikolu 243 tal-Kodiċi Doganali huwa, bħala prinċipju, ammissibbli.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret il-ġurisprudenza tagħha, li tgħid li l-fatt li l-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru ieħor ikunu ħarġu, lil persuna li ma tkunx parti fl-imsemmija tilwima li biha tkun adita qorti nazzjonali, li għad-deċiżjonijiet tagħha ma jkun hemm ebda rimedju ġudizzjarju taħt id-dritt intern, BTI għal merkanzija partikolari, li tkun tidher li tirrifletti interpretazzjoni tal-intestaturi tan-NM differenti minn dik li l-imsemmija qorti tqis li għandha tadotta fir-rigward ta' prodott simili inkwistjoni fl-imsemmija tilwima, għandu, ċertament, iġiegħel lil din il-qorti toqgħod partikolarment attenta fl-evalwazzjoni tagħha tal-kwistjoni jekk hemmx dubju raġonevoli dwar l-applikazzjoni korretta tan-NM.

Minn din il-ġurisprudenza l-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet li BTI maħruġa lil terz tista' tittieħed inkunsiderazzjoni bħala prova minn qorti adita b'tilwima dwar il-klassifikazzjoni tariffarja ta' merkanzija u dwar il-ħlas sussegwenti tad-dazji doganali.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Artikolu 12(2) u (5) u l-Artikolu 217(1) tal-Kodiċi Doganali, kif ukoll l-Artikolu 11 tar-regolament ta' applikazzjoni, moqrija flimkien mal-Artikolu 243 tal-Kodiċi Doganali, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fil-kuntest ta' proċedura għall-ġbir ta' dazji doganali, parti kkonċernata tista' tikkontesta dan il-ġbir billi tipproduċi, bħala prova, BTI maħruġa għall-istess merkanzija fi Stat Membru ieħor mingħajr ma din il-BTI tkun tista' tipproduċi l-effetti legali relatati magħha. Hija, madankollu, il-qorti nazzjonali li għandha

tiddetermina jekk ir-regoli proċedurali rilevanti tal-Istat Membru kkonċernat jipprevedux il-possibbiltà li jiġu prodotti tali mezzi ta' prova.

Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju staqsiet jekk il-Kodiċi Doganali u r-regolament ta' applikazzjoni għandhomx jiġu interpretati fis-sens li politika nazzjonali li tirrikonoxxi lill-awtoritajiet nazzjonali l-possibbiltà li jirreferu, għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija ddikjarata, għal BTI maħruġa lil terz għal din l-istess merkanzija, setgħet tnissel fl-importaturi aspettattiva leġittima li dawn tal-aħħar setgħu jinvokaw din il-politika.

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, skont id-deċiżjoni tar-rinviju, fi żmien l-importazzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-manwal doganali Olandiż kien jipprevedi li "detentur biss jista' jinvoka BTI [u li,] fi kwalunkwe każ, jeħtieġ li l-merkanzija ppreżentata tkun tikkorrispondi, f'kull aspett, mad-deskrizzjoni tal-merkanzija fil-BTI. Jekk importatur jirreferi għal BTI fis-seħħ li huwa ma jkunx id-detentur tagħha, iżda jagħmel dikjarazzjoni għal sewwasew l-istess merkanzija bħal dik deskritta fil-BTI, il-klassifikazzjoni għandha tikkorrispondi ma' dik mogħtija fil-BTI".

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet għall-ġurisprudenza tagħha, li tgħid li l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi ma jistax jiġi invokat kontra dispożizzjoni speċifika ta' test tad-dritt tal-Unjoni u l-aġir ta' awtorità nazzjonali responsabbli sabiex tapplika d-dritt tal-Unjoni, li jkun imur kontra dan tal-aħħar, ma jistax inissel f'operatur ekonomiku aspettattiva leġittima ta' trattament favorevoli għalih li jkun imur kontra d-dritt tal-Unjoni.

Issa, l-Artikolu 12 tal-Kodiċi Doganali jirregola, bi preċiżjoni, il-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' BTI, il-valur ġuridiku tagħha, kif ukoll it-tul tal-validità tagħha. Barra minn hekk, l-Artikolu 10(1) tar-regolament ta' applikazzjoni jistabilixxi b'mod ċar li l-BTI tista' tiġi invokata biss mid-detentur tagħha jew mir-rappreżentant li jkun qiegħed jaġixxi f'isem dan id-detentur.

Dan ifisser li l-awtoritajiet doganali Olandiżi responsabbli sabiex japplikaw id-dritt tal-Unjoni, billi taw lil BTI l-istess valur ġuridiku bħal dak invokat minn terz jew mid-detentur tagħha, aġixxew b'mod li jmur kontra d-dritt tal-Unjoni.

Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja żammet li l-Artikolu 12 tal-Kodiċi Doganali u l-Artikolu 10(1) tar-regolament ta' applikazzjoni għandhom jiġu interpretati fis-sens li politika nazzjonali li tirrikonoxxi lill-awtoritajiet nazzjonali l-possibbiltà li jirreferu, għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija ddikjarata, għal BTI maħruġa lil terz għal din l-istess merkanzija, ma setgħetx tnissel fl-importaturi aspettattiva leġittima li dawn tal-aħħar setgħu jinvokaw din il-politika.

**Sentenza tal-14 ta' April 2011, British Sky Broadcasting Group u Pace (C-288/09 u C-289/09, [EU:C:2011:248](#))**

*“Tariffa Doganali Komuni – Klassifikazzjoni tariffarja – Nomenklatura Magħquda – Riċevituri u dekodifikaturi tat-televiżjoni diġitali bis-satellita li għandhom funzjoni ta' reġistrazzjoni – Kodiċi Doganali tal-Komunità – Artikolu 12(5)(a)(i) u (6) – Validità ratione temporis ta' informazzjoni tariffarja li torbot”*

F'din is-sentenza, li elementi mill-kuntest ġuridiku tagħha ġew imfissra iktar 'il fuq <sup>61</sup>, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tagħti risposta għad-domanda jekk BTI, li ma tkunx għadha konformi iktar man-NM minħabba d-dħul fis-seħħ ta' emenda fil-liġi, tibqax jew le valida wara d-data ta' dan id-dħul fis-seħħ.

Fit-tilwima fit-tieni kawża magħquda, Pace, kumpannija stabbilita fir-Renju Unit, kienet, fi żmien il-fatti tal-kawża, manifattur u importatur ta' kaxxi set-top b'funzjoni ta' komunikazzjoni u mgħammra b'hard disk drives (iktar 'il quddiem il-“kaxxi STB-HDD”), maħsuba għal fornituri tas-servizzi tat-televiżjoni bi ħlas (pay television). Pace importat dawn il-kaxxi set-top fir-Renju Unit, b'mod partikolari l-mudell TDS 470NB SD PVR (magħruf ukoll b'hal “kaxxa Sky+”) immanifatturat għal Sky u li din tal-aħħar issejjaħ “mudell DRX 280”.

Fit-8 ta' April 2005, il-Commissioners for Her Majesty's Revenue & Customs (iktar 'il quddiem il-“Commissioners”) ħarġu BTI lil Pace li kklassifikat il-kaxxa Sky+ taħt is-subintestatura 8528 12 91 tan-NM, kif kienet tirriżulta mir-Regolament Nru 1810/2004. Wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 1549/2006, fl-1 ta' Jannar 2007, din is-subintestatura saret is-subintestatura 8528 71 13. Id-differenzi żgħir bejn dawn il-varji kaxxi STB-HDD, f'dik li hija d-deskrizzjoni teknika jew id-deskrizzjoni tal-prodotti, ma kinux jaffettwaw il-klassifikazzjoni ta' dawn tal-aħħar.

Permezz ta' ittra tal-4 ta' Diċembru 2006 u oħra tad-29 ta' Jannar 2007, il-Commissioners informaw lil Pace bil-fatt li, “b'effett mill-1 ta' Jannar 2007, il-kodiċijiet tan-NM kienu emendati b'mod sinjifikattiv” u li “[m]inħabba l-emendi tal-kodiċijiet, il-BTI [tat-8 ta' April 2005] kienet irrevokata b'effett mill-31 ta' Diċembru 2006”.

Permezz ta' ittra tat-8 ta' Awwissu 2008, il-Commissioners ikkonfermaw li l-mudell ta' kaxxi STB-HDD TDS 460, li jiġi f'żewġ tipi, jiġi f'ier TDS 460NV u TDS 460NS, kien jaq' wkoll fl-iskop tal-BTI tat-8 ta' April 2006 sakemm din tal-aħħar baqgħet valida. Permezz ta' ittra oħra, huma kkonfermaw ukoll li, bis-saħħa tal-Artikolu 12(5)(a)(i) tal-Kodiċi Doganali, il-BTI tat-8 ta' April 2005 ma kinitx baqgħet valida b'effett mill-1 ta' Jannar 2007, minħabba emendi fil-kodiċijiet introdotti bl-emenda tas-SA u bl-aġġornament annwali tat-tariffi doganali.

<sup>61</sup> Ara Taqsimha II.2.2., intitolata “L-użu maħsub tal-prodott”. Din is-sentenza ġiet ippreżentata wkoll taħt it-Taqsimha III.1.2., “Noti ta' spjega tal-Kummissjoni”.

Fis-17 ta' Novembru 2008, il-Commissioners talbu mingħand Pace l-ħlas *a posteriori* tad-dazji doganali li kienu jikkonċerna l-kaxxi STB-HDD, inkluż il-kaxxa Sky+, importati minn Jannar 2007 sa April 2008. Din it-talba saret minħabba li l-kaxxi STB-HDD kienu ġew ikklassifikati taħt intestatura żbaljata tan-NM, jiġifieri s-subintestatura 8528 71 13, u dan meta, fil-fehma tal-Commissioners, dawn il-prodotti kellhom jiġu kklassifikati taħt is-subintestatura 8521 90 00.

Wara li talbet li d-deċizzjoni tal-Commissioners tiġi eżaminata mill-ġdid, liema talba ġiet miċħuda, Pace ppreżentat rikors kontra din id-deċizzjoni, li fih sostniet li l-BTI dwar il-kaxxi set-top inkwistjoni kienet baqgħet valida għal perijodu ta' sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 1549/2006 u li l-Artikolu 12(5)(a) tal-Kodiċi Doganali għandu jiġi interpretat fis-sens li dan ir-regolament ma huwiex "regolament" għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, *inter alia*, jekk l-Artikolu 12(5)(a)(i) tal-Kodiċi Doganali għandux jiġi interpretat fis-sens li r-Regolament Nru 1549/2006 għandu jitqies bħala regolament fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Il-qorti tar-rinviju staqsiet, b'mod iktar speċifiku, jekk BTI li ma tkunx għadha konformi iktar man-NM minħabba d-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 1549/2006 tkunx waqfet tkun valida wara d-data ta' dan id-dħul fis-seħħ.

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet għall-kliem użat fl-Artikolu 12(5)(a)(i) tal-Kodiċi Doganali, li jgħid li BTI ma tibqax valida meta, minħabba l-adozzjoni ta' regolament, hija ma tkunx konformi mal-liġi stabbilita. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkjarifikat li dan l-artikolu ma jirreferix biss għar-regolamenti li, bħar-Regolament Nru 1549/2006, jiġu adottati skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament Nru 2658/87, iżda jirreferi wkoll għal kull regolament li jaffettwa jew jiddetermina l-klassifikazzjoni tal-merkanzija fin-NM.

It-tieni, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, b'effett mill-1 ta' Jannar 2007, l-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, li fih tinsab in-NM, inbidel bit-test fl-Anness tar-Regolament Nru 1549/2006, kif jirriżulta mill-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament tal-aħħar. Fil-fatt, ir-raba' premessa tar-Regolament Nru 1549/2006 tippreċiża li, skont l-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 2658/87, l-Anness I ta' dan ir-regolament tal-aħħar għandu jinbidel, b'effett mill-1 ta' Jannar 2007, b'verżjoni sħiħa tan-NM.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja qalet li t-test tan-NM fl-Anness tar-Regolament Nru 1549/2006 ma baqax isemmi s-subintestatura 8528 12 91. Minn dan jirriżulta li BTI li tikklassifika merkanzija taħt din is-subintestatura ma baqgħetx konformi iktar man-NM u kienet, għalhekk, awtomatikament waqfet tkun valida b'effett mill-1 ta' Jannar 2007, u dan kif jitolbu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12(5)(a)(i) tal-Kodiċi Doganali.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 12(5)(a)(i) tal-Kodiċi Doganali għandu jiġi interpretat fis-sens li r-Regolament Nru 1549/2006 għandu jitqies bħala regolament fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Konsegwentement, BTI li ma tibqax konformi iktar man-NM minħabba d-dħul dis-seħħ

tar-Regolament Nru 1549/2006 tkun waqfet tkun valida wara d-data ta' dan id-dħul fis-seħħ.

#### 4. Atti oħra legalment vinkolanti

Sentenza tat-22 ta' Frar 2018, SAKSA(C-185/17, [EU:C:2018:108](#))

*“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tariffa doganali komuni – Klassifikazzjoni tal-merkanzija – Standard armonizzat Ewropew EN 590:2013 – Subintestatura 2710 19 43 tan-Nomenklatura Magħquda – Kriterji rilevanti fid-dawl tal-klassifikazzjoni ta' merkanzija bħala żjut tal-gass”*

Fl-2015, SAKSA, kumpannija Bulgara, iddikjarat xi żejt minerali fl-Uffiċju Doganali tal-port ta' Varna taħt is-subintestatura 2710 19 43 tan-NM, sabiex jiġi rrilaxxat għaċ-ċirkolazzjoni.

Is-Servizz Doganali ta' Varna bagħat żewġ kampjuni tal-merkanzija ddikjarata lil-laboratorju reġjonali doganali. Il-karatteristiċi ta' distillazzjoni u indikaturi ddeterminati oħra wrew li l-kampjun analizzat kellu karatteristiċi speċifiċi għaż-“żjut medji”, kif jirriżultaw min-Nota Addizzjonali 2(c) tal-Kapitolu 27 tan-NM.

B'hekk, is-Servizz Doganali kien tal-fehma li l-merkanzija kellha tiġi kklassifikata taħt is-subintestatura 2710 19 25 tan-NM, suġġetta għal dazji doganali ta' 4.7 % fir-rigward ta' pajjiżi terzi. Konsegwentement, id-Direttur Doganali ta' Varna rrettifika l-kodiċi tariffarja u impona ħlas supplimentari ta' dazji doganali u ta' taxxa fuq il-valur miżjud.

Is-Servizz Doganali kien ukoll tal-fehma li SAKSA kellha tinżamm responsabbli għal reat kriminali amministrattiv. Konsegwentement, id-Direttur Doganali ta' Varna impona fuqha sanzjoni pekunjarja.

SAKSA ppreżentat rikors kontra din is-sanzjoni quddiem il-Varnenski Rayonen sad (il-Qorti Distrettwali ta' Varna, il-Bulgarija), li, permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Ottubru 2016, annullat din is-sanzjoni, wara li kkonstatat li ż-żejt minerali kontenżjuż kien jikkorrispondi mad-definizzjoni ta' fjuwil għal magni li jaħdmu bid-dijżil, maħsub għal klima artika jew għal kundizzjonijiet ta' xtiewi qliel, Klassi 4, li l-karatteristiċi tiegħu huma ddeterminati bl-istandard “EN 590:2014”.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju, adita b'appell fil-kassazzjoni minn din id-deċiżjoni tal-aħħar ippreżentat mis-Servizz Doganali, staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk żejt minerali jistax jiġi kklassifikat bħala żejt tal-gass taħt is-subintestatura 2710 19 43 tan-NM <sup>62</sup>, meta dan tal-aħħar ikun jissodisfa r-rekwiżiti msemmijin fl-

<sup>62</sup> NM fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, fil-verżjoni tiegħu li tirriżulta mir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1101/2014.

istandard EN 590:2013 <sup>63</sup> dwar iż-żejt tal-gass maħsub għal klima artika jew għal kundizzjonijiet ta' xtiewi qliel.

Qabel xejn, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li s-subintestatura 2710 19 43 tan-NM, li l-kliem użat fiha jsemmi ż-żejt tal-gass b'kontenut ta' kubrit ta' mhux iktar minn 0.001 %, tagħmel parti mill-intestatura 2710 tan-NM, li tikkonċerna ż-żjut minerali (petroleum) jew ta' minerali bituminużi, minbarra ż-żjut mhux raffinati.

F'dan ir-rigward, mill-kliem użat f'dan il-punt (e), moqri flimkien mal-punt (d) ta' din in-nota addizzjonali, jirriżulta li huma meqjusin bħala "żejt tal-gass", b'mod partikolari, iż-żjut u l-preparazzjonijiet li minnhom inqas minn 65 % tal-volum, inkluż it-telf, jiddistilla f'250°Celsius u 85 % jew iktar f'350°Celsius, bil-metodu ISO 3405. Għaldaqstant, għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tariffarja ta' merkanzija bħala żejt tal-gass, hija biss ir-rata ta' distillazzjoni fit-temperaturi indikati, bil-metodu ISO 3405, li hija determinanti fil-kuntest tal-intestatura 2710 tan-NM.

Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, billi ż-żejt minerali inkwistjoni jiddistilla, bil-metodu ISO 3405, iktar minn 65 % f'250 Celsius, dan tal-aħħar ma jaqax fl-iskop tad-definizzjoni ta' "żejt tal-gass", skont in-Nota Addizzjonali 2(e) tal-Kapitolu 27 tan-NM, u ma jistax jiġi kklassifikat taħt is-subintestaturi relatati mal-prodotti li jaqgħu taħt l-iskop ta' din id-definizzjoni.

Barra minn hekk, ir-referenza għan-Nota g tat-Tabella 3 tal-Istandard EN 590:2013, li tgħid li d-definizzjoni ta' "żejt tal-gass" mogħtija fin-NM "tista' ma tapplikax għall-klassijiet iddefiniti għal klima artika jew għal xtiewi qliel, hija irrelevanti f'dan ir-rigward, billi dan l-istandard ma ġiex adottat minn korp tal-Unjoni, iżda miċ-CEN, organu rregolat mid-dritt privat. Fil-fatt, dan l-istandard ġie mfassal miċ-CEN abbażi tal-mandat M 394, mogħti mill-Kummissjoni fit-13 ta' Novembru 2006, li mbagħad, permezz tad-Direttiva 2014/77, aġġornat ir-referenza għal dan l-istandard fin-Nota 1 tal-Anness II tad-Direttiva 98/70.

Huwa minnu li mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja seta' jiġi dedott li standard armonizzat, imfassal minn organu rregolat mid-dritt privat, jista' jitqies li jagħmel parti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni meta dan l-istandard ikun inħaseb bl-inizjattiva u taħt id-direzzjoni u l-kontroll tal-Kummissjoni, u meta jipproduċi effetti legali vinkolanti wara l-pubblikazzjoni tar-referenzi tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, billi n-Nota g tat-Tabella 3 tal-Istandard EN 590:2013 ma fiha ebda metodu ta' prova, hija ma tista titqies li tagħmel parti mid-dritt tal-Unjoni u hija irrelevanti għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja żammet li żejt minerali ma jistax, minħabba l-karatteristiċi ta' distillazzjoni tiegħu, jiġi kklassifikat bħala żejt tal-gass taħt is-subintestatura 2710 19 43 tan-NM, imqar jekk dan iż-żejt ikun jissodisfa r-rekwiżiti

<sup>63</sup> Standard armonizzat EN 590, fil-verzjoni tiegħu ta' Settembru 2013, li kien japplika għat-tilwima fil-kawża prinċipali, intitolat "Fjuwils għall-vetturi bil-mutur – Fjuwils għal magni li jaħdmu bid-dijżil (żejt tal-gass) – Rekwiżiti u metodi ta' prova".

Klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija

msemmijin fl-istandard armonizzat EN 590:2013 dwar iż-żejt tal-gass maħsub għal klima artika jew għal xtiewi qliel.





IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA  
TAL-UNJONI EWROPEA

Direttorat għar-Riċerka u għad-Dokumentazzjoni

Diċembru 2025